# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 344

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

17 ta' Diċembru 2016

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE** ([1]) ..... 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72** ..... 32

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni** ([1]) ..... 46

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2287 tas-16 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 431/2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ffriżata u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat** ..... 63

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2288 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-butossidu tal-piperonil bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18** ([1]) ..... 65

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2289 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-*epsilon*-Momfluworotrin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18** ([1]) ..... 68

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2290 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-aċidu peraċetiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 11 u 12** ([1]) ..... 71

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2291 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-L(+) Aċidu lattiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1** ([1]) ..... 74

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2292 tas-16 ta' Diċembru 2016 li jistipula l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/2352** ([1]) ..... 77

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2293 tas-16 ta' Diċembru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni** ..... 79

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2294 tas-16 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 81

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2295 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/518/KE, 2002/2/KE, 2003/490/KE, 2003/821/KE, 2004/411/KE, 2008/393/KE, 2010/146/UE, 2010/625/UE, 2011/61/UE u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/484/UE, 2013/65/UE dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali minn ċerti pajjiżi, skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8353)* ([1]) ..... 83

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2296 tas-16 ta' Diċembru 2016 li twaqqaf il-grupp indipendenti ta' esperti maħtura bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew** ..... 92

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/497/KE u 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiżi terzi u lil proċessuri stabbiliti fit-tali pajjiżi, skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8471)* ([1]) ..... 100

LINJI GWIDA

★ **Linja Gwida (UE) 2016/2298 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Novembru 2016 li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2016/31)** ..... 102

★ **Linja Gwida (UE) 2016/2299 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Novembru 2016 li temenda l-Linja Gwida (UE) 2016/65 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2016/32)** ..... 117

★ **Linja Gwida (UE) 2016/2300 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Novembru 2016 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2016/33)** ..... 123

---

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2016/2284 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Diċembru 2016**

**dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) F'dawn l-aħħar 20 sena sar progress sinifikanti fl-Unjoni fil-qasam tal-emissjonijiet antropoġeniċi fl-arja u fil-qasam tal-kwalità tal-arja, b'mod partikolari permezz ta' politika dedikata tal-Unjoni, inkluża l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2005 intitolata "Strateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja" (it-"TSAP"). Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) kellha rwol strumentali f'dak il-progress billi imponiet limiti fuq l-emissjonijiet annwali totali tal-Istati Membri mill-2010 'l quddiem ta' diossidu tal-kubrit ($SO_2$), ta' ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), ta' komposti organiċi volatili mhux metaniċi (NMVOC) u ta' ammonijaka ($NH_3$). Bħala riżultat, bejn l-1990 u l-2010 l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit tnaqqsu bi 82 %, l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu tnaqqsu b'47 %, l-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili mhux metaniċi tnaqqsu b'56 % u l-emissjonijiet tal-ammonijaka tnaqqsu bi 28 % fl-Unjoni. Madankollu, kif indikat fil-Komumikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 intitolata "Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa" ("it-TSAP riveduta"), għad baqa' impatti negattivi sinifikanti fuq u riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

(2) Is-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali ([5]) jikkonferma l-objettiv tal-Unjoni tul perijodu ta' żmien twil rigward il-politika tal-arja, li jintlaħqu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jagħtux lok għal impatti negattivi sinifikanti fuq

---

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 134.

([2]) ĠU C 415, 20.11.2014, p. 23.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016.

([4]) Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi *tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).*

([5]) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna", (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

u riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u jitlob, għal dak l-għan, li jkun hemm konformità sħiħa mal-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, miri u azzjonijiet strateġiċi għal wara l-2020, sforzi msaħħa f'oqsma fejn il-popolazzjoni u l-ekosistemi jinsabu esposti għal livelli għolja ta' inkwinanti tal-arja, u sinerġiji msaħħa bejn il-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni li ġew stabbiliti, b'mod partikolari, fir-rigward tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità.

(3) It-TSAP riveduta tistabbilixxi objettivi strateġiċi ġodda għall-perijodu sal-2030 bl-għan li toqrob aktar lejn l-objettiv tal-Unjoni tul perijodu ta' żmien twil dwar il-kwalità tal-arja.

(4) L-Istati Membri u l-Unjoni jinsabu fil-proċess li jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju tal-2013 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li tfittex li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-merkurju minn sorsi eżistenti u ġodda bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ tagħha fl-2017. Jenħtieġ li l-emissjonijiet rapportati ta' dak l-inkwinant jinżammu taħt sorveljanza mill-Kummissjoni.

(5) L-Istati Membri u l-Unjoni huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila tal-1979 ("Konvenzjoni LRTAP") u għal diversi Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll sabiex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku tal-1999 li ġie rivedut fl-2012 ("il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg").

(6) Rigward is-sena 2020 u s-snin ta' wara, il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg jistabbilixxi impenji ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li jieħu s-sena 2005 bħala s-sena bażi, għal kull parti fir-rigward ta' diossidu tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili mhux metaniċi, ammonijaka u għall-partiċelli fini, jippromwovi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' karbonju iswed u jitlob li jkun hemm ġbir u żamma ta' informazzjoni dwar l-effetti negattivi ta' konċentrazzjonijiet u depożizzjonijiet ta' inkwinanti tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u għal parteċipazzjoni fil-programmi orjentati lejn l-effetti skont il-Konvenzjoni LRTAP.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-limitu massimu nazzjonali tal-emissjonijiet stabbilit bid-Direttiva 2001/81/KE jiġi rivedut sabiex jinġieb konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għal dak l-għan, l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 f'din id-Direttiva huma identiċi għal dawk stabbiliti fil-Protokoll rivedut ta' Gothenburg.

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw din id-Direttiva b'mod li jikkontribwixxi b'mod effikaċi għall-ilħuq tal-objettiv fit-tul tal-Unjoni rigward il-kwalità tal-arja kif appoġġjat mil-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u tal-objettivi tal-Unjoni rigward il-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ekosistemi billi l-livelli u d-depożizzjoni tat-tniġġis tal-arja minn inkwinanti aċidifikanti, ewtrofikanti u tal-ożonu jitnaqqsu għal livelli aktar baxxi mit-tagħbijiet u l-livelli kritiċi stabbiliti mill-Konvenzjoni LRTAP.

(9) Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għall-ksib, b'mod kosteffikaċi, tal-objettivi dwar il-kwalità tal-arja stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u għall-mitigazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima flimkien mat-titjib fil-kwalità tal-arja globalment u għat-titjib tas-sinerġiji mal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

(10) Din id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja relatati mas-saħħa fl-Unjoni billi ttejjeb il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll tiffavorixxi t-transizzjoni lejn ekonomija ekoloġika.

(11) Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkontribwixxi għat-tnaqqis progressiv tat-tniġġis tal-arja, filwaqt li tibni fuq tnaqqis li twettaq permezz ta' leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors li tindirizza emissjonijiet ta' sustanzi speċifiċi.

(12) Jenħtieġ li l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors tikseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet mistenni. L-identifikazzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors mhux effettiva tal-Unjoniu r-rispons għaliha fi stadju bikri huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-objettivi aktar ġenerali marbutin mal-kwalità tal-arja, kif jidher mid-diskrepanza bejn l-emissjonijiet reali u l-emissjonijiet waqt test ta' ossidi tan-nitroġenu minn karozzi EURO 6 li jaħdmu bid-diżil.

(13) Jenħtieġ li l–Istati Membri jkunu konformi mal-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva mill-2020 sal-2029 u mill-2030 'il quddiem. Sabiex jiġi żgurat progress li jista' jintwera fit-twettiq tal-impenji tal-2030, jenħtieġ li l-Istati Membri għandhom jidentifikaw livelli ta' emissjonijiet indikattivi fl-2025 li jkunu teknikament fattibbli u ma jinvolvux spejjeż sproporzjonati, u jenħtieġ li jippruvaw ikunu konformi ma' tali livelli. Fejn l-emissjonijiet għall-2025 ma jistgħux jiġu limitati f'konformità mal-perkors ta' tnaqqis determinat, jenħtieġ li l-Istati Membri jispjegaw ir-raġunijiet għal dik id-devjazzjoni kif ukoll il-miżuri li jwasslu lill-Istati Membri lura fuq il-perkors tagħhom fir-rapporti sussegwenti tagħhom li jiġu mħejjija skont din id-Direttiva

(14) L-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva għall-2030 'il quddiem huma bbażati fuq il-potenzjal għat-tnaqqis stmat ta' kull Stat Membru li jinsab fir-Rapport nru 16 tat-TSAP ta' Jannar 2015 ("TSAP 16"), dwar l-eżami tekniku tad-differenzi bejn l-istimi nazzjonali u dawk previsti tat-TSAP 16, u dwar l-objettiv politiku li jinżamm it-tnaqqis ġenerali tal-impatt fuq is-saħħa sal-2030 (meta mqabbel mal-2005) l-aktar viċin possibbli għal dak tal-proposta tal-Kummissjoni għal din id-Direttiva. Biex tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fit-TSAP 16.

(15) Jenħtieġ li l-konformità ma' impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tiġi evalwata b'referenza għall-istatus metodoloġiku speċifiku fil-mument li fih kien ġie stabbilit l-impenn.

(16) Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' rappurtar u l-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ikunu bbażati fuq il-konsum nazzjonali tal-enerġija u l-karburanti mibjugħa. Madankollu, xi Stati Membri jistgħu, skont il-Konvenzjoni LRTAP, li jużaw it-total tal-emissjonijiet nazzjonali kkalkulat abbażi tal-karburanti użati rigward is-settur tat-trasport bit-triq bħala bażi għall-konformità. Jenħtieġ li dik l-għażla tinżamm f'din id-Direttiva sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-liġi internazzjonali u dik tal-Unjoni.

(17) Sabiex jiġu indirizzati xi wħud mill-inċertezzi inerenti fl-istabbiliment tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg jinkludi flessibbiltajiet li jenħtieġ li jiġu inkorporati f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg jistabbilixxi mekkaniżmu biex jiġu aġġustati l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet u għal medja ta' emissjonijiet annwali nazzjonali għal massimu ta' tliet snin meta jintlaħqu ċerti kondizzjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti flessibbiltajiet f'din id-Direttiva fejn timponi impenn għal tnaqqis, li jeċċedi t-tnaqqis kosteffikaċi identifikat fit-TSAP 16 u, wkoll biex l-Istati Membri jiġu assistiti f'każ ta' avvenimenti eċċezzjonali u mhux mistennija relatati mal-ġenerazzjoni jew il-provvista tal-enerġija dment li jintlaħqu dawk il-kondizzjonijiet speċifiċi. L-użu ta' dawk il-flessibbiltajiet għandu jkun mmonitorjat mill-Kummissjoni filwaqt li jittieħed kont tal-gwida żviluppata skont il-Konvenzjoni LRTAP. Għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal aġġustamenti, l-impenji ta' tnaqqis tal-emissjoni għall-perijodu bejn 2020 u 2029 jenħtieġ li jiġu kkunsidrati li kienu stabbiliti fl-4 ta' Mejju 2012, id-data meta ġie rivedut il-Protokoll ta' Gothenburg.

(18) Jenħtieġ li kull Stat Membru jfassal, jadotta u jimplimenta programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja bil-ħsieb li jilħaq l-impenji tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u biex jagħti kontribut effettiv għall-kisba tal-objettivi dwar il-kwalità tal-arja. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet, b'mod partikolari ta' ossidi tan-nitroġenu u partiċelli fini, f'żoni u f'agglomerazzjonijiet li huma affettwati minn konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' inkwinanti tal-arja u/jew f'dawk iż-żoni u f'agglomerazzjonijiet li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tniġġis tal-arja f'żoni u f'agglomerazzjonijiet oħra, inkluż f'pajjiżi ġirien. Għal dak l-għan, jinħtieġ li l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja stabbiliti skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

(19) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn sorsi antropoġeniċi, jenħtieġ li l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jikkunsidraw miżuri applikabbli għas-setturi rilevanti kollha, inklużi l-agrikoltura, l-enerġija, l-industrija, it-trasport bit-triq, it-tbaħħir intern, it-tisħin domestiku u l-użu ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq u solventi. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu intitolati li jiddeċiedu dwar il-miżuri li jadottaw sabiex jikkonformaw mat-twettiq tal-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

(20) Fit-tfassil ta' programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu kont tal-aħjar prattiki biex jiġu indirizzati, fost oħrajn,l-inkwinantil-aktar ta' ħsara fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' gruppi sensittivi tal-popolazzjoni umana.

(21) L-agrikoltura tagħti kontribut importanti għal emissjonijiet atmosferiċi ta' ammonijaka u partiċelli fini. Sabiex jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet, jenħtieġ li l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jinkludu miżuri applikabbli għas-settur agrikolu. Jenħtieġ li tali miżuri jkunu kosteffikaċi u bbażati fuq informazzjoni u data speċifiċi, filwaqt li jittieħed kont tal-progress xjentifiku u l-miżuri preċedenti meħuda mill-Istati Membri. Il-politika agrikola komuni toffri lill-Istati Membri l-possibbiltà li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-arja b'miżuri speċifiċi. Evalwazzjoni fil-ġejjieni ser tipprovdi fehim aħjar tal-effetti ta' dawk il-miżuri.

(22) Jenħtieġ li t-titjib fil-kwalità tal-arja jinkiseb permezz ta' miżuri proporzjonati. Meta jieħdu miżuri li ser jiġu inklużi fi programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja li jkunu applikabbli għas-settur agrikolu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jittieħed kont b'mod sħiħ tal-impatti tagħhom fuq azjendi agrikoli żgħar sabiex tiġi limitata, kemm jista' jkun possibbli, kwalunkwe spiża addizzjonali.

[1] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

(23) Meta ċerti miżuri meħuda taħt il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja immirati għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet fis-settur tal-agrikoltura jkunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju, b'mod partikolari miżuri minn azjendi agrikoli li jeħtieġu bidliet sinifikanti ta' prattiki jew investimenti sinifikanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għal tali appoġġ finanzjarju u għal fondi oħrajn disponibbli tal-Unjoni.

(24) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jappoġġjaw il-bidla lejn investimenti f'teknoloġiji nodfa u effiċjenti. L-innovazzjoni tista' tgħin biex tittejjeb is-sostenibbiltà u jissolvew il-problemi f'ras il-għajn, billi ttejjeb ir-reazzjonijiet settorjali għall-isfidi tal-kwalità tal-arja.

(25) Programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja, inkluż l-analiżi li tappoġġa l-identifikazzjoni ta' politiki u miżuri, jenħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari.

(26) Sabiex ifasslu programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja li huma infurmati tajjeb u sabiex ifasslu kwalunkwe aġġornamenti sinifikanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dawk il-programmi u aġġornamenti soġġetti għal konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-awtoritajiet kompetenti fil-livelli kollha u fi żmien meta l-għażliet kollha rigward il-politiki u l-miżuri jkunu miftuħa. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet transkonfinali fejn l-implimentazzjoni tal-programm tagħhom tista' taffettwa l-kwalità tal-arja fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u dik internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (il-"Konvenzjoni Espoo") tal-1991 u l-Protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali tal-2003.

(27) L-għan ta' din id-Direttiva, fost oħrajn, huwa li tħares is-saħħa tal-bnedmin. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat f'bosta okkażjonijiet, tkun inkompatibbli mal-effett vinkolanti li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lil direttiva li teskludi, fil-prinċipju, il-possibbiltà ta' obbligu impost minn direttiva milli jiġi invokat minn persuni konċernati. Dik il-konsiderazzjoni tapplika partikolarment b'rabta ma' direttiva li għandha l-objettiv li tikkontrolla u tnaqqas it-tniġġis atmosferiku u li hi mfassla, għaldaqstant, biex tħares is-saħħa tal-bnedmin.

(28) Jenħtieġ li l–Istati Membri jippreparaw u jirrappurtaw inventarji u projezzjonijiet nazzjonali ta' emissjonijiet kif ukoll rapporti tal-inventarju informattivi dwar l-inkwinanti kollha tal-arja koperti minn din id-Direttiva, li mbagħad jenħtieġ li jippermettu lill-Unjoni li tikkonforma mad-dmirijiet tagħha ta' rappurtaġġ skont il-Konvenzjoni LRTAP u l-Protokolli tagħha.

(29) Sabiex tinżamm il-konsistenza ġenerali għall-Unjoni kollha kemm hi, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni dwar l-inventarji u l-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar l-emissjonijiet kif ukoll ir-rapporti tal-inventarju informattivi jkunu konsistenti bis-sħiħ mar-rappurtar tagħhom skont il-Konvenzjoni LRTAP.

(30) Sabiex tiġi valutata l-effettività tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw ukoll l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi, u jirrappurtaw it-tali impatti. Sabiex jiġi żgurat approċċ kosteffikaċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw l-indikaturi fakultattivi ta' monitoraġġ imsemmija f'din id-Direttiva u jenħtieġ li jikkoordinaw ma' programmi ta' monitoraġġ oħra stabbiliti skont id-Direttivi relatati u, jekk adatt, il-Konvenzjoni LRTAP.

(31) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa, li jinvolvi l-partijiet interessati kollha inkluż l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-livelli rilevanti kollha, għall-iskambju tal-esperjenza u l-prattiki tajba, b'mod partikolari biex jingħata kontribut għall-gwida u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koordinata tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mat-titjib tal-kwalità tal-arja.

(32) F'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw tixrid attiv u sistematiku ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi.

(33) Jeħtieġ li d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tiġi emendata sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ta' dik id-Direttiva mal-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Relatati mal-Ambjent tal-1998 (il-"Konvenzjoni Aarhus").

([1]) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsil 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

([2]) Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

(34) Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi u internazzjonali, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I, kif ukoll il-Parti 2 tal-Anness III u l-Anness IV, biex jiġu adattati għall-iżviluppi fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni LRTAP u fir-rigward tal-emendar tal-Anness V biex jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku u għal żviluppi fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni LRTAP. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(35) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' flessibbiltajiet u programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont din id-Direttiva, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(36) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Jenħtieġ li dawk il-penali jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

(37) Bil-ħsieb tan-natura u l-punt safejn il-modifiki li jenħtieġ li jsiru għad-Direttiva 2001/81/KE jridu jkopru, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi mibdula sabiex jittejbu ċ-ċertezza, iċ-ċarezza, u t-trasparenza legali u s-simplifikazzjoni leġislattiva. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fit-titjib tal-kwalità tal-arja, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonformaw mal-livelli massimi tal-emissjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/81/KE sakemm l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva jsiru applikabbli fl-2020.

(38) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent u għas-saħħa tal-bnedmin, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-arja, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(39) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([3]), l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur jikkunsidra li t-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti għandha tkun ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Objettivi u suġġett**

1. Sabiex tersaq lejn il-ksib ta' livelli tal-kwalità tal-arja li ma jirriżultawx f'impatti negattivi sinifikanti fuq u riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, din id-Direttiva tistabbilixxi l-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet atmosferiċi antropoġeniċi ta' diossidu tal-kubrit ($SO_2$), ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), komposti organiċi volatili mhux metaniċi (NMVOC), ammonijaka ($NH_3$) u partiċelli fini ($PM_{2,5}$) tal-Istati Membri u tirrikjedi li jitfasslu, jiġu adottati u implimentati programmi nazzjonali ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja u li jiġu sorveljati u rappurtati l-emissjonijiet għal dawk l-inkwinanti u għall-inkwinantil-oħra msemmija fl-Anness I, kif ukoll l-impatti tagħhom.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

2. Din id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll biex jinkisbu:

(a) l-objettivi dwar il-kwalità tal-arja stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u progress lejn l-objettiv fit-tul tal-Unjoni li tilħaq livelli ta' kwalità tal-arja konformi mal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

(b) l-objettivi tal-Unjoni dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi f'konformità mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali;

(c) it-tisħiħ ta' sinerġiji bejn il-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u politiki rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politiki tal-klima u l-enerġija.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal emissjonijiet tal-inkwinantimsemmija fl-Anness I mis-sorsi kollha li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħhom u fiż-żoni tagħhom ta' kontroll tat-tniġġis.

2. Din id-Direttiva ma tkoprix l-emissjonijiet fil-Gżejjer Kanarji, id-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, il-Madejra u l-Azores.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "emissjoni" tfisser ir-rilaxx ta' sustanza minn punt jew sors diffuż fl-atmosfera;

(2) "emissjonijiet antropoġeniċi" tfisser l-emissjonijiet atmosferiċi ta' inkwinanti assoċjati mal-attivitajiet tal-bniedem;

(3) "prekursuri tal-ożonu" tfisser ossidi tan-nitroġenu, komposti volatili organiċi mhux metaniċi, metan u monossidu tal-karbonju;

(4) "objettivi ta' kwalità tal-arja" tfisser il-valuri ta' limitu, il-valuri mira u l-obbligi tal-konċentrazzjoni tal-espożizzjoni għall-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

(5) "diossidu tal-kubrit" jew "$SO_2$" tfisser il-komposti kollha tal-kubrit espressi bħala diossidu tal-kubrit, inkluż it-trijossidu tal-kubrit ($SO_3$), l-aċidu tal-kubrit ($H_2SO_4$), u komposti ridotti tal-kubrit bħas-sulfur tal-idroġenu ($H_2S$), merkaptani u sulfidi tad-dimetil;

(6) "ossidi tan-nitroġenu" jew "$NO_x$" tfisser monossidu tan-nitroġenu u diossidu tan-nitroġenu, espressi bħala diossidu tan-nitroġenu;

(7) "komposti organiċi volatili mhux metaniċi" jew "NMVOC" tfisser il-komposti organiċi kollha, għajr il-metan, li huma kapaċi jipproduċu ossidanti fotokimiċi permezz ta' reazzjoni ma' ossidi tan-nitroġenu fil-preżenza tad-dawl tax-xemx;

(8) "partiċelli fini" jew "$PM_{2,5}$" tfisser partikoli b'dijametru ajrudinamiku daqs jew anqas minn 2,5 mikrometri (μm);

(9) "karbonju iswed" jew "BC" tfisser partiċelli karbonjużi li jassorbu d-dawl;

(10) "impenn nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet" tfisser l-obbligu tal-Istati Membri fit–tnaqqis ta' emissjonijiet ta' sustanza; tispeċifika it-tnaqqis ta' emissjonijiet li bħala minimu għandu jintlaħaqt fis-sena kalendarja mira' bħala perċentwal tat-total ta' emissjonijiet rilaxxati matul is-sena bażi (2005);

[1] Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

(11) "ċiklu tal-inżul u tat-tluq" tfisser iċ-ċiklu li jinkludi l-mument li l-ajruplan jidħol minn u joħroġ għal fuq ir-runway, il-ġirja għat-tluq, x'ħin jinqata' mill-art, x'ħin javviċina r-runway, l-inżul u l-attivitajiet l-oħra kollha tal-ajruplan li jseħħu f'altitudni ta' inqas minn 3 000 pied;

(12) "traffiku marittimu internazzjonali" tfisser vjaġġi fuq il-baħar jew f'ilmijiet kostali ta' bastimenti tal-bnadar kollha, għajr bastimenti tas-sajd, li jitilqu mit-territorju ta' pajjiż wieħed u li jaslu fit-territorju ta' pajjiż ieħor;

(13) "żona ta' kontroll tat-tniġġis" tfisser żona tal-baħar li tinsab mhux aktar minn 200 mil nawtiku bogħod mil-linji ta' referenza li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali, stabbilita minn Stat Membru għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġis minn bastimenti skont ir-regoli u l-istandards internazzjonali applikabbli;

(14) "Leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors" tfisser leġislazzjoni tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' inkwinantital-arja koperti minn din id-Direttiva billi jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni fis-sors.

*Artikolu 4*

**Impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet**

1. Bħala minimu, l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi annwali tagħhom ta' diossidu tal-kubrit, ta' ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili mhux metaniċi, ammonijaka, u partiċelli fini b'konformità mal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet applikabbli mill-2020 sal-2029 u mill-2030 'il quddiem, kif stabbilit fl-Anness II.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-2025 tagħhom ta' diossidu tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili mhux metaniċi, ammonijaka u partiċelli fini$_5$. Il-livelli indikattivi ta' dawk l-emissjonijiet għandhom jiġu determinati permezz ta' perkors ta' tnaqqis lineari stabbilit bejn il-livelli tal-emissjonijiet tagħhom definiti mill-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u l-livelli ta' emissjonijiet definiti mill-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-2030.

L-Istati Membri jistgħu jsegwu perkors ta' tnaqqis mhux lineari jekk dan ikun ekonomikament jew teknikament aktar effiċjenti, u sakemm mill-2025 dan jingħaqad progressivament mal-perkors ta' tnaqqis lineari u sakemm ma jaffettwa ebda impenn ta' tnaqqis ta' emissjoni għall-2030. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dak il-perkors ta' tnaqqis lineari u r-raġunijiet għaliex ikunu qed isegwuh fil-programmi nazzjonali ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).

Fejn l-emissjonijiet għall-2025 ma jistgħux jiġu limitati f'konformità mal-perkors tat-tnaqqis determinat, l-Istati Membri għandhom jispjegaw ir-raġunijiet għal dik id-devjazzjoni kif ukoll il-miżuri li jwasslu lill-Istati Membri lura fuq il-perkors tagħhom fir-rapporti tal-inventarju informattivi sussegwenti tagħhom li għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2).

3. L-emissjonijiet li ġejjin mhumiex meqjusa għall-fini ta' konformità mal-paragrafi 1 u 2:

(a) emissjonijiet mill-ajruplani lil hinn miċ-ċiklu ta' nżul u tlugħ;

(b) emissjonijiet mit-traffiku marittimu nazzjonali lejn u mit-territorji msemmija fl-Artikolu 2(2);

(c) emissjonijiet minn traffiku marittimu internazzjonali;

(d) emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu u komposti organiċi volatili mhux metaniċi minn attivitajiet li jaqgħu taħt in-Nomenklatura 2014 għar-Rappurtar (NFR) kif previst mill-kategoriji 3B (ġestjoni ta' demel) u 3D (ħamriji agrikoli) tal-Konvenzjoni LRTAP.

*Artikolu 5*

**Flessibbiltajiet**

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, f'konformità mal-Parti 4 tal-Anness IV, inventarji nazzjonali annwali aġġustati tal-emissjonijiet għal diossidu tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili mhux metaniċi, ammonijaka u partiċelli fini, meta n-nuqqas ta' konformità mal-impenji nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jirriżulta mill-applikazzjoni ta' metodi ta' inventarji tal-emissjonijiet imtejba aġġornati skont l-għarfien xjentifiku.

Għall-fini tad-determinazzjoni ta' jekk il-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness IV humiex sodisfatti, l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-snin 2020 sa 2029 għandhom jiġu kkunsidrati li ġew stabbiliti fl-4 ta' Mejju 2012.

Mill-2025 il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għall-aġġustamenti fil-każ li jkun hemm fatturi ta' emissjonijietli jkunu differenti b'mod sinifikanti minn kategoriji ta' sorsi speċifiċi meta mqabbla ma' dawk li kienu mistennija bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' norma jew standard partikolari skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors, skont il-punti 1(d)(ii) u (iii) tal-Parti 4 tal-Anness IV:

(a) l-Istat Membru ikkonċernat, wara li jkun qies is-sejbiet tal-programmi nazzjonali ta' spezzjoni u infurzar li jissorveljaw l-effettività tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors, juri li l-fatturi differenti b'mod sinifikanti ma jirriżultawx mill-implimentazzjoni tagħha fil-pajjiż jew l-infurzar ta' dik il-leġislazzjoni;

(b) l-Istat Membru kkonċernat ikun informa lill-Kummissjoni bid-differenza sinifikanti fil-fatturi ta' emissjoni li, skont l-Artikolu 11(2), għandha tinvestiga l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri.

2. Jekk f'sena partikolari Stat Membru, minħabba xitwa eċċezzjonalment kiesħa jew sajf eċċezzjonalment niexef, ma jkunx jista' jkun konformi mal-impenji tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, huwa jista' jikkonforma ma' dawk l-impenji billi jieħu medja tal-emissjonijiet annwali nazzjonali tiegħu għas-sena inkwistjoni u s-sena ta' qabel dik is-sena u s-sena ta' wara, sakemm din il-medja ma taqbiżx il-livell ta' emissjonijiet annwali nazzjonali determinat mill-impenn tal-Istat Membru.

3. Jekk f'sena partikolari Stat Membru, li għalih impenn ta' tnaqqis wieħed jew aktar stabbiliti fl-Anness II huma stabbiliti f'livell aktar strett mit-tnaqqis kosteffikaċi identifikat fit-TSAP 16, ma jistax jikkonforma mal-impenn ta' tnaqqis ta' emissjonijiet rilevanti wara li jkun implimenta l-miżuri kosteffikaċi kollha, għandu jitqies li qed jikkonforma ma dak l-impenn għat-tnaqqis ta' emissjonijiet rilevanti għal massimu ta' ħames snin, sakemm għal kull waħda minn dawk is-snin jikkumpensa għal dak in–nuqqas ta' konformità permezz ta' tnaqqis ekwivalenti tal-emissjonijiet ta' inkwinantieħor imsemmi fl-Anness II.

4. Stat Membru għandu jitqies li jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4 għal massimu ta' tliet snin, meta n-nuqqas ta' konformità mal-impenji tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu rilevanti jirriżulta minn interruzzjoni jew telf ta' kapaċità għal għarrieda u eċċezzjonali fis-sistema tal-provvista jew produzzjoni tal-enerġija u/jew tat-tisħin, li ma setax jiġi raġonevolment previst, u sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru ikkonċernat ikun wera li jkunu saru l-isforzi kollha raġonevoli, inkluż l-implimentazzjoni ta' miżuri u politiki ġodda, biex tiġi żgurata l-konformità, u li jkunu ser jibqgħu jsiru biex il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jinżamm qasir kemm jista' jkun; u

(b) l-Istat Membru ikkonċernat ikun wera li l-implimentazzjoni ta' miżuri u politiki addizzjonali ma' dawk imsemmija fil-punt (a) twassal għal spejjeż sproporzjonati, li jqiegħdu sostanzjalment f'periklu s-sigurtà tal-enerġija nazzjonali, jew joħolqu riskju sostanzjali ta' faqar enerġetiku għal parti sinifikanti tal-popolazzjoni.

5. L-Istati Membri li biħsiebhom japplikaw il-paragrafu 1, 2, 3 jew 4 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan sal-15 ta' Frar tas-sena ta' rappurtar konċernata. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-inkwinanti u l-oqsma kkonċernati u, fejn disponibbli, il-kobor tal-impatti fuq l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet.

6. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha teżamina u tevalwa jekk l-użu ta' kwalunkwe flessibbiltà għal sena partikolari jissodisfax il-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fil-Parti 4 tal-Anness IV, jew fil-paragrafi 2, 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu, fejn applikabbli.

Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-użu ta' flessibbiltà mogħtija ma jkunx f'konformità mal-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fil-Parti 4 tal-Anness IV, jew fil-paragrafi 2, 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tadotta deċiżjoni fi żmien disa' xhur mid-data tal-wasla tar-rapport rilevanti msemmi fl-Artikolu 8(4), li tinforma lill-Istat Membru kkonċernat li l-użu ta' dik il-flessibbiltà ma jistax jiġi aċċettat u tiddikjara r-raġunijiet għal dak ir-rifjut. Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem ebda oġġezzjoni fi żmien disa' xhur mid-data tal-wasla tar-rapport rilevanti msemmi fl-Artikolu 8(4), l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis l-użu ta' dik il-flessibbiltà bħala valida u aċċettata għal dik is-sena.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-regoli dettaljati għall-użu tal-flessibbiltajiet imsemmijin fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

8. Il-Kummissjoni, meta teżerċita s-setgħat tagħha skont il-paragrafi 6 u 7, għandha tqis id-dokumenti ta' gwida rilevanti żviluppati skont il-Konvenzjoni LRTAP.

*Artikolu 6*

**Programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja**

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu, jadottaw u jimplimentaw il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja rispettivi tagħhom f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness III sabiex jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi annwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 4, u biex jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 1(1).

2. Fit-tfassil, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:

(a) jivvalutaw sa liema punt is-sorsi nazzjonali ta' emissjonijiet x'aktarx li jkollhom impatt fuq il-kwalità tal-arja fit-territorji tagħhom u fl-Istati Membri ġirien tagħhom bl-użu, fejn adatt, tad-data u l-metodoloġiji żviluppati bħala parti mill-Programm Ewropew għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni (EMEP) skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni LRTAP dwar il-finanzjament fit-tul tal-programm ta' kooperazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-trasmissjoni fuq medda twila ta' inkwinanti tal-arja fl-Ewropa;

(b) iqisu l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja sabiex tintlaħaq il-konformità mal-objettivi relatati mal-kwalità tal-arja fit-territorji tagħhom u, fejn adatt, fl-Istati Membri ġirien;

(c) jagħtu prijorità lil miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju iswed meta jieħdu miżuri biex jinkisbu l-impenji nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-partiċelli fini;

(d) jiżguraw koerenza ma' pjanijiet u programmi rilevanti oħrajn stabbiliti bis-saħħa ta' rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni.

Bil-ħsieb li jikkonformaw mal-impenji nazzjonali rilevanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinkludu fil-programmi nazzjonali tagħhom għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti bħala obbligatorji fil-Parti 2 tal-Anness III u jistgħu jinkludu f'dawk il-programmi l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti bħala fakultattivi fil-Parti 2 tal-Anness III jew miżuri li jkollhom effett ta' mitigazzjoni ekwivalenti.

3. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja tagħhom tal-anqas kull erba' snin.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-politiki u l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jinsabu fil-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja għandhom jiġu aġġornati fi żmien 18-il xahar mill-preżentazzjoni tal-aħħar inventarju nazzjonali tal-emissjonijiet jew projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet jekk, skont id-data ppreżentata, l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jitħarsux jew ikun hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità.

5. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE, u lill-awtoritajiet kompetenti li, minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom fil-qasam tat-tniġġis, il-kwalità u l-ġestjoni tal-arja fil-livelli kollha, x'aktarx li jiġu milquta mill-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja, dwar l-abbozzi tal-programmi nazzjonali tagħhom ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja u kwalunkwe aġġornament sinifikanti qabel il-finalizzazzjoni ta' dawk il-programmi.

6. Fejn adatt, għandhom isiru konsultazzjonijiet transkonfinali.

7. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja, fejn adatt, permezz ta' skambju ta' prattiki tajba.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-adattament tal-Parti 2 tal-Anness III għall-iżviluppi, inkluż progress tekniku, fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni LRTAP.

9. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi gwida dwar l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.

10. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika wkoll permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-format tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

*Artikolu 7*

**Appoġġ finanzjarju**

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tiffaċilita l-aċċess għal fondi eżistenti tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw dawk il-fondi, sabiex tappoġġa l-miżuri li għandhom jittieħdu bil-ħsieb li jkun hemm konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva.

Dawk il-fondi tal-Unjoni jinkludu l-finanzjament disponibbli attwali u futur skont, fost oħrajn:

(a) il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni;

(b) il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, inkluż il-finanzjament rilevanti fil-qafas tal-politika agrikola komuni;

(c) strumenti għall-finanzjament ta' azzjoni għall-ambjent u l-klima bħall-programm LIFE.

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-possibbiltà li jinħoloq punt ta' kuntatt waħdieni, fejn kwalunkwe parti interessata tkun tista' tivverifika faċilment id-disponibbiltà ta' fondi tal-Unjoni, u l-proċeduri ta' aċċess relatati, għal proġetti li jindirizzaw tħassib dwar it-tniġġis tal-arja.

*Artikolu 8*

**Inventarji u projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet, u rapporti tal-inventarju informattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jippreparaw u jaġġornaw kull sena l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet għall-inkwinanti stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness I, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

L-Istati Membri jistgħu jħejju u jaġġornaw ta' kull sena l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet għall-inkwinanti stabbiliti fit-Tabella B tal-Anness I, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

2. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw kull erba' snin inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati u inventarji ta' sorsi lokalizzati kbar u, kull sentejn, projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet ta' inkwinanti stabbiliti fit-Tabella C tal-Anness I, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fiha.

3. L-Istati Membri għandhom ifasslu rapport tal-inventarju informattiv li għandu jakkompanja l-inventarji u l- projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella D tal-Anness I.

4. L-Istati Membri li jagħżlu flessibbiltà skont l-Artikolu 5 għandhom jinkludu l-informazzjoni li turi li l-użu ta' dik il-flessibbiltà jissodisfa l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u fil-Parti 4 tal-Anness IV jew fl-Artikolu 5(2), (3) jew (4) fejn applikabbli, fir-rapport tal-inventarju informattiv tas-sena konċernata.

5. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, (inkluż jekk ikun adatt l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet aġġustati), il-proġettazzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet, inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, inventarji ta' sorsi lokalizzati kbar u r-rapporti tal-inventarju informattivi li jakkumpanjawhom f'konformità mal-Anness IV.

6. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha ta' kull sena tħejji u taġġorna inventarji tal-emissjonijiet fl-Unjoni kollhau rapport tal-inventarju informattiv kif ukoll kull sentejn, projezzjonijiet tal-emissjonijiet fl-Unjoni kollha u, kull erba' snin, inventarji tal-Unjoni kollha tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, għall-inkwinanti kollha msemmija fl-Anness I, fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-adattament tal-Anness I u l-Anness IV għall-iżviluppi, inkluż progress tekniku u xjentifiku, fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni LRTAP.

*Artikolu 9*

**Monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis tal-arja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ ta' impatti negattivi tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi abbażi ta' netwerk ta' siti ta' monitoraġġ li jkun jirrappreżenta t-tipi ta' ekosistemi tagħhom tal-ilma ħelu, il-ħabitati naturali u seminaturali u l-foresti, filwaqt li jieħdu approċċ kosteffikaċi u bbażat fuq ir-riskji.

Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw ma' programmi ta' monitoraġġ oħra stabbiliti skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni inkluż id-Direttiva 2008/50/KE, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]) u, jekk adatt, il-Konvenzjoni LRTAP u, fejn adatt, jużaw data miġbura taħt dawk il-programmi.

Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-indikaturi fakultattivi ta' monitoraġġ elenkati fl-Anness V.

2. Il-metodoloġiji stabbiliti fil-Konvenzjoni LRTAP u l-Manwali tagħha għall-Programmi Internazzjonali ta' Kooperazzjoni jistgħu jintużaw meta tinġabar u tiġi rrappurtata l-informazzjoni elenkata fl-Anness V.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 16 sabiex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-adattament tal-Anness V għall-progress tekniku u xjentifiku u għall-iżviluppi fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni LRTAP.

*Artikolu 10*

**Rappurtar mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ewwel programm nazzjonali tagħhom għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja lill-Kummissjoni sal-1 ta' April 2019.

Meta programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jiġi aġġornat skont l-Artikolu 6(4), l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-programm aġġornat lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn.

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-aġġornamenti tagħhom fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 6.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-inventarji u l- projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet, l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, l-inventarji ta' sorsi lokalizzati kbar u r-rapporti tal-inventarju informattivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 8(1), (2) u (3) u, fejn rilevanti, fl-Artikolu 8 (4), lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mad-dati tar-rappurtar stabbiliti fl-Anness I.

Dan ir-rappurtar għandu jkun konsistenti mar-rappurtar lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni LRTAP.

([1]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, għandha tirrieżamina d-data dwar l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet fl-ewwel sena ta' rappurtar u regolarment wara dan. Dak ir-rieżami għandu jinvolvi dan li ġej:

(a) kontrolli li jivverifikaw it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata;

(b) kontrolli biex jiġu identifikati każijiet fejn id-data tal-inventarju titħejja b'mod li mhuwiex konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti skont il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari skont il-Konvenzjoni LRTAP;

(c) fejn adatt, il-kalkolu tal-korrezzjonijiet tekniċi meħtieġa li jirriżultaw, f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.

Fejn l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni ma jkunux jistgħu jilħqu qbil dwar il-ħtieġa jew dwar il-kontenut tal-korrezzjonijiet tekniċi skont il-punt (c), il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-korrezzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu applikati mill-Istat Membru konċernat.

4. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni li ġejja msemmija fl-Artikolu 9 lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent:

(a) sal-1 ta' Lulju 2018 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-post fejn jinsabu s-siti tal-monitoraġġ u l-indikaturi assoċjati li jintużaw għall-monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis tal-arja; u

(b) sal-1 ta' Lulju 2019 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, id-data ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 9.

*Artikolu 11*

**Rapporti mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' April 2020 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż valutazzjoni tal-kontribut tagħha għall-ksib tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 1, inkluż:

(a) progress lejn:

(i) il-livelli ta' emissjonijiet indikattivi u l-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kwalunkwe nuqqas ta' ksib;

(ii) il-livelli ta' kwalità tal-arja fl-ambjent f'konformità mal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

(iii) l-objettivi tal-Unjoni dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi f'konformità mas-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali;

(b) l-identifikazzjoni ta' miżuri ulterjuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jinkisbu l-objettivi msemmija fil-punt (a);

(c) l-użu ta' fondi tal-Unjoni biex jiġu appoġġati l-miżuri meħuda bil-ħsieb li jkun hemm konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva;

(d) ir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-aġġornamenti tagħhom skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1);

(e) evalwazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa, dawk ambjentali u soċjoekonomiċi ta' din id-Direttiva.

2. Fejn ir-rapport jindika li n-nuqqas ta' ksib tal-livelli indikattivi ta' emissjonijiet u impenji ta' tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4 jista' jkun riżultat ta' leġislazzjoni ineffettiva tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fil-livell tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, tinvestiga l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri filwaqt li tikkunsidra wkoll l-impatti settorjali tal-implimentazzjoni. Fejn adatt, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġislattivi, inkluż leġislazzjoni ġdida dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-impenji ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa**

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa biex jingħata kontribut għall-gwida u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koordinata tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mat-titjib tal-kwalità tal-arja, li jlaqqa' l-partijiet interessati kollha inkluż l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-livelli rilevanti kollha, il-Kummissjoni, l-industrija, is-soċjetà ċivili u l-komunità xjentifika f'intervalli regolari. Fil-Forum Ewropew dwar l-Arja Nadifa għandu jsir skambju tal-esperjenza u l-prattiki tajba, inkluż dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-tisħin domestiku u t-trasport bit-triq, li jistgħu jinfurmaw u jsaħħu l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-implimentazzjoni tagħhom.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

1. Fuq il-bażi tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 11(1), il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb li jiġi ssalvagwardjat il-progress lejn il-ksib tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 1(2), b'mod partikolari billi jitqies il-progress xjentifiku u tekniku u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija.

Jekk ikun adatt, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġislattivi għal impenji dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet għall-perijodu wara l-2030.

2. Fir-rigward tal-ammonijaka, il-Kummissjoni, fir-reviżjoni tagħha, għandha tevalwa b'mod partikolari:

(a) l-evidenza xjentifika l-aktar reċenti';

(b) aġġornamenti tad-Dokument ta' Gwida tal-UNECE dwar il-Prevenzjoni u t-Tnaqqis ta' Emissjonijiet tal-Ammonijaka minn Sorsi Agrikoli tal-2014 (id- "Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka") ([1]), il-Kodiċi Qafas tal-UNECE għall-Prattika Agrikola Tajba għat-Tnaqqis ta' Emissjonijiet tal-Ammonijaka ([2]), kif riveduti l-aħħar fl-2014;

(c) aġġornamenti tal-Aħjar Metodi Tekniċi Disponibbli kif iddefiniti fil-punt (10)fl-Artikolu 3(10) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(d) miżuri agroambjentali fil-qafas tal-politika agrikola komuni.

3. Fuq il-bażi tal-emissjonijiet nazzjonali rappurtati tal-merkurju l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-ksib tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(2) u għandha tikkunsidra miżuri biex jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet, u jekk adatt, tippreżenta proposta leġislattiva.

*Artikolu 14*

**Aċċess għall-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, jiżguraw it-tixrid attiv u sistematiku fost il-pubbliku tal-informazzjoni li ġejja billi tippubblikaha fuq sit web li jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku:

(a) il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u kwalunkwe aġġornamenti;

(b) l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, (inkluż, fejn applikabbli, l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet aġġustati), il-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet, r-rapporti tal-inventarju informattivi u rapporti u informazzjoni addizzjonali pprovduti lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10.

([1]) Id-Deċiżjoni 2012/11, ECE/EB/AIR/113/Add. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ECE/EB.AIR/127, paragrafu 36e.
([3]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

2. Il-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandha tiżgura t-tixrid attiv u sistematiku fost il-pubbliku ta' inventarji u projezzjonijiet tal-emissjonijiet fl-Unjoni kollha, kif ukoll rapporti tal-inventarju informattivi fuq sit web li jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha:

(a) is-suppożizzjonijiet sottostanti kkunsidrati għal kull Stat Membru għad-definizzjoni tal-potenzjal ta' tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali tagħhom użat għat-tħejjija ta' TSAP 16;

(b) il-lista ta' leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis tal-arja fuq il-bażi tas-sors; u

(c) ir-riżultati tal-eżami msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1).

*Artikolu 15*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u koordinazzjoni fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali**

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, kif adatt, ifittxu li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 218 tat-TFUE, ikun hemm kooperazzjoni bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi u koordinazzjoni fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), l-UNECE, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tekniku u xjentifiku, bl-għan li tittejjeb il-bażi għall-iffaċilitar tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

*Artikolu 16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(8), 8(7) u 9(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-31 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 6(8), 8(7) u 9(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ([2])

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(8), 8(7) u 9(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

([2]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandu jassistiha l-Kumitat dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/50/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-pieni jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 19*

**Emenda għad-Direttiva 2003/35/KE**

Fl-Anness I tad-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"(g) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (*).

(*) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1".

*Artikolu 20*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Lulju 2018.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu f'konformità mal-Artikolu 10(2) sal-15 ta' Frar 2017.

L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi li bihom issir tali referenza għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Tħassir u dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. Id-Direttiva 2001/81/KE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2018.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu:

(a) l-Artikoli 1 u 4 ta' u l-Anness I għad-Direttiva 2001/81/KE għandhom jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2019;

(b) l-Artikoli 7 u 8 ta' u l-Anness III għad-Direttiva 2001/81/KE għandhom jitħassru fil-31 ta' Diċembru 2016.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VI.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva b'rabta mal-livelli massimi skont l-Artikolu 4 ta' u l-Anness I għad-Direttiva 2001/81/KE.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 23*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | I. KORČOK |

*ANNESS I*

MONITORAĠĠ U RAPPURTAR TA' EMISSJONIJIET FL-ARJA

*Tabella A*

**Rekwiżiti ta' rappurtar annwali tal-emissjonijiet kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1)**

| Element | Inkwinanti | Serje kronoloġika | Dati tar-rappurtar |
|---|---|---|---|
| Emissjonijiet nazzjonali totali skont il-kategorija tas-sorsi tal-NFR (1) (2) | — $SO_2$, $NO_X$, NMVOC, $NH_3$, CO<br>— metalli tqal (Cd, Hg, Pb) (3)<br>— POPs (4) (total ta' PAHs (5), ta' benżo(a)piren, benżo(b)fluworanten, benżo(k)fluworanten, indeno(1,2,3-cd)piren, diossini/furani, PCBs (6), HCB (7)) | Annwali, mill-1990 sas-sena ta' rappurtar nieqes 2 (X–2) | 15 ta' Frar (9) |
| Emissjonijiet nazzjonali totali skont il-kategorija tas-sorsi tal-NFR (2) | — $PM_{2,5}$, $PM_{10}$ (8) u, jekk disponibbli, BC. | Annwali, mill-2000 sas-sena ta' rappurtar nieqes 2 (X–2) | 15 ta' Frar (9) |

(1) Nomenklatura għar-rappurtar (NFR) skont kif stipulat mill-Konvenzjoni LRTAP.
(2) emissjonijiet naturali għandhom jiġu rrappurtati skont il-metodoloġiji stabbiliti fil-Konvenzjoni LRTAP u l-gwida għall-inventarju tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja tal-EMEP/EEA. Ma għandhomx ikunu inklużi f'totali nazzjonali u għandhom jiġu rappurtati separatament.
(3) Cd (kadmju), Hg (merkurju), Pb (ċomb).
(4) POPs (inkwinanti organiċi persistenti).
(5) PAHs (idrokarburi poliċikliki aromatiċi).
(6) PCBs (Polychlorinated biphenyls).
(7) HCB (hexachlorobenzene)
(8) "$PM_{10}$" tfisser partiċelli b'dijametru aerodinamiku daqs jew anqas minn 10 mikrometri (μm).
(9) Sottomissjonijiet mill-ġdid minħabba żbalji għandhom isiru wara mhux aktar tard minn erba' ġimgħat u għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara dwar il-bidliet li jkunu saru.

*Tabella B*

**Rekwiżiti ta' rappurtar annwali tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1)**

| Element | Inkwinanti | Serje kronoloġika | Data tar-rappurtar |
|---|---|---|---|
| Emissjonijiet nazzjonali totali skont il-kategorija tas-sorsi tal-NFR (1) | — metalli tqal (As, Cr, Cu, Ni, Se u Zn u l-komposti tagħhom) (2)<br>— TSP (3) | Annwali, mill-1990 (2000 għal TSP,) sas-sena ta' rappurtar nieqes 2 (X–2) | 15 ta' Frar |

(1) emissjonijiet naturali għandhom jiġu rrappurtati skont il-metodoloġiji stabbiliti fil-konvenzjoni LRTAP u l-gwida għall-inventarju tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja tal-EMEP/EEA. Ma għandhomx ikunu inklużi f'totali nazzjonali u għandhom jiġu rappurtati separatament.
(2) As (arseniku), Cr (kromju), Cu (ram), Ni (nikil), Se (selenju), Zn (żingu).
(3) TSP (total ta' partikoli sospiżi).

*Tabella C*

**Rekwiżiti ta' rappurtar dwar l-emissjonijiet u l- projezzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 8(2)**

| Element | Inkwinanti | Serje kronoloġika/snin ta' mira | Dati tar-rappurtar |
|---|---|---|---|
| Data nazzjonali dwar l-emissjonijiet imqassma fi grilji skont il-kategorija tas-sorsi (GNFR) | — $SO_2$, $NO_X$, NMVOC, CO, $NH_3$, $PM_{10}$, $PM_{2,5}$<br>— metalli tqal (Cd, Hg, Pb)<br>— POPs (total ta' PAHs, HCB, PCBs, diossini/furani)<br>— BC (jekk disponibbli) | Kull erba' snin għas-sena ta' rappurtar nieqes 2 (X–2)<br>mill-2017 | 1 ta' Mejju [1] |
| Sorsi Lokalizzati Kbar (LPS) skont il-kategorija tas-sorsi (GNFR) | — $SO_2$, $NO_X$, NMVOC, CO, $NH_3$, $PM_{10}$, $PM_{2,5}$<br>— metalli tqal (Cd, Hg, Pb)<br>— POPs (total ta' PAHs, HCB, PCBs, diossini/furani)<br>— BC (jekk disponibbli) | Kull erba' snin għas-sena ta' rappurtar nieqes 2 (X–2)<br>mill-2017 | 1 ta' Mejju [1] |
| Emissjonijiet projettati, aggregati skont l-NFR | — $SO_2$, $NO_X$, $NH_3$, NMVOC, $PM_{2,5}$ u, jekk disponibbli, BC | Kull sentejn, li jkopru s-snin ta' projezzjoni 2020, 2025, 2030 u, fejn disponibbli, 2040 u 2050<br>mill-2017 | 15 ta' Marzu |

(1) Sottomissjonijiet mill-ġdid minħabba żbalji għandhom isiru fi żmien erba' ġimgħat u għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara dwar il-bidliet li jkunu saru.

*Tabella D*

**Rekwiżiti ta' rappurtar annwali dwar ir-rapport tal-inventarju informattiv kif imsemmi fl-Artikolu 8(3)**

| Element | Inkwinanti | Serje kronoloġika/snin ta' mira | Dati tar-rappurtar |
|---|---|---|---|
| Rapport tal-Inventarju Informattiv | — $SO_2$, $NO_X$, NMVOC, $NH_3$, CO, $PM_{2,5}$, $PM_{10}$<br>— metalli tqal (Cd, Hg, Pb) u BC<br>— POPs (total ta' PAHs, benżo(a)piren, benżo(b)fluworanten, benżo(k)fluworanten, indeno (1,2,3-cd)piren, diossini/furani, PCBs, HCB)<br>— Jekk disponibbli, metalli tqal (As, Cr, Cu, Ni, Se u Zn u l-komposti tagħhom) u TSP | Is-snin kollha<br>(kif indikat fit-tabelli A-B-C) | 15 ta' Marzu |

*ANNESS II*

IMPENJI NAZZJONALI GĦAT-TNAQQIS TA' EMISSJONIJIET

*Tabella A*

Impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit ($SO_2$), ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) u komposti volatili organiċi mhux metaniċi (NMVOC). L-impenji għat-tnaqqis għandhom is-sena 2005 bħala s-sena bażi, u għat-trasport bit-triq, japplikaw għal emissjonijiet ikkalkulati fuq il-bażi ta' karburanti mibjugħa (*).

| Stat Membru | Tnaqqis ta' $SO_2$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' $NO_x$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' NMVOC imqabbel mal-2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 |
| Belġju | 43 % | | 66 % | 41 % | | 59 % | 21 % | | 35 % |
| Bulgarija | 78 % | | 88 % | 41 % | | 58 % | 21 % | | 42 % |
| Repubblika Ċeka | 45 % | | 66 % | 35 % | | 64 % | 18 % | | 50 % |
| Danimarka | 35 % | | 59 % | 56 % | | 68 % | 35 % | | 37 % |
| Ġermanja | 21 % | | 58 % | 39 % | | 65 % | 13 % | | 28 % |
| Estonja | 32 % | | 68 % | 18 % | | 30 % | 10 % | | 28 % |
| Greċja | 74 % | | 88 % | 31 % | | 55 % | 54 % | | 62 % |
| Spanja | 67 % | | 88 % | 41 % | | 62 % | 22 % | | 39 % |
| Franza | 55 % | | 77 % | 50 % | | 69 % | 43 % | | 52 % |
| Kroazja | 55 % | | 83 % | 31 % | | 57 % | 34 % | | 48 % |
| Irlanda | 65 % | | 85 % | 49 % | | 69 % | 25 % | | 32 % |
| Italja | 35 % | | 71 % | 40 % | | 65 % | 35 % | | 46 % |
| Ċipru | 83 % | | 93 % | 44 % | | 55 % | 45 % | | 50 % |
| Latvja | 8 % | | 46 % | 32 % | | 34 % | 27 % | | 38 % |
| Litwanja | 55 % | | 60 % | 48 % | | 51 % | 32 % | | 47 % |
| Lussemburgu | 34 % | | 50 % | 43 % | | 83 % | 29 % | | 42 % |
| Ungerija | 46 % | | 73 % | 34 % | | 66 % | 30 % | | 58 % |
| Malta | 77 % | | 95 % | 42 % | | 79 % | 23 % | | 27 % |
| Netherlands | 28 % | | 53 % | 45 % | | 61 % | 8 % | | 15 % |
| Awstrija | 26 % | | 41 % | 37 % | | 69 % | 21 % | | 36 % |
| Polonja | 59 % | | 70 % | 30 % | | 39 % | 25 % | | 26 % |

| Stat Membru | Tnaqqis ta' $SO_2$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' $NO_x$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' NMVOC imqabbel mal-2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 |
| Portugall | 63 % | | 83 % | 36 % | | 63 % | 18 % | | 38 % |
| Rumanija | 77 % | | 88 % | 45 % | | 60 % | 25 % | | 45 % |
| Slovenja | 63 % | | 92 % | 39 % | | 65 % | 23 % | | 53 % |
| Slovakkja | 57 % | | 82 % | 36 % | | 50 % | 18 % | | 32 % |
| Finlandja | 30 % | | 34 % | 35 % | | 47 % | 35 % | | 48 % |
| Żvezja | 22 % | | 22 % | 36 % | | 66 % | 25 % | | 36 % |
| Renju Unit | 59 % | | 88 % | 55 % | | 73 % | 32 % | | 39 % |
| UE 28 | 59 % | | 79 % | 42 % | | 63 % | 28 % | | 40 % |

(*) L-Istati Membri li għandhom l-għażla li jużaw it-total nazzjonali tal-emissjonijiet kif ikkalkulat abbażi tal-karburanti użati bħala bażi għall-konformità skont il-Konvenzjoni LRTAP jistgħu jżommu dik l-għażla sabiex jiżguraw koerenza bejn il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.

*Tabella B*

Impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-ammonijaka ($NH_3$) u partiċelli fini ($PM_{2,5}$). L-impenji għat-tnaqqis għandhom is-sena 2005 bħala s-sena bażi, u għat-trasport bit-triq, japplikaw għal emissjonijiet ikkalkulati fuq il-bażi ta' karburanti mibjugħa (*).

| Stat Membru | Tnaqqis ta' $NH_3$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' $PM_{2,5}$ imqabbel mal-2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 |
| Belġju | 2 % | | 13 % | 20 % | | 39 % |
| Bulgarija | 3 % | | 12 % | 20 % | | 41 % |
| Repubblika Ċeka | 7 % | | 22 % | 17 % | | 60 % |
| Danimarka | 24 % | | 24 % | 33 % | | 55 % |
| Ġermanja | 5 % | | 29 % | 26 % | | 43 % |
| Estonja | 1 % | | 1 % | 15 % | | 41 % |
| Greċja | 7 % | | 10 % | 35 % | | 50 % |
| Spanja | 3 % | | 16 % | 15 % | | 50 % |
| Franza | 4 % | | 13 % | 27 % | | 57 % |
| Kroazja | 1 % | | 25 % | 18 % | | 55 % |
| Irlanda | 1 % | | 5 % | 18 % | | 41 % |
| Italja | 5 % | | 16 % | 10 % | | 40 % |
| Ċipru | 10 % | | 20 % | 46 % | | 70 % |
| Latvja | 1 % | | 1 % | 16 % | | 43 % |

| Stat Membru | Tnaqqis ta' $NH_3$ imqabbel mal-2005 | | | Tnaqqis ta' $PM_{2,5}$ imqabbel mal-2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 | Għal kwalunkwe sena mill-2020 sal-2029 | | Għal kwalunkwe sena mill-2030 |
| Litwanja | 10 % | | 10 % | 20 % | | 36 % |
| Lussemburgu | 1 % | | 22 % | 15 % | | 40 % |
| Ungerija | 10 % | | 32 % | 13 % | | 55 % |
| Malta | 4 % | | 24 % | 25 % | | 50 % |
| Netherlands | 13 % | | 21 % | 37 % | | 45 % |
| Awstrija | 1 % | | 12 % | 20 % | | 46 % |
| Polonja | 1 % | | 17 % | 16 % | | 58 % |
| Portugall | 7 % | | 15 % | 15 % | | 53 % |
| Rumanija | 13 % | | 25 % | 28 % | | 58 % |
| Slovenja | 1 % | | 15 % | 25 % | | 60 % |
| Slovakia | 15 % | | 30 % | 36 % | | 49 % |
| Finlandja | 20 % | | 20 % | 30 % | | 34 % |
| Żvezja | 15 % | | 17 % | 19 % | | 19 % |
| Renju Unit | 8 % | | 16 % | 30 % | | 46 % |
| UE 28 | 6 % | | 19 % | 22 % | | 49 % |

(*) L-Istati Membri li għandhom l-għażla li jużaw it-total nazzjonali tal-emissjonijiet kif ikkalkulat abbażi tal-karburanti użati bħala bażi għall-konformità skont il-Konvenzjoni LRTAP jistgħu jżommu dik l-għażla sabiex jiżguraw koerenza bejn il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.

*ANNESS III*

KONTENUT TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI GĦALL-KONTROLL TAT-TNIĠĠIS TAL-ARJA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 6 U 10

PARTI 1

**Kontenut minimu ta' programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja**

1. Il-programmi nazzjonali tal-bidu għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja msemmija fl-Artikoli 6 u 10 għandhom tal-inqas ikopru l-kontenut li ġej:

   (a) il-qafas ta' politika nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja u t-tniġġis li fil-kuntest tiegħu ġie żviluppat il-programm, inkluż:

      (i) il-prijoritajiet tal-politika u r-relazzjoni tagħhom mal-prijoritajiet stabbiliti f'oqsma ta' politika rilevanti oħra, inkluż it-tibdil fil-klima u, meta jkun adatt, l-agrikoltura, l-industrija u t-trasport;

      (ii) ir-responsabbiltajiet attribwiti lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

      (iii) il-progress li sar mill-politiki u l-miżuri attwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-titjib tal-kwalità tal-arja, u kemm dawn huma konformi mal-obbligi nazzjonali u tal-Unjoni;

      (iv) l-evoluzzjoni ulterjuri proġettata f'każ li l-ebda bidla ma sseħħ fil-politiki u l-miżuri adottati diġà;

   (b) l-għażliet ta' politika meqjusa bħala li jikkonformaw mal-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-perijodu bejn l-2020 u l-2029 u għall-2030 'il quddiem u l-livelli intermedji ta' emissjonijiet iddeterminati għall-2025 u li jikkontribwixxu biex itejbu aktar il-kwalità tal-arja, u l-analiżi tagħhom, inkluż il-metodu tal-analiżi; fejn ikunu disponibbli, l-impatti individwali jew ikkombinati tal-politiki u l-miżuri dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-kwalità tal-arja u l-ambjent u l-inċertezzi assoċjati magħhom;

   (c) il-miżuri u l-politiki magħżula għall-adozzjoni, inkluż skeda taż-żmien għall-adozzjoni, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli;

   (d) fejn ikun rilevanti, spjegazzjoni tar-raġunijiet għalfejn il-livelli ta' emissjonijiet indikattivi għall-2025 ma jistgħux jintlaħqu mingħajr miżuri li jinvolvu spejjeż sproporzjonati;

   (e) fejn ikun rilevanti, rendikont tal-użu tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 5 u kwalunkwe konsegwenza ambjentali li tirriżulta minn dan l-użu;

   (f) valutazzjoni ta' kif il-politiki u l-miżuri magħżula jiżguraw koerenza mal-pjanijiet u l-programmi stabbiliti f'oqsma oħra ta' politika rilevanti.

2. L-aġġornamenti tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja msemmija fl-Artikoli 6 u 10 għandhom tal-inqas jinkludu:

   (a) valutazzjoni tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm, it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet;

   (b) kwalunkwe tibdil sinifikanti fil-kuntest tal-politika, il-valutazzjonijiet, il-programm jew l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tagħhom.

PARTI 2

**Miżuri għat-tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2)**

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tad-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka rilevanti, u għandhom jużaw l-aqwa tekniki disponibbli skont id-Direttiva 2010/75/UE.

A. Miżuri biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet tal-ammonijaka

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kodiċi nazzjonali konsultattiv ta' prattika agrikola tajba għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-ammonijaka, b'kont meħud tal-Kodiċi Qafas tal-UNECE għal Prattika Agrikola Tajba għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Ammonja tal-2014, li jkopri tal-inqas it-temi li ġejjin:

   (a) il-ġestjoni tan-nitroġenu, b'kont meħud taċ-ċiklu sħiħ tan-nitroġenu;

(b) strateġiji għall-għalf tal-bhejjem;

(c) tekniki b'emissjonijiet baxxi għat-tifrix tad-demel;

(d) sistemi b'emissjonijiet baxxi għall-ħżin tad-demel;

(e) sistemi b'emissjonijiet baxxi għall-postijiet fejn jinżammu l-annimali;

(f) possibbiltajiet biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-użu ta' fertilizzanti minerali.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu baġit nazzjonali għan-nitroġenu biex jiġu sorveljati l-bidliet fit-telf ġenerali ta' nitroġenu reattiv mill-agrikoltura, inkluż l-ammonijaka, l-ossidu nitruż, l-ammonijaka, in-nitrati u n-nitriti, fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti fid-Dokument Gwida dwar il-Baġits tan-Nitroġenu tal-UNECE ([1]).

3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-fertilizzanti tal-karbonat tal-ammonju u jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-fertilizzanti inorganiċi billi jużaw il-metodi li ġejjin:

(a) is-sostituzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq l-urea bil-fertilizzanti bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju;

(b) fil-każ li l-fertilizzanti bbażati fuq l-urea jibqgħu jiġu applikati, l-użu ta' metodi li huwa ppruvat li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'mhux anqas minn 30 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza, kif speċifikat fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka;

(c) il-promozzjoni tas-sostituzzjoni ta' fertilizzanti inorganiċi b'fertilizzanti organiċi u, fejn jibqgħu jiġu applikati fertilizzanti inorganiċi, it-tixrid ta' dawn f'konformità mal-ħtiġijiet previsti tal-għalla jew il-bur li fuqhom qed jiġu applikati fir-rigward tan-nitroġenu u l-fosfru, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-kontenut eżistenti tan-nutrijenti fil-ħamrija u nutrijenti minn fertilizzanti oħra.

4. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mid-demel tal-irziezet billi jużaw il-metodi li ġejjin:

(a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-applikazzjoni tad-demel likwidu u d-demel solidu fuq ir-raba' u l-bur, bl-użu ta' metodi li jnaqqsu l-emissjonijiet b'tal-inqas 30 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka u bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) jitferrxu biss demel u demel likwidu skont il-ħtiġijiet previsti ta' nutrijent tal-għalla jew il-bur li fuqhom qed jiġu applikati fir-rigward tan-nitroġenu u l-fosfru, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-kontenut eżistenti tan-nutrijenti fil-ħamrija u n-nutrijenti minn fertilizzanti oħra;

(ii) ma jitferrixx demel u demel likwidu meta l-art li fuqha jiġu applikati tkun mifqugħa bl-ilma, mgħarrqa, iffriżata jew mgħottija bil-borra;

(iii) jiġi applikat id-demel likwidu li jinfirex fuq il-bur bl-użu ta' trailing hose, trailing shoe jew permezz ta' injezzjoni fil-baxx jew fil-fond;

(iv) jiġu inkorporati fil-ħamrija d-demel u d-demel likwidu li jinfirxu fuq ir-raba' li jinħadem fl-ewwel erba' sigħat mit-tifrix;

(b) jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-ħażna tad-demel barra l-irziezet tal-annimali, billi jintużaw il-metodi li ġejjin:

(i) għall-imħażen tad-demel likwidu mibnija wara l-1 ta' Jannar 2022, bl-użu ta' sistemi jew tekniki ta' ħżin b'emissjonijiet baxxi li ġie ppruvat li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'mhux inqas minn 60 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-dokument ta' gwida dwar l-ammonijaka, u b'mill-inqas 40 % għall-imħażen eżistenti tad-demel likwidu;

(ii) jiġu mgħottija l-imħażen għad-demel solidu;

(iii) jiġi żgurat li l-azjendi agrikoli jkollhom kapaċità biżżejjed ta' ħżin tad-demel biex iferrxu d-demel matul dawk il-perijodi biss li huma xierqa għat-tkabbir ta' uċuħ tar-raba';

(c) jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-irziezet tal-annimali, bl-użu ta' sistemi li huma magħrufa li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'tal-inqas 20 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka;

(d) jitnaqqsu l-emissjonijiet mid-demel, bl-użu ta' strateġiji ta' għalf b'livelli baxxi ta' proteini u li huma magħrufa li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'tal-inqas 10 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka.

([1]) Deċiżjoni 2012/10, ECE/EB.AIR/113/Add 1.

B. Miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet ta' partiċelli fini u ta' karbonju iswed

1. Mingħajr preġudizzju għall-Anness II dwar il-kondizzjonalità tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-ħruq fil-miftuħ fl-għelieqi ta' skart u fdal tal-ħsad agrikolu u ta' fdal tal-foresti.

   L-Istati Membri għandhom jissorveljaw u jinfurzaw l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe projbizzjoni implimentata skont l-ewwel subparagrafu. Kwalunkwe eżenzjoni għal tali projbizzjoni għandha tkun limitata għal programmi preventivi biex jiġu evitati nirien bla kontroll, għall-kontroll ta' pesti, jew biex titħares il-bijodiversità.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kodiċi konsultattiv nazzjonali ta' prattiki agrikoli tajbin għall-ġestjoni tajba tal-fdal tal-ħsad, abbażi tal-metodi li ġejjin:

   (a) titjib tal-istruttura tal-ħamrija permezz tal-inkorporazzjoni tal-fdal tal-ħsad;

   (b) tekniki mtejba għall-inkorporazzjoni tal-fdal tal-ħsad;

   (c) użu alternattiv tal-fdal tal-ħsad;

   (d) titjib tal-istatus tan-nutrijenti u tal-istruttura tal-ħamrija permezz tal-inkorporazzjoni tad-demel kif meħtieġ għat-tkabbir ottimali tal-pjanti, biex b'hekk jiġi evitat il-ħruq tad-demel (demel tal-irziezet, tiben tal-firxa).

C. Il-prevenzjoni tal-impatti fuq azjendi agrikoli żgħar

Meta jieħdu l-miżuri deskritti fit-taqsimiet A u B, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ l-impatti fuq l-azjendi agrikoli żgħar u mikro.

L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jeżentaw azjendi żgħar u mikro minn dawk il-miżuri fejn ikun xieraq u possibbli fid-dawl tal-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

*ANNESS IV*

IL-METODOLOĠIJI GĦAT-TĦEJJIJA U L-AĠĠORNAMENT TAL-INVENTARJI U L- PROJEZZJONIJIET NAZZJONALI TAL-EMISSJONIJIET, IR-RAPPORTI TAL-INVENTARJU INFORMATTIVI U L-INVENTARJI NAZZJONALI TAL-EMISSJONIJIET AĠĠUSTATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 5 U 8

Għall-inkwinanti msemmija fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jippreparaw inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet aġġustati fejn rilevanti, projezzjonijiet nazzjonali ta' emissjonijiet, inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, inventarji ta' sorsi lokalizzati kbar u rapporti tal-inventarju informattivi, bl-użu ta' metodoloġiji adottati mill-Partijiet għall-Konvenzjoni LRTAP (Linji Gwida għar-Rappurtar tal-EMEP), u huma mitluba li jużaw il-Gwida tal-EMEP/EEA għall-inventarju tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja (il-Gwida tal-EMEP/EEA) msemmija fih. Barra minn hekk, informazzjoni supplimentari, b'mod partikolari d-data tal-attivitajiet, meħtieġa għall-valutazzjoni tal-inventarji u l- projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet għandha titħejja skont l-istess linji gwida.

Id-dipendenza fuq il-Linji Gwida għar-Rappurtar tal-EMEP hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti addizzjonali speċifikati f'dan l-Anness u għar-rekwiżiti għan-nomenklatura tar-rappurtar, is-serje kronoloġika u d-dati tar-rappurtar speċifikati fl-Anness I.

PARTI 1

## Inventarji nazzjonali annwali tal-emissjonijiet

1. L-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet għandhom ikunu trasparenti, konsistenti, komparabbli, sħaħ u preċiżi.

2. L-emissjonijiet mill-kategoriji ewlenin identifikati għandhom jiġu kkalkulati skont il-metodoloġiji definiti fil-Gwida tal-EMEP/EEA u bil-għan li tintuża l-metodoloġija ta' livell 2 jew ogħla (iddettaljata).

   L-Istati Membri jistgħu jużaw metodoloġiji oħra kompatibbli u bbażati fuq ix-xjenza biex jistabbilixxu l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet fejn dawk il-metodoloġiji jagħtu stimi aktar preċiżi mill-metodoloġiji standard stabbiliti fil-Gwida tal-EMEP/EEA.

3. Għall-emissjonijiet mit-trasport, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet konsistenti mal-bilanċi nazzjonali tal-enerġija kif rappurtati lill-Eurostat.

4. L-emissjonijiet mit-trasport tat-triq għandhom jiġu kkalkulati u rrappurtati abbażi tal-karburanti li jinbiegħu ([1]) fl-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu wkoll jirrappurtaw l-emissjonijiet mit-trasport tat-triq abbażi tal- karburanti użati jew abbażi tal-kilometri misjuqa fl-Istat Membru.

5. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-emissjonijiet nazzjonali annwali tagħhom espressi fl-unità applikabbli speċifikata fil-mudell għar-rappurtar NFR tal-Konvenzjoni LRTAP.

PARTI 2

## Projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet

1. Il- projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet għandhom ikunu trasparenti, konsistenti, komparabbli, sħaħ u preċiżi u l-informazzjoni rappurtata għandha tinkludi tal-inqas dan li ġej:

   (a) identifikazzjoni ċara tal-politiki u l-miżuri adottati u ppjanati inklużi fil- projezzjonijiet;

   (b) fejn adatt, ir-riżultati tal-analiżi tas-sensittività mwettqa għall- projezzjonijiet;

   (c) deskrizzjoni tal-metodoloġiji, il-mudelli, is-suppożizzjonijiet sottostanti u l-parametri ewlenin ta' li jidħol u li joħroġ.

2. Il- projezzjonijiet tal-emissjonijiet għandhom jiġu stmati u aggregati għas-setturi tas-sorsi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jipprovdu proġettazzjoni "b'miżuri" (miżuri adottati) u, fejn ikun rilevanti, projezzjoni "b'miżuri addizzjonali" (miżuri ppjanati) projezzjoni għal kull inkwinant skont il-gwida stabbilita fil-Gwida tal-EMEP/EEA.

([1]) L-Istati Membri li għandhom l-għażla li jużaw it-total nazzjonali tal-emissjonijiet kif ikkalkulat abbażi tal- karburanti użati bħala bażi għall-konformità skont il-Konvenzjoni LRTAP jistgħu jżommu din l-għażla sabiex jiżguraw koerenza bejn il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.

3. Il- projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-inventarju nazzjonali annwali tal-emissjonijiet għas- sena x – 3 u mal- projezzjonijiet rappurtati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

PARTI 3

## Rapport tal-inventarju informattiv

Ir-rapporti tal-inventarju informattivi għandhom jitħejjew skont il-Linji Gwida għar-Rappurtar tal-EMEP u għandhom jiġu rrappurtati billi jintuża l-mudell għar-rapporti tal-inventarju kif speċifikat fil-linji gwida. Ir-rapport tal-inventarju għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjonijiet, referenzi u sorsi ta' informazzjoni tal-metodoloġiji, suppożizzjonijiet, fatturi ta' emissjoni u data tal-attivitajiet speċifiċi, kif ukoll ir-raġunament għall-għażla tagħhom;

(b) deskrizzjoni tal-kategoriji ewlenin nazzjonali tas-sorsi ta' emissjonijiet;

(c) informazzjoni dwar inċertezzi, garanzija tal-kwalità u verifika;

(d) deskrizzjoni tal-arranġamenti istituzzjonali għat-tħejjija tal-inventarju;

(e) kalkoli mill-ġdid u titjib ippjanat;

(f) jekk rilevanti, informazzjoni dwar l-użu tal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikolu 5(1), (2), (3) u (4);

(g) jekk tkun rilevanti, informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-iżvijar mill-perkors ta' tnaqqis determinat skont l-Artikolu 4(2), kif ukoll il-miżuri ta' konverġenza mal-perkors;

(h) sommarju eżekuttiv.

PARTI 4

## Aġġustament tal-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet

1. Stat Membru li jipproponi aġġustament tal-inventarju nazzjonali tal-emissjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 5(1) għandu jinkludi fil-proposta tiegħu lill-Kummissjoni tal-anqas id-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

   (a) evidenza li l-impenn/impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet konċernat(i) inqabeż/inqabżu;

   (b) evidenza ta' kemm l-aġġustament tal-inventarju tal-emissjonijiet inaqqas l-iskorriment u jikkontribwixxi għall-konformità mal-impenn/impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet konċernat(i);

   (c) stima ta' jekk u meta l-impenn/impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet konċernat(i) mistenni(ja) li jinkiseb/jinkisbu abbażi tal-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet mingħajr l-aġġustament;

   (d) evidenza li l-aġġustament hu konsistenti ma' wieħed jew diversi mit-tliet ċirkostanzi li ġejjin. Tista' ssir referenza, skont kif adatt, għal aġġustamenti preċedenti rilevanti:

      (i) fil-każ ta' kategoriji ġodda ta' sorsi tal-emissjonijiet:

         — evidenza li l-kategorija l-ġdida tas-sors tal-emissjonijiet hija rikonoxxuta fil-letteratura xjentifika u/jew tal-Gwida tal-EMEP/EEA;

         — evidenza li din il-kategorija tas-sors ma kinitx inkluża fl-inventarju storiku nazzjonali rilevanti tal-emissjonijiet fiż-żmien meta ġie stabbilit l-impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;

         — evidenza li l-emissjonijiet minn kategorija ġdida ta' sors jikkontribwixxu sabiex Stat Membru ma jkunx kapaċi jissodisfa l-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, bl-appoġġ ta' deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija, ta' data u tal-fatturi tal-emissjoni użati biex tintlaħaq dik il-konklużjoni;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

(ii) fil-każ tal-fatturi tal-emissjonijiet sostanzjalment differenti użati għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet minn kategoriji ta' sorsi speċifiċi:

— deskrizzjoni tal-fatturi tal-emissjonijiet oriġinali, inkluż deskrizzjoni dettaljata tal-bażi xjentifika li minnha ġie derivat il-fattur tal-emissjonijiet;

— evidenza li l-fatturi oriġinali tal-emissjonijiet intużaw biex jiġi ddeterminat it-tnaqqis tal-emissjonijiet fiż-żmien meta ġew stabbiliti;

— deskrizzjoni tal-fatturi aġġornati tal-emissjonijiet, inkluża informazzjoni dettaljata dwar il-bażi xjentifika li minnha ġie derivat il-fattur tal-emissjonijiet;

— tqabbil tal-istimi tal-emissjonijiet magħmula bl-użu tal-fatturi oriġinali u dawk aġġornati tal-emissjonijiet, li juru li l-bidla fil-fatturi tal-emissjonijiet tikkontribwixxi biex Stat Membru ma jkunx jista' jissodisfa l-impenji tiegħu ta' tnaqqis;

— ir-raġunament li ntuża biex ġie deċiż jekk il-bidliet fil-fatturi tal-emissjonijiet humiex sostanzjali;

(iii) fil-każ tal-metodoloġiji sostanzjalment differenti użati għad-determinazzjoni ta' emissjonijiet minn kategoriji ta' sorsi speċifiċi:

— deskrizzjoni tal-metodoloġija oriġinali użata, inkluż informazzjoni dettaljata dwar il-bażi xjentifika li minnha ġie derivat il-fattur tal-emissjonijiet;

— evidenza li l-metodoloġija oriġinali intużat biex jiġi determinat it-tnaqqis tal-emissjonijiet fiż-żmien meta dan ġie stabbilit;

— deskrizzjoni tal-metodoloġija aġġornata użata, inkluż deskrizzjoni dettaljata tal-bażi jew referenza xjentifika li minnha ġiet derivata;

— tqabbil ta' stimi tal-emissjonijiet imwettqa bl-użu tal-metodoloġiji oriġinali u dawk aġġornati li juru li l-bidla fil-metodoloġija tikkontribwixxi sabiex Stat Membru ma jkunx kapaċi jissodisfa l-impenn tiegħu għat-tnaqqis;

— ir-raġunament biex jiġi deċiż jekk il-bidla fil-metodoloġija hix sinifikanti.

2. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw l-istess informazzjoni ta' sostenn għal proċeduri ta' aġġustament fuq il-bażi ta' prekondizzjonijiet simili, bil-kondizzjoni li kull Stat Membru jippreżenta l-informazzjoni speċifika meħtieġa għall-pajjiż individwali kif stabbilit fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw mill-ġdid l-emissjonijiet aġġustati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, sa fejn ikun possibbli, tas-serje kronoloġika għal kull sena li għaliha jiġi(u) applikat(i) l-aġġustament/i.

*ANNESS V*

INDIKATURI FAKULTATTIVI GĦALL-MONITORAĠĠ TAL-IMPATTI TAT-TNIĠĠIS TAL-ARJA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9

(a) għall-ekosistemi tal-ilma ħelu: jiġi stabbilit kemm hi kbira l-ħsara bijoloġika, inklużi r-riċevituri sensittivi (mikrofiti, makrofiti u dijatomi), u telf tal-istokk tal-ħut jew telf ta' invertebrati:

l-indikatur ewlieni ta' kapaċità ta' newtralizzazzjoni tal-aċidu (ANC) u l-indikaturi ta' sostenn tal-aċidità (pH), is-sulfat ($SO_4$) maħlul, in-nitrat ($NO_3$) u l-karbonju organiku maħlul:

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: minn kull sena (fil-lagi fi żmien il-ħarifa) sa kull xahar (fix-xmajriet).

(b) għall-ekosistemi terrestri: jiġu eżaminati l-aċidità tal-ħamrija, it-telf tan-nutrijenti fil-ħamrija, il-qagħda u l-bilanċ tan-nitroġenu kif ukoll it-telf tal-bijodiversità:

(i) l-indikatur ewlieni ta' aċidità tal-ħamrija: frazzjonijiet skambjabbli tal-katjoni ta' bażi (saturazzjoni ta' bażi) u aluminju skambjabbli fil-ħamrija:

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull 10 snin;

indikaturi ta' sostenn: pH, sulfat, nitrat, katjoni ta' bażi, konċentrazzjonijiet tal-aluminju f'soluzzjoni ta' ħamrija:

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull sena (fejn rilevanti);

(ii) l-indikatur ewlieni ta' lissija tan-nitrati fil-ħamrija ($NO_{3,leach}$):

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull sena;

(iii) l-indikatur ewlieni ta' proporzjon tal-karbonju man-nitroġenu (C/N) u l-indikatur ta' sostenn ta' total ta' nitroġenu fil-ħamrija ($N_{tot}$):

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull għaxar snin;

(iv) l-indikatur ewlieni ta' bilanċ tan-nutrijenti fil-weraq (N/P, N/K, N/Mg):

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull erba' snin.

(c) għall-ekosistemi terrestri: tiġi eżaminata l-ħsara mill-ożonu għat-tkabbir u l-bijodiversità tal-veġetazzjoni:

(i) l-indikatur ewlieni ta' ħsara għat-tkabbir tal-veġetazzjoni u ħsara lill-weraq u l-indikatur ta' sostenn tal-fluss tal-karbonju ($C_{flux}$):

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull sena;

(ii) l-iskorriment tal-indikatur ewlieni tal-livelli kritiċi bbażati fuq il-fluss:

frekwenza ta' teħid ta' kampjuni: kull sena matul l-istaġun tat-tkabbir.

*ANNESS VI*

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Id-Direttiva 2001/81/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2, l-ewwel subparagrafu, u t-tieni subparagrafu, il-punti (c), (d) u (e) | Artikolu 2 |
| Artikolu 3, il-punt (e) | Artikolu 3, punt (1) |
| — | Artikolu 3, punti (2), (3), (4), (5), (8), (9), (12) u (13) |
| Artikolu 3, il-punt (i) | Artikolu 3, punt (6) |
| Artikolu 3, il-punt (k) | Artikolu 3, punt (7) |
| Artikolu 3, il-punt (h) | Artikolu 3, punt (10) |
| Artikolu 3, il-punt (g) | Artikolu 3, punt (11) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4(1) u (2) |
| Artikolu 2, it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b) | Artikolu 4(3) |
| — | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 6 (2), (5) sa (10) |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 6(3) u (4) |
| — | Artikolu 7 |
| Artikolu 7(1) | Artikolu 8 (1), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 8 (1), it-tieni subparagrafu, (2) sa (4) |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 8 (5) |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 8 (6) |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 8 (7) |
| — | Artikolu 9 |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 10 (1) |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 10 (2) |
| — | Artikolu 10 (3) u (4) |
| Artikolu 9 | Artikolu 11 |
| — | Artikolu 12 |
| Artikolu 10 | Artikolu 13 |
| Artikolu 6(4) | Artikolu 14(1) |
| Artikolu 7(3) u Artikolu 8(3) | Artikolu 14(2) u (3) |
| Artikolu 11 | Artikolu 15 |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 16 |
| Artikolu 13(1) u (2) | Artikolu 17 |

| Id-Direttiva 2001/81/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 14 | Artikolu 18 |
| — | Artikolu 19 |
| Artikolu 15 | Artikolu 20 |
| — | Artikolu 21 |
| Artikolu 16 | Artikolu 22 |
| Artikolu 17 | Artikolu 23 |
| Artikolu 8(1) u Anness III | Anness I |
| Anness I | Anness II |
| — | Annessi III, V u VI |
| Anness III | Anness IV |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Rieżami ta' Emissjonijiet tal-Metan**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm każ qawwi tal-kwalità tal-arja biex l-iżvilupp tal-emissjonijiet tal-metan fl-Istati Membri jinżamm taħt rieżami bil-għan li jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-ożonu fl-UE u biex jiġi promoss internazzjonalment it-tnaqqis tal-metan.

Il-Kummissjoni tikkonferma li abbażi tar-rapporti ta' emissjonijiet nazzjonali, hija biħsiebha tkompli tivvaluta l-impatt tal-emissjonijiet tal-metan fuq il-ksib tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 tad-Direttiva NEC u se tikkunsidra miżuri biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet, u fejn adatt, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak l-għan. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqis għadd ta' studji li għadhom għaddejjin f'dan il-qasam, li mistennija li jiġu ffinalizzati fl-2017, kif ukoll aktar żviluppi internazzjonali f'dan il-qasam.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/2285

**tat-12 ta' Diċembru 2016**

**li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jesiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inkluż, fejn rilevanti, ir-rapporti min-naħa tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif opportun. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jitqassmu fost l-Istati Membri b'mod li tkun żgurata l-istabbiltà relattiva għal kull Stat Membru fl-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew tip ta' sajd u wara li jitqiesu kif imiss l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(4) L-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet tal-fond kif iddefinit fil-punt (a) fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 ([2]) jiġu deċiżi fuq bażi biennali.

(5) Il-qabdiet totali permissibbli ("TACs") jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u b'mod partikolari l-kunsilli konsultattivi kkonċernati.

(6) L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-ftehimiet u l-prinċipji internazzjonali, bħall-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1995 dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut tranżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna ([3]), u skont il-prinċipji ta' ġestjoni ddettaljati stabbiliti fil-Linji Gwida Internazzjonali tal-2008

([1]) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi applikabbli għas-sajd ta' ħażniet ta' baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6).

([3]) Il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 marbutin mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut tranżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 16).

għall-Ġestjoni tas-Sajd f'Baħar Fond fl-Ibħra Miftuħa tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, li skonthom, b'mod partikolari, jenħtieġ li r-regolatur ikun aktar kawt meta l-informazzjoni ma tkunx ċerta, ma tkunx affidabbli jew ma tkunx adegwata. In-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata ma għandux jintuża bħala raġuni biex ikunu posposti jew biex ma jittiħdux miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

(7) L-aktar pariri xjentifiċi reċenti mingħand il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u mill-STECF jindikaw li l-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-fond għadhom jinħasdu b'mod mhux sostenibbli, u li biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom, l-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jenħtieġ li jitnaqqsu iktar sakemm l-evoluzzjoni tal-istokkijiet turi xejra pożittiva.

(8) Fid-dawl tal-parir tal-ICES, huwa xieraq li t-TAC għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Majjistral issir TAC tal-qabdiet aċċessorji biss.

(9) Qabdiet sinifikanti tal-paġella ħamra jittieħdu miż-żoni rilevanti tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) u l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), li jikkonfinaw mas-subżona IX tal-ICES. Minħabba li d-data tal-ICES għal dawk iż-żoni adjaċenti mhix kompluta, l-ambitu tat-TAC jenħtieġ li jibqa' limitat għas-subżona IX tal-ICES. Madankollu, bil-ħsieb tat-tħejjija ta' deċiżjonijiet futuri ta' ġestjoni, jenħtieġ li jiġi previst rappurtar tad-data għal dawk iż-żoni adjaċenti.

(10) L-ICES jagħti parir li ma għandu jkun hemm l-ebda qbid tal-mera tal-Atlantiku qabel l-2020. Fl-imgħoddi, kienu ġew stabbiliti t-TACs għall-mera tal-Atlantiku (mill-2010 'l hawn, dawk it-TACs ġew iffissati għal żero). Huwa xieraq li s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' dik l-ispeċi jkunu pprojbiti, billi l-istokk tnaqqas u mhuwiex jirkupra. L-ICES josserva li ma kien hemm ebda sajd dirett tal-Unjoni lejn il-mera tal-Atlantiku fil-Grigal tal-Atlantiku mill-2010.

(11) Skont il-parir mogħti mill-ICES, osservazzjonijiet limitati abbord juru li l-perċentwali tal-grenadier rasu raffa kienu inqas minn 1 % tal-qabdiet irrappurtati ta' grenadier imnieħru tond. Abbażi ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, l-ICES huwa tal-parir li ma għandu jkun hemm l-ebda sajd dirett għall-grenadier rasu raffa u li l-qabdiet aċċessorji tiegħu għandhom jingħaddu kontra t-TAC għall-grenadier imnieħru tond sabiex jiġi mminimizzat il-potenzjal għal rappurtar żbaljat tal-ispeċijiet. L-ICES jindika li hemm differenzi konsiderevoli, li jmorru lil hinn minn ordni ta' kobor (aktar minn għaxar darbiet), bejn il-proporzjonijiet relattivi tal-grenadier imnieħru tond u dak b'rasu raffa kif irrappurtati fil-ħatt l-art uffiċjali u l-qabdiet osservati u l-istħarriġ xjentifiku f'żoni fejn bħalissa jsir is-sajd għall-grenadier rasu raffa. Id-data disponibbli għal din l-ispeċi hija limitata ħafna, u xi data tal-ħatt l-art irrappurtata hija kkunsidrata mill-ICES bħala rappurtar żbaljat tal-ispeċijiet. B'konsegwenza ta' dan, mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti b'mod preċiż ir-rekords storiċi ta' qabdiet tal-grenadier rasu raffa. Għalhekk, kwalunkwe qabda aċċessorja tal-grenadier rasu raffa tenħtieġ li tkun limitata għal 1 % tal-kwota ta' kull Stat Membru għall-grenadier imnieħru tond u tingħadd ma' dik il-kwota, skont il-parir xjentifiku.

(12) L-ICES jagħti parir li qabdiet diretti ta' klieb il-baħar tal-fond jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell ta' żero. Madankollu, l-ICES jindika wkoll li l-limiti ta' qbid restrittivi li huma applikabbli bħalissa jwasslu għal rappurtar żbaljat ta' qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' klieb il-baħar tal-fond. B'mod partikolari, is-sajd artiġjanali dirett fil-baħar fond għaċ-ċinturin iswed li juża l-konzijiet ikollu qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' klieb il-baħar tal-fond, li bħalissa qed jiġu mormija mejtin. Fid-dawl ta' dawk il-fatti, u sabiex tingabar l-informazzjoni xjentifika dwar il-klieb il-baħar tal-fond, jenħtieġ li tiġi introdotta qabda aċċessorja permissibbli restrittiva għall-2017 u l-2018 fuq bażi ta' prova billi jiġi permess il-ħatt l-art limitat ta' qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' klieb il-baħar tal-fond f'sajd artiġjanali dirett fil-baħar fond għaċ-ċinturin iswed li juża l-konzijiet. Il-konzijiet huma rikonoxxuti bħala rkaptu tas-sajd selettiv f'tali sajd. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jiżviluppaw miżuri reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd għaċ-ċinturin iswed u jistabbilixxu miżuri speċifiċi tal-ġbir tad-data għall-klieb il-baħar tal-fond biex jiġi żgurat monitoraġġ mill-qrib ta' stokkijiet. L-iffissar ta' qabda aċċessorja permissibbli għall-klieb il-baħar tal-fond fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali tas-subżoni V, VI, VII, VIII u IX tal-ICES, fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżona X tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva fir-rigward tal-klieb il-baħar tal-fond f'dawk iż-żoni.

(13) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([1]), l-istokkijiet li huma soġġetti għal diversi miżuri msemmija fih jenħtieġ li jiġu identifikati. Jenħtieġ li japplikaw TACs ta' prekawzjoni għal stokkijiet li dwarhom m'hemmx evalwazzjoni b'bażi xjentifika tal-opportunitajiet tas-sajd speċifika għas-sena li fiha qed jiġu ffissati t-TACs; it-TACs analitiċi jenħtieġ li japplikaw għall-każijiet l-oħrajn. Fid-dawl tal-pariri tal-ICES u tal-STECF dwar stokkijiet tal-fond, dawk li dwarhom m'hemmx evalwazzjoni b'bażi xjentifika dwar l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal TACs ta' prekawzjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

(14) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, fil-15 ta' Settembru 2016 l-Portugall ressaq talba indirizzata lill-Kummissjoni biex iżżid it-TAC 2016 għall-inċova fis-subżoni IX u X tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 sa 15 000 tunnellata. Fil-parir tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2016 l-ICES ikkonferma l-istat eċċezzjonalment tajjeb ta' dak l-istokk tal-inċova u l-fatt li l-qbid ta' 15 000 tunellata fl-2016 jista' jitqies bħala sostenibbli. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ([1]) jiġi emendat skont dan.

(15) L-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni IX u X tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 previsti fir-Regolament (UE) 2016/72 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016. Id-dispożizzjonijiet emendatorji stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati huma akbar meta mqabbla mal-opportunitajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/72.

(16) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2017. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissal-opportunitajiet tas-sajd annwali għas-snin 2017 u 2018, disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għall-istokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-fond fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(b) "ilmijiet tal-Unjoni" tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, minbarra l-ilmijiet li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II għat-Trattat;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tinħatt l-art minn kull stokk ta' ħut kull sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-ebda Stat.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(b) iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

([3]) Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

*Artikolu 3*

**TACs u allokazzjonijiet**

It-TACs għall-ispeċijiet tal-fond li jinqabdu mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, l-allokazzjoni ta' dawn it-TACs fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet li huma funzjonalment konnessi magħhom, fejn hu rilevanti, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]);

(c) ir-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([2]);

(d) il-ħatt l-art addizzjonali li jkun permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) il-kwantitajiet li jinżammu skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(f) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC ta' prekawzjoni, filwaqt li l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika, ħlief fejn hu speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji**

Il-ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs għandu jinżamm abbord jew jinħatt l-art biss jekk jinqabad minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota u li dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

*Artikolu 6*

**Projbizzjoni**

Għandu jkun ipprojbit li bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu għall-mera tal-Atlantiku (*Hoplostethus atlanticus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tal-ICES, u li jżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art il-mera tal-Atlantiku li jinqabad f'dik iż-żona;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

*Artikolu 7*

**Trasmissjoni tad-data**

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni d-data relattiva mal-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbudin, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2016/72**

Fl-Anness IA għar-Regolament (UE) 2016/72, l-entrata fit-tabella għall-inċova fis-subżoni IX, X tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411) hija sostitwita b'dan li ġej:

| **Speċi:** | Inċova<br>*Engraulis encrasicolus* | **Żona:** | IX u X; L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(ANE/9/3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 7 174 | | |
| Il-Portugall | 7 826 | | |
| L-Unjoni | 15 000 | | |
| TAC | 15 000 | | TAC ta' prekawzjoni |

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017. Madankollu, l-Artikolu 8 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MATEČNÁ

*ANNESS*

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES.

PARTI 1

**Id-definizzjoni tal-ispeċijiet u tal-gruppi ta' speċijiet**

1. Fil-lista stabbilita fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, l-istokkijiet tal-ħut huma msemmija skont l-ordni alfabetika tal-ismijiet bil-Latin tal-ispeċijiet. Madankollu l-klieb il-baħar tal-fond qiegħdin fil-bidu ta' dak il-lista. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qiegħda tingħata t-tabella komparattiva tal-ismijiet komuni u tal-ismijiet bil-Latin ta' hawn taħt:

| Isem komuni | Kodiċi Alfa-3 | Isem xjentifiku |
|---|---|---|
| Iċ-ċinturin iswed | BSF | *Aphanopus carbo* |
| Il-fonsa ħamra | ALF | *Beryx* spp. |
| Il-grenadier ta' mnieħru tond | RNG | *Coryphaenoides rupestris* |
| Il-grenadier rasu raffa | RHG | *Macrourus berglax* |
| Il-paġella ħamra | SBR | *Pagellus bogaraveo* |
| Il-lipp abjad | GFB | *Phycis blennoides* |

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-klieb il-baħar tal-fond" tfisser il-lista ta' speċijiet li ġejja:

| Isem komuni | Kodiċi Alfa-3 | Isem xjentifiku |
|---|---|---|
| Il-gattarelli tal-fond | API | *Apristurus* spp. |
| Il-kelb il-baħar tal-frilli | HXC | *Chlamydoselachus anguineus* |
| Iż-żagħrun | CWO | *Centrophorus* spp. |
| Il-mazzola Portugiża | CYO | *Centroscymnus coelolepis* |
| Il-mazzola bellusija mneħirha twil | CYP | *Centroscymnus crepidater* |
| Il-mazzola sewda | CFB | *Centroscyllium fabricii* |
| Il-mazzola munqar l-għasfur | DCA | *Deania calcea* |
| Il-murruna sewda | SCK | *Dalatias licha* |
| Il-mazzola tal-fanal maġġuri | ETR | *Etmopterus princeps* |
| Il-mazzola tal-fanal | ETX | *Etmopterus spinax* |
| Il-gattarell ġurdien | GAM | *Galeus murinus* |
| Il-murruna ta' sitt garġi | SBL | *Hexanchus griseus* |
| Il-pixxiporku tal-Atlantiku | OXN | *Oxynotus paradoxus* |
| Il-mazzola snien tas-skieken | SYR | *Scymnodon ringens* |
| Il-kelb il-baħar tal-Groenlandja | GSK | *Somniosus microcephalus* |

PARTI 2

**L-opportunitajiet tas-sajd annwali (f'tunnellati ta' piż ħaj)**

| **Speċi:** | Il-klieb il-baħar tal-fond | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII, VIII u IX (DWS/56789-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2017 | 2018 | |
| L-Unjoni | 10 [1] | 10 [1] | |
| TAC | 10 [1] | 10 [1] | TAC ta' prekawzjoni<br>l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

[1] Esklussivament għal qabdiet aċċessorji f'sajd bil-konzijiet iffukat fuq iċ-ċinturin iswed. L-ebda sajd dirett m'għandu jiġi permess.

| **Speċi:** | Il-klieb il-baħar tal-fond | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona X (DWS/10-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2017 | 2018 | |
| Il-Portugall | 10 [1] | 10 [1] | |
| L-Unjoni | 10 [1] | 10 [1] | |
| TAC | 10 [1] | 10 [1] | TAC ta' prekawzjoni<br>l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

[1] Esklussivament għal qabdiet aċċessorji f'sajd bil-konzijiet iffukat fuq iċ-ċinturin iswed. L-ebda sajd dirett m'għandu jiġi permess.

| **Speċi:** | Il-klieb il-baħar tal-fond, *Deania hystricosa* u *Deania profundorum* | **Żona:** | L-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII (DWS/12INT-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2017 | 2018 | |
| L-Irlanda | 0 | 0 | |
| Spanja | 0 | 0 | |
| Franza | 0 | 0 | |
| Ir-Renju Unit | 0 | 0 | |
| L-Unjoni | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | TAC ta' prekawzjoni<br>l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

| **Speċi:** | Il-klieb il-baħar tal-fond | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 (DWS/F3412C) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| L-Unjoni | 10 [1] | 10 [1] | |
| TAC | 10 [1] | 10 [1] | TAC ta' prekawzjoni<br>l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

[1] Esklussivament għal qabdiet aċċessorji f'sajd bil-konzijiet iffukat fuq iċ-ċinturin iswed. L-ebda sajd dirett m'għandu jiġi permess.

| **Speċi:** | Iċ-ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni I, II, III u IV (BSF/1234-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 3 | 3 | |
| Franza | 3 | 3 | |
| Ir-Renju Unit | 3 | 3 | |
| L-Unjoni | 9 | 9 | |
| TAC | 9 | 9 | TAC ta' prekawzjoni |

| **Speċi:** | Iċ-ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII (BSF/56712-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 34 | 30 | |
| L-Estonja | 17 | 15 | |
| L-Irlanda | 84 | 74 | |
| Spanja | 168 | 148 | |
| Franza | 2 362 | 2 078 | |
| Il-Latvja | 110 | 97 | |
| Il-Litwanja | 1 | 1 | |
| Il-Polonja | 1 | 1 | |
| Ir-Renju Unit | 168 | 148 | |
| Oħrajn | 9 [1] | 8 [1] | |
| L-Unjoni | 2 954 | 2 600 | |
| TAC | 2 954 | 2 600 | TAC Analitika |

[1] Esklussivament għall-qabdiet aċċessorji. F'din il-kwota mhuwiex permess sajd dirett.

| Speċi: | Iċ-ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X (BSF/8910-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Spanja | 10 | 9 | |
| Franza | 26 | 23 | |
| Il-Portugall | 3 294 | 2 965 | |
| L-Unjoni | 3 330 | 2 997 | |
| TAC | 3 330 | 2 997 | TAC Analitika |

| Speċi: | Iċ-ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali tas-CECAF 34.1.2 (BSF/C3412-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Il-Portugall | 2 488 | 2 189 | |
| L-Unjoni | 2 488 | 2 189 | |
| TAC | 2 488 | 2 189 | TAC ta' prekawzjoni |

| Speċi: | Il-fonsa ħamra *Beryx* spp. | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (ALF/3X14-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | 9 | 9 | |
| Spanja | 63 | 63 | |
| Franza | 17 | 17 | |
| Il-Portugall | 182 | 182 | |
| Ir-Renju Unit | 9 | 9 | |
| L-Unjoni | 280 | 280 | |
| TAC | 280 | 280 | TAC Analitika |

| **Speċi:** | Il-grenadier ta' mnieħru tond<br>*Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni I, II u IV<br>(RNG/124-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 1 (1) | 1 (1) | |
| Il-Ġermanja | 1 (1) | 1 (1) | |
| Franza | 7 (1) | 7 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 1 (1) | 1 (1) | |
| L-Unjoni | 10 (1) | 10 (1) | |
| TAC | 10 (1) | 10 (1) | TAC ta' prekawzjoni |

(1) L-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa m'huwa permess. Qabdiet aċċessorji ta' grenadier rasu raffa (RHG/124-) għandhom jingħaddu ma' din il-kwota. Ma jistgħux ikunu aktar minn 1 % tal-kwota.

| **Speċi:** | Il-grenadier ta' mnieħru tond<br>*Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona III<br>(RNG/03-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 263 (1) (2) | 211 (1) (2) | |
| Il-Ġermanja | 1 (1) (2) | 1 (1) (2) | |
| L-Iżvezja | 14 (1) (2) | 11 (1) (2) | |
| L-Unjoni | 278 (1) (2) | 223 (1) (2) | |
| TAC | 278 (1) (2) | 223 (1) (2) | TAC ta' prekawzjoni |

(1) Ma għandux isir sajd dirett tal-grenadier ta' mnieħri tond fiż-żona tal-ICES IIIa.

(2) L-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa m'huwa permess. Qabdiet aċċessorji ta' grenadier rasu raffa (RHG/03-) għandhom jingħaddu ma' din il-kwota. Ma jistgħux ikunu aktar minn 1 % tal-kwota.

| **Speċi:** | Il-grenadier ta' mnieħru tond *Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII (RNG/5B67-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2017 | 2018 | |
| Il-Ġermanja | 6 (1) (2) | 6 (1) (2) | |
| L-Estonja | 45 (1) (2) | 46 (1) (2) | |
| L-Irlanda | 198 (1) (2) | 203 (1) (2) | |
| Spanja | 49 (1) (2) | 50 (1) (2) | |
| Franza | 2 513 (1) (2) | 2 569 (1) (2) | |
| Il-Litwanja | 58 (1) (2) | 59 (1) (2) | |
| Il-Polonja | 29 (1) (2) | 30 (1) (2) | |
| Ir-Renju Unit | 148 (1) (2) | 151 (1) (2) | |
| Oħrajn | 6 (1) (2) (3) | 6 (1) (2) (3) | |
| L-Unjoni | 3 052 (1) (2) | 3 120 (1) (2) | |
| TAC | 3 052 (1) (2) | 3 120 (1) (2) | TAC Analitika |

(1) Jista' jsir sajd massimu ta' 10 % ta' kull kwota fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII, IX, X, XII u XIV (RNG/*8X14- għall-grenadier imnieħru tond; RHG/*8X14- għall-qabdiet aċċessorji tal-grenadier rasu raffa)).

(2) L-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa m'huwa permess. Qabdiet aċċessorji ta' grenadier rasu raffa (RHG/5B67-) għandhom jingħaddu ma' din il-kwota. Ma jistgħux ikunu aktar minn 1 % tal-kwota.

(3) Esklussivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhuwiex permess sajd dirett.

| **Speċi:** | Il-grenadier ta' mnieħru tond *Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII, IX, X, XII u XIV (RNG/8X14-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2017 | 2018 | |
| Il-Ġermanja | 17 (1) (2) | 14 (1) (2) | |
| L-Irlanda | 4 (1) (2) | 3 (1) (2) | |
| Spanja | 1 883 (1) (2) | 1 508 (1) (2) | |
| Franza | 87 (1) (2) | 69 (1) (2) | |
| Il-Latvja | 30 (1) (2) | 24 (1) (2) | |
| Il-Litwanja | 4 (1) (2) | 3 (1) (2) | |
| Il-Polonja | 590 (1) (2) | 472 (1) (2) | |
| Ir-Renju Unit | 8 (1) (2) | 6 (1) (2) | |
| L-Unjoni | 2 623 (1) (2) | 2 099 (1) (2) | |
| TAC | 2 623 (1) (2) | 2 099 (1) (2) | TAC Analitika |

(1) Jista' jsir massimu ta' sajd ta' 10 % ta' kull kwota fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII (RNG/*5B67- għall-grenadier imnieħru tond; u RHG/*5B67- għall-qabdiet aċċessorji tal-grenadier rasu raffa).

(2) L-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa m'huwa permess. Qabdiet aċċessorji ta' grenadier rasu raffa (RHG/8X14-) għandhom jingħaddu ma' din il-kwota. Ma jistgħux ikunu aktar minn 1 % tal-kwota.

| **Speċi:** | Il-paġella ħamra *Pagellus bogaraveo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII (SBR/678-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | 4 (1) | 4 (1) | |
| Spanja | 116 (1) | 104 (1) | |
| Franza | 6 (1) | 5 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 14 (1) | 13 (1) | |
| Oħrajn | 4 (1) | 4 (1) | |
| L-Unjoni | 144 (1) | 130 (1) | |
| TAC | 144 (1) | 130 (1) | TAC Analitika |

(1) Esklussivament għall-qabdiet aċċessorji. F'din il-kwota mhuwiex permess sajd dirett.

| **Speċi:** | Il-paġella ħamra *Pagellus bogaraveo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona IX (1) (SBR/09-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Spanja | 137 (2) | 130 (2) | |
| Il-Portugall | 37 (2) | 35 (2) | |
| L-Unjoni | 174 (2) | 165 (2) | |
| TAC | 174 (2) | 165 (2) | TAC Analitika |

(1) Madankollu, il-qabdiet fiż-żona 37.1.1 tal-GFCM għandhom jiġu rrappurtati (SBR/F3711). Madankollu, il-qabdiet fiż-żona 34.1.11 tas-CECAF għandhom jiġu rrappurtati (SBR/F34111).

(2) Fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VI, VII, u VIII (SBR/*678-) il-massimu tas-sajd li jista' jsir huwa ta' 8 % ta' din il-kwota.

| **Speċi:** | Il-paġella ħamra *Pagellus bogaraveo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona X (SBR/10-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Spanja | 5 | 5 | |
| Il-Portugall | 507 | 507 | |
| Ir-Renju Unit | 5 | 5 | |
| L-Unjoni | 517 | 517 | |
| TAC | 517 | 517 | TAC Analitika |

| Speċi: | Il-lipp abjad *Phycis blennoides* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni I, II, III u IV (GFB/1234-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 9 | 8 | |
| Franza | 9 | 8 | |
| Ir-Renju Unit | 15 | 13 | |
| L-Unjoni | 33 | 29 | |
| TAC | 33 | 29 | TAC Analitika |

| Speċi: | Il-lipp abjad *Phycis blennoides* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (GFB/567-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 11 (1) | 10 (1) | |
| L-Irlanda | 278 (1) | 247 (1) | |
| Spanja | 628 (1) | 559 (1) | |
| Franza | 380 (1) | 338 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 869 (1) | 774 (1) | |
| L-Unjoni | 2 166 (1) | 1 928 (1) | |
| TAC | 2 166 (1) | 1 928 (1) | TAC Analitika |

(1) Fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII u IX (GFB/*89-) il-massimu tas-sajd li jista' jsir huwa ta' 8 % ta' din il-kwota.

| Speċi: | Il-lipp abjad *Phycis blennoides* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII u IX (GFB/89-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Spanja | 258 (1) | 230 (1) | |
| Franza | 16 (1) | 14 (1) | |
| Il-Portugall | 11 (1) | 10 (1) | |
| L-Unjoni | 285 (1) | 254 (1) | |
| TAC | 285 (1) | 254 (1) | TAC Analitika |

(1) Fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (GFB/*567-) il-massimu tas-sajd li jista' jsir huwa ta' 8 % ta' din il-kwota.

| **Speċi:** | Il-lipp abjad<br>*Phycis blennoides* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni X u XII<br>(GFB/1012-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2017 | 2018 | |
|---|---|---|---|
| Franza | 9 | 8 | |
| Il-Portugall | 40 | 36 | |
| Ir-Renju Unit | 9 | 8 | |
| L-Unjoni | 58 | 52 | |
| TAC | 58 | 52 | TAC Analitika |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2286

## tal-15 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6d(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoni Elettronika (il-BEREC),

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-fornituri tar-roaming ma għandhom jimponu l-ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku fuq il-klijenti tar-roaming fl-Istati Membri għas-sejħiet tar-roaming regolati magħmulin jew riċevuti, għall-messaġġi SMS tar-roaming regolati mibgħutin jew għas-servizzi regolati tar-roaming tad-dejta użati, inkluż il-messaġġi MMS, soġġett għal "politika tal-użu ġust". Din id-dispożizzjoni tapplika mill-15 ta' Ġunju 2017, sakemm l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat flimkien mal-proposta dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa msemmija fl-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament, ikun beda japplika minn dik id-data.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jipprevedi li f'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali, fornitur tar-roaming jista' jressaq applikazzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu għal awtorizzazzjoni biex japplika ħlas supplimentari fuq il-klijenti tar-roaming tiegħu. Ma' din l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandu jingħata t-tagħrif kollu meħtieġ biex jintwera li, fin-nuqqas ta' ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut, il-fornitur ma jkunx jista' jkopri l-ispejjeż tal-provvista tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut, b'mod li tiddgħajjef is-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu.

(3) Biex madwar l-Unjoni tkun żgurata applikazzjoni konsistenti ta' kull politika li jkollha l-għan li tipprevjeni l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi tar-roaming ("politika tal-użu ġust") u tal-awtorizzazzjonijiet biex jiġi applikat ħlas supplimentari, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' din il-politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni.

(4) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, politika tal-użu ġust għandha l-għan li tipprevjeni l-użu abbużiv jew anomalu mill-klijenti tar-roaming tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli, bħall-użu ta' servizzi bħal dawn għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku, bħal pereżempju l-użu ta' servizzi bħal dawn fuq bażi permanenti. Il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw li l-possibbiltà li tiġi applikata politika tal-użu ġust tar-roaming biex jintlaħaq dan l-objettiv ma tiġix sfruttata mill-fornituri tar-roaming għal finijiet oħra, għad-detriment tal-klijenti tar-roaming impenjati fi kwalunkwe forma ta' vjaġġar perjodiku.

(5) Jekk fl-Unjoni jitneħħew il-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut, l-istess kundizzjonijiet tariffarji jkunu japplikaw għall-użu tas-servizzi mobbli waqt ir-roaming fl-Unjoni, kemm fil-pajjiż tal-abbonament tal-mowbajl tal-klijent kif ukoll 'il barra minnu. Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 għandu l-għan li jelimina d-differenzi bejn

([1]) ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10.

il-prezzijiet domestiċi u dawk tar-roaming waqt l-ivvjaġġar perjodiku fl-Unjoni, u hekk isir possibbli l-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek" ("roaming like at home"). Madankollu, dawn ir-regoli mhumiex maħsuba biex jippermettu roaming permanenti fl-Unjoni, jiġifieri meta klijent fi Stat Membru bi prezzijiet domestiċi mobbli ogħla jixtri servizzi mingħand operaturi stabbiliti fi Stati Membri bi prezzijiet domestiċi mobbli orħos, u fi Stati Membri fejn normalment il-klijent ma jkunx residenti u ma jkollux rabtiet stabbli oħra bi preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tagħhom, bil-ħsieb li juża r-roaming b'mod permanenti fl-ewwel Stat Membru.

(6) L-użu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli fuq bażi permanenti għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku, x'aktarx li jfixkel il-kompetizzjoni, jagħmel pressjoni biex jiżdiedu l-prezzijiet domestiċi fis-swieq domestiċi u jpoġġi f'riskju l-inċentivi tal-investiment fis-swieq domestiċi u fis-swieq miżjura. Fis-suq miżjur, l-operaturi miżjura jkollhom jikkompetu direttament mal-fornituri tas-servizzi domestiċi ta' Stati Membri oħra, meta l-prezzijiet, l-ispejjeż, il-kundizzjonijiet regolatorji u kompetittivi jaf ikunu differenti ħafna, u abbażi ta' kundizzjonijiet tar-roaming bl-ingrossa stabbiliti qrib l-ispiża għall-uniku fini li jiffaċilitaw ir-roaming perjodiku. Għall-operatur domestiku, l-użu permanenti tat-tariffi domestiċi bir-roaming jaf iwassal għal ċaħda jew restrizzjoni tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa mill-operaturi miżjura, jew il-forniment mill-operatur domestiku ta' volumi domestiċi ristretti jew l-applikazzjoni ta' prezzijiet domestiċi ogħla, b'effetti konsegwenzjali fuq l-abbiltà tal-operatur domestiku li jaqdi lill-klijenti domestiċi normali tiegħu f'pajjiżu u 'l barra minn pajjiżu.

(7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni bbażati fuq prinċipji ċari u ta' applikazzjoni ġenerali li jkunu jistgħu jinkludu l-bosta mudelli diversi ta' vjaġġar perjodiku mill-klijenti tar-roaming, sabiex jiġi żgurat li dik il-politika tal-użu ġust ma tkunx ostaklu għat-tgawdija sħiħa tal-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek" minn dawk il-klijenti. Għall-finijiet ta' politika tal-użu ġust li għandha tiġi applikata minn fornitur tar-roaming, normalment il-klijent għandu jitqies li jkun qed jivvjaġġa b'mod perjodiku fl-Unjoni u 'l barra minn pajjiżu meta dak il-klijent normalment ikun residenti fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming jew meta jkollu rabtiet stabbli ma' dak l-Istat Membru bi preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tiegħu, u jkun jikkonsma servizzi regolati tar-roaming bl-imnut f'xi Stat Membru ieħor.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jipprevedi li b'politika tal-użu ġust, il-klijenti tal-fornitur tar-roaming għandhom ikunu jistgħu jikkonsmaw volumi ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut li huma konsistenti mal-pjanijiet tat-tariffi domestiċi rispettivi tagħhom.

(9) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-fornituri tar-roaming joffru, u li l-klijenti tar-roaming deliberatament jagħżlu, tariffi tar-roaming alternattivi skont l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, li jistgħu jinkludu l-użu ta' kundizzjonijiet kuntrattwali li ma jaqgħux taħt politika tal-użu ġust stabbilita skont dan ir-Regolament.

(10) Sabiex ikun żgurat li s-servizzi tar-roaming bl-imnut ma jkunux soġġetti għal użu abbużiv jew anomalu mhux relatat mal-ivvjaġġar perjodiku 'l barra mill-Istat Membru ta' residenza tal-klijent jew mill-Istat Membru li l-klijent ikollu rabtiet stabbli miegħu bi preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tiegħu, il-fornituri tar-roaming jaf ikunu jeħtieġu jistabbilixxu l-post ta' residenza normali tal-klijenti tar-roaming tagħhom jew l-eżistenza ta' rabtiet stabbli bħal dawn. Filwaqt li jqis il-forom ta' prova li s-soltu jintużaw fl-Istati Membri rispettivi u l-livell tar-riskju ta' użu abbużiv jew anomalu, il-fornitur tar-roaming għandu jkun jista' jispeċifika l-evidenza raġonevoli tal-post ta' residenza li għandha tingħata, bis-superviżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali fejn jidħlu l-proporzjonalità tal-piż dokumentarju ġenerali u l-adegwatezza tiegħu fil-kuntest nazzjonali. Evidenza bħal din, fir-rigward ta' utenti individwali, tista' tinkludi dikjarazzjoni mill-klijent, il-preżentazzjoni ta' dokument validu li jikkonferma l-Istat Membru ta' residenza tal-klijent, speċifikazzjoni tal-indirizz postali jew l-indirizz fejn jintbagħat il-kont tal-klijent għal servizzi oħra pprovduti fl-Istat Membru fornitur tar-roaming, dikjarazzjoni mingħand istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja fuq reġistrazzjoni għal korsijiet full-time, prova ta' reġistrazzjoni fuq reġistru elettorali lokali jew ta' ħlas ta' taxxi lokali/fuq kull ras. Fil-każ tal-klijenti tan-negozju, evidenza bħal dik tista' tinkludi dokumentazzjoni dwar il-post tal-inkorporazzjoni jew tal-istabbiliment tal-entità korporattiva, il-post tal-prestazzjoni effettiva tal-attività ekonomika ewlenija tagħha, jew il-post ewlieni fejn l-impjegati identifikati li jużaw SIMcard partikolari jkunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom. Rabtiet stabbli ma' Stat Membru li jinvolvu preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tiegħu jistgħu jirriżultaw minn relazzjoni ta' impjieg sostenibbli u full-time, inkluż dik tal-ħaddiema transfruntiera; relazzjonijiet kuntrattwali fit-tul li jinvolvu grad simili ta' preżenza fiżika ta' persuna li taħdem għal rasha, il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' studju full-time rikorrenti; jew minn sitwazzjonijiet oħra, bħal dawk ta' ħaddiema ssekondati jew ta' persuni rtirati, kull meta dawn jinvolvu l-istess livell ta' preżenza territorjali.

(11) Il-fornituri tar-roaming għandhom jillimitaw l-applikazzjonijiet għas-sottomissjoni ta' evidenza ta' residenza normali jew ta' rabtiet stabbli oħra li jinvolvu preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tiegħu wara l-konklużjoni ta' kuntratt partikolari strettament għas-sitwazzjonijiet meta d-dejta li trid tingabar għal skopijiet ta' fatturazzjoni jidher li tkun tipprovdi indikazzjonijiet ta' użu abbużiv jew anomalu mhux relatati mal-ivvjaġġar perjodiku. L-evidenza mitluba għandha tkopri biss dak li hu strettament meħtieġ u proporzjonat biex tiġi kkonfermata r-rabta tal-klijent mal-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming. L-ebda rekwiżit ta' dokumentazzjoni ma għandu jkun impost fuq il-klijenti biex isostnu l-konformità mal-kundizzjonijiet għal politika tal-użu ġust mingħajr tali raġunijiet. B'mod partikolari, ma għandux ikun hemm rekwiżit għas-sottomissjoni rikorrenti ta' tali dokumentazzjoni li ma tkunx relatata ma' valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju tal-probabbiltà ta' użu abbużiv jew anomalu.

(12) Biex il-klijenti jkunu jistgħu jikkonsmaw volumi ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut li jkun konsistenti mal-pjanijiet tat-tariffi domestiċi rispettivi tagħhom, il-fornitur tar-roaming, bħala regola ġenerali, ma għandu jimponi l-ebda limitu fuq il-volumi tas-servizzi mobbli disponibbli lill-klijenti tar-roaming għajr għal-limitu domestiku, meta dak il-klijent ikun qed jivvjaġġa b'mod perjodiku fl-Unjoni. Dawn il-limiti nazzjonali għandhom jinkludu politika tal-użu ġust applikabbli fir-rigward tal-użu domestiku tal-pjan tariffarju.

(13) F'ċerti pjanijiet tariffarji domestiċi, deskritti minn hawn 'il quddiem bħala pakketti ta' dejta miftuħa, il-konsum tad-dejta jista' jkun bla limitu jew jista' jipprovdi volumi ta' dejta bi prezz domestiku impliċitu għal kull unità baxx meta mqabbel mal-ħlas tar-roaming bl-ingrossa regolat massimu msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012. Fin-nuqqas ta' salvagwardji speċifiċi għal volumi eċċezzjonali għal dawn il-pakketti ta' dejta miftuħa, huwa aktar probabbli li dawn il-pjanijiet tariffarji, u mhux il-pjanijiet tariffarji oħra, ikunu soġġetti għal bejgħ mill-ġdid organizzat lil persuni mhux residenti jew li ma jkollhomx rabtiet stabbli li jinvolvu preżenza frekwenti u sostanzjali fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming. Barra minn hekk, tali użu anomalu jew abbużiv ta' pakketti ta' dejta miftuħa waqt ir-roaming jista' jwassal għall-għajbien ta' dawn il-pjanijiet tariffarji mis-swieq domestiċi, jew għar-restrizzjoni tar-roaming b'dawn il-pjanijiet tariffarji, għad-detriment tal-utenti domestiċi, u li jmur kontra l-objettiv tar-Regolament (UE) Nru 531/2012. Dan ir-riskju huwa konsiderevolment inqas akut għal servizzi ta' telefonati bil-vuċi u ta' SMS, peress li dawn is-servizzi huma soġġetti għal limitazzjonijiet fiżiċi jew temporali akbar, u x-xejriet fl-użu attwali kienu stabbli jew naqsu matul l-aħħar snin. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-operaturi li jieħdu miżuri biex jindirizzaw xejriet atipiċi ħafna fl-użu tas-servizzi tar-roaming bil-vuċi jew SMS li jirriżultaw minn attivitajiet frodulenti. Filwaqt li huwa neċessarju li jiġu pprovduti salvagwardji addizzjonali kontra tali riskji akbar ta' użu abbużiv ta' servizzi tar-roaming ta' dejta bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut b'pakketti ta' dejta miftuħa, il-konsumatur domestiku li jivvjaġġa perjodikament fl-Unjoni għandu madankollu jkollu l-possibbiltà li jikkonsma volumi bl-imnut ta' dawn is-servizzi ekwivalenti għad-doppju tal-volumi li jistgħu jinxtraw bil-limitu tar-roaming ta' dejta bl-ingrossa bi prezz ugwali għall-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ġenerali, eskluż il-VAT, tal-komponent tas-servizzi mobbli tal-pjan tariffarju domestiku għall-perjodu ta' fatturazzjoni kollu inkwistjoni. Dan jirrappreżenta volum li hu konsistenti ma' dak il-pjan tariffarju domestiku, peress li jadatta għall-prezz bl-imnut domestiku tal-pjan tariffarju kkonċernat, u għalhekk jista' jiġi applikat fil-każ ta' pakketti ta' dejta miftuħa, inkluż meta jkun f'pakkett ma' servizzi bl-imnut mobbli oħra. L-applikazzjoni tal-irdoppjar tirrifletti b'mod adegwat li l-operaturi spiss jinnegozjaw prezzijiet tar-roaming ta' dejta bl-ingrossa li jkunu inqas mil-livelli massimi applikabbli, u li l-klijenti spiss ma jikkonsmawx id-dejta kollha allokata lilhom skont il-pjan tariffarju tagħhom. F'dan ir-rigward, it-trasparenza għall-konsumatur tiġi żgurata permezz tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, skont liema Regolament il-fornitur tar-roaming għandu jibgħat avviż lill-klijent tar-roaming meta l-volum applikabbli tal-użu ġust tas-servizzi regolati tar-roaming tad-dejta jkun ġie kkonsmat kollu, fejn jindika il-ħlas supplimentari li jiġi applikat fuq kwalunkwe konsum addizzjonali tas-servizzi regolati tar-roaming tad-dejta mill-klijent tar-roaming.

(14) Bl-għan li jiġi indirizzat ir-riskju li l-abbonamenti mħallsa minn qabel, li ma jinvolvux impenn fit-tul, jiġu użati għal skopijiet ta' roaming permanenti biss, il-fornitur tar-roaming għandu jkun intitolat, bħala alternattiva għall-eżiġenza tal–għoti ta' evidenza ta' residenza jew ta' rabtiet stabbli li jinvolvu preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tal-Istat Membru ta' dak il-fornitur tar-roaming, li jillimita l-użu ta' servizzi tar-roaming ta' dejta bl-imnut bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut b'abbonament imħallas minn qabel għall-volumi li jistgħu jinxtraw bil-limitu tar-roaming ta' dejta bl-ingrossa bl-ammont monetarju li jifdal, eskluż il-VAT, disponibbli f'dak l-abbonament imħallas minn qabel fil-mument tal-konsum tar-roaming.

(15) Il-fornitur tar-roaming għandu jkun jista' jieħu miżuri biex jikxef u jipprevjeni l-użu abbużiv jew anomalu mis-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezzijiet domestiċi, għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku. Fl-istess ħin, il-klijenti tar-roaming għandhom ikunu protetti minn kwalunkwe miżura li tista' taffettwa b'xi mod il-kapaċità tagħhom li jużaw servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezzijiet domestiċi waqt li jkunu qed

jivvjaġġaw perjodikament fl-Unjoni, barra minn pajjiżhom. Il-miżuri biex jikxfu u jipprevjenu l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi għandhom ikunu sempliċi u trasparenti, u għandhom jimminimizzaw il-piż amministrattiv għal konsumaturi tar-roaming kif ukoll it-twissijiet eċċessivi u bla ħtieġa. B'konformità mar-rekwiżit ta' residenza jew ta' rabtiet stabbli li jinvolvu preżenza frekwenti u sostanzjali fil-pajjiż tal-fornitur tar-roaming, l-indikaturi li jissostanzjaw il-probabbiltà ta' użu abbużiv jew anomalu għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi oġġettivi bbażati fuq xejriet tat-traffiku li jindikaw in-nuqqas ta' preżenza fiżika prevalenti tal-klijent tar-roaming fil-pajjiż tal-fornitur tar-roaming jew ta' użu domestiku prevalenti tas-servizzi mobbli domestiċi. B'definizzjoni, dawn l-indikaturi oġġettivi għandhom jiġu stabbiliti matul ċertu perjodu ta' żmien. Dan il-perjodu għandu jkun twil biżżejjed, mill-inqas erba' xhur, li jippermetti lill-klijenti tar-roaming jikkunsmaw is-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi meta jkunu f'xi forma ta' vjaġġar perjodiku prevedibbli fl-Unjoni. L-indikaturi tal-preżenza fil-pajjiż tal-fornitur tar-roaming m'għandhomx jiġu affettwati b'mod negattiv minn roaming involontarju f'reġjuni fuq il-fruntiera. F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni tal-klijenti tar-roaming involantarju u dik tal-ħaddiema transfruntiera għandha tittieħed inkunsiderazzjoni billi jitqies li l-illoggjar man-netwerk tal-fornitur tar-roaming fi kwalunkwe punt f'jum speċifiku jindika jum ta' preżenza domestika għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-indikaturi oġġettivi. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-fornituri tar-roaming għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni adegwata sabiex il-klijenti tagħhom ikunu jistgħu jevitaw fil-ħin l-okkorrenzi ta' roaming involontarju. Il-preżenza u l-konsum 'l barra mill-Unjoni m'għandhomx jaffettwaw b'mod negattiv il-kapaċità tal-klijent tar-roaming li jgawdi mill-"uża r-roaming qisek qiegħed f'pajjiżek" fl-Unjoni, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala indikaturi tar-riskju li l-klijent ikun qed japprofitta mir-roaming bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, dawn il-preżenza u konsum għandhom jitqiesu bħala ta' natura domestika għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-indikaturi oġġettivi. Il-fornitur tar-roaming jista' joqgħod ukoll fuq kwalunkwe evidenza ċara oħra ta' użu abbużiv jew anomalu ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi, bħal xi abbonament li bilkemm jintuża fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming iżda jintuża l-aktar waqt ir-roaming, jew meta diversi abbonamenti jintużaw sekwenzjalment mill-istess klijent waqt li jkun roaming.

(16) B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 li jissalvagwardjaw it-trasparenza fl-użu tas-servizzi tar-roaming u bi qbil mar-regoli dwar il-kuntratti fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, il-klawżoli kuntrattwali li jipprevedu politika tal-użu ġust għandhom jiġu kkomunikati b'mod ċar lill-klijenti qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ. Il-politiki tal-użu ġust applikati minn fornitur tar-roaming skont dan ir-Regolament għandhom jiġu notifikati mill-fornitur tar-roaming lill-awtorità regolatorja nazzjonali,

(17) L-ipproċessar tad-dejta dwar it-traffiku u l-lok hu soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). B'mod partikolari, l-Artikolu 6 jippermetti lill-fornitur tar-roaming li jipproċessa d-dejta dwar it-traffiku li tkun meħtieġa biex isiru l-kontijiet tal-abbonati jew il-ħlasijiet tal-interkonnessjoni. L-applikazzjoni ta' miżuri mill-fornitur tar-roaming biex jikxfu u jipprevjenu l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi ma għandhiex twassal għall-ħażna u l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-klijenti identifikabbli personalment, inkluż id-dejta dwar it-traffiku u l-lok, li mhix relatata jew proporzjonata mal-għan tal-kxif u l-prevenzjoni tal-użu abbużiv jew anomalu.

(18) B'mod partikolari, il-fornitur tar-roaming għandu jkun kapaċi jikxef u jipprevjeni li, bi ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut, partijiet terzi jisfruttaw it-traffiku tal-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek" għall-arbitraġġ tal-prezzijiet biex jiksbu vantaġġ ekonomiku bil-bejgħ lil klijenti li normalment mhumiex residenti jew ma għandhomx rabtiet stabbli mal-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming. Meta l-operatur jistabbilixxi, b'evidenza oġġettiva u sostanzjata, dan l-abbuż sistematiku tal-attività, l-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità regolatorja nazzjonali l-elementi li jikkaratterizzaw l-abbuż sistematiku u l-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt sottostanti sa mhux aktar tard minn meta tittieħed il-miżura.

(19) F'każijiet speċifiċi, meta l-operatur ikollu evidenza sostanzjata tax-xejriet tal-użu ta' klijent tar-roaming partikolari li juru probabbiltà ta' konsum abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut fil-livelli domestiċi tal-prezzijiet għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku, minkejja l-evidenza dokumentarja ta' residenza jew ta' rabtiet stabbli mogħtija minn dak il-klijent, dan għandu javża lill-klijenti bir-riskju ta' attivazzjoni ta' ħlas supplimentari tar-roaming. Il-kriterji oġġettivi li jistgħu jintużaw bħala indikaturi li jissostanzjaw il-probabbiltà ta' użu abbużiv jew anomalu għandhom jiġu ddefiniti minn qabel fil-kuntratt.

([1]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

(20) Il-possibbiltà għall-fornitur tar-roaming li japplika ħlasijiet addizzjonali hija mingħajr preġudizzju għal xi miżuri proporzjonati li jistgħu jittieħdu, skont il-liġi nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, fil-każ li l-klijent ikun ipprovda attivament tagħrif mhux preċiż, ħalli tkun żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt sottostanti.

(21) Il-fornituri tar-roaming li japplikaw politika tal-użu ġust għandhom jistabbilixxu proċeduri trasparenti, sempliċi u effiċjenti biex jindirizzaw l-ilmenti tal-klijenti b'rabta mal-applikazzjoni ta' dik il-politika. B'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, f'kull każ, il-klijenti tar-roaming għandu jkollhom aċċess għall-korp kompetenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, li għandu jsolvi t-tilwim pendenti b'mod ġust u malajr bejn il-klijenti u l-fornituri tar-roaming li ġġib magħha l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust b'konformità mal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(22) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iwettqu monitoraġġ u jissorveljaw strettament l-applikazzjoni tal-politika tal-użu ġust biex ikun żgurat li kull politika tal-użu ġust applikata mill-fornituri domestiċi ma xxekkilx id-disponibbiltà tal-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek" għall-klijenti. Jekk l-awtorità regolatorja nazzjonali ssib li nkisru l-obbligi stabbiliti bir-Regolament dwar ir-roaming, l-awtorità nazzjonali għandha s-setgħa biex teżiġi l-waqfien minnufih ta' dan il-ksur.

(23) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi eżistenti bil-liġi tal-Unjoni, jew bil-liġi nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari d-dritt tal-utenti finali li jużaw netwerks u servizzi mobbli tal-komunikazzjoni elettronika f'xi Stat Membru irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni; ir-regoli nazzjonali li jeżiġu prova tal-identità jew evidenza dokumentarja oħra biex tinkiseb SIMcard jew inkella għall-abbonament ma' dawn in-netwerks jew dawn is-servizzi; kull miżura nazzjonali b'rabta mal-kontinwità tas-servizz jew mal-kreditu mħallas minn qabel b'numru jew SIMcard partikolari. u d-dritt tal-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li japplikaw miżuri adegwati f'konformità mal-liġi nazzjonali sabiex jikkombattu l-frodi.

(24) Billi x-xejriet fl-użu tar-roaming ivarjaw matul is-sena, l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom, għandhom jiġu vvalutati abbażi tad-dejta dwar it-traffiku li tkopri mill-inqas 12-il xahar. Sabiex jiġi kkalkulat il-volum tat-traffiku matul is-sena, għandu jkun possibbli li l-fornitur tar-roaming juri l-projezzjonijiet tat-traffiku. Dawn il-projezzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq dejta attwali bħad-dejta attwali dwar l-użu tar-roaming, l-estrapolazzjonijiet ta' użu domestiku attwali għall-użu tar-roaming, l-estrapolazzjonijiet ta' użu attwali tar-roaming ta' subsett sinifikanti ta' klijenti tar-roaming li jużaw pjanijiet tariffarji tal-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek" għall-klijenti tar-roaming kollha skont ir-regoli tal-"uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek", b'konformità mal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) Nru 531/2012. Meta jiġu rieżaminati l-applikazzjonijiet għal deroga ta' sostenibbiltà minn applikanti differenti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li s-suppożizzjonijiet użati minn kull applikant biex jikkalkula l-volumi projettati jkunu konsistenti, wara li jitqiesu d-differenzi rilevanti tal-pożizzjonament kummerċjali u l-bażijiet tal-klijenti.

(25) Kull dejta dwar l-ispiża u d-dħul li tappoġġa l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom, għandha tkun ibbażata fuq il-kontijiet finanzjarji li jistgħu jiġu aġġustati għal-projezzjonijiet tal-volum tat-traffiku. Devjazzjonijiet mill-projezzjonijiet tal-ispiża abbażi tal-kontijiet finanzjarji għandhom ikunu permessi biss jekk dawn jiġu sostnuti bi provi ta' impenji finanzjarji li jkunu diġà saru qabel tibda l-applikazzjoni.

(26) Għandha tiġi prevista metodoloġija armonizzata biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż u d-dħul tal-provvista ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut, bil-għan li tkun żgurata l-konsistenza tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom.

([1]) Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).

([2]) Id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11).

(27) Il-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut jinkludi żewġ kategoriji ġenerali tal-ispejjeż: l-ispiża biex jinxtara l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa minn netwerks miżjura għat-traffiku żbilanċjat, u spejjeż oħra speċifiċi għar-roaming. B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, l-ispiża biex jinxtara l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa minn netwerks miżjura għat-traffiku żbilanċjat ikopruha t-tariffi tar-roaming bl-ingrossa effettivi li huma applikati għall-volumi li bihom it-traffiku tar-roaming 'il barra tal-fornitur tar-roaming jaqbżu t-traffiku tar-roaming 'il ġewwa. Fil-każ tal-fornituri tar-roaming li, domestikament, jixtru l-aċċess bl-ingrossa minn fornitur tar-roaming ieħor (pereżempju, Operaturi ta' Netwerk Mobbli Virtwali), l-ispiża tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal dawk il-fornituri tista' tkun ogħla minn dik għall-fornitur, meta l-operatur domestiku tan-netwerk ospitanti jitlob ħlas mill-fornitur tar-roaming li jkun qed jixtri l-aċċess bl-ingrossa domestiku bi prezz tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa ogħla minn dak miksub mill-operaturi tan-netwerk miżjur għalih stess u/jew il-forniment ta' servizzi relatati. Din l-ispiża għolja tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa tista' twassal biex il-fornituri tar-roaming li jixtru l-aċċess domestiku bl-ingrossa jippreferu li jitolbu l-approvazzjoni biex japplikaw ħlas supplimentari għar-roaming, u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu sew dan l-aspett meta jirrevedu dawn l-applikazzjonijiet.

(28) L-ispejjeż l-oħra speċifiċi-għar-roaming biex jingħataw servizzi regolati tar-roaming bl-imnut huma komuni għall-forniment tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni u fil-pajjiżi li mhumiex tal-UE u xi whud huma komuni wkoll għall-forniment bl-ingrossa u bl-imnut tas-servizzi tar-roaming. Għall-finijiet ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, dawk l-ispejjeż komuni għandhom jiġu allokati għall-forniment tas-servizzi tar-roaming bl-imnut fi ħdan l-Unjoni u, fil-każ ta' dawk li huma komuni għall-forniment bl-imnut u bl-ingrossa, tas-servizzi tar-roaming skont il-proporzjon ġenerali għad-dħul finanzjarju tar-roaming 'il ġewwa u 'l barra.

(29) L-ispejjeż biex jingħataw servizzi regolati tar-roaming bl-imnut jistgħu jiġu kkalkulati wkoll li jinkludu proporzjon ta' spejjeż konġunti u komuni li jiġġarrbu biex jingħataw is-servizzi bl-imnut mobbli b'mod ġenerali, diment li l-kalkolu jkun jirrifletti l-proporzjon użat għall-allokazzjoni ta' dawn is-servizzi tad-dħul mill-forniment tas-servizzi bl-imnut mobbli l-oħra kollha.

(30) Biex jinstab l-ammont tad-dħul mill-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut, l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, għandha tqis bis-sħiħ id-dħul kollu tan-negozju bl-imnut miġbur direttament għall-forniment tas-servizzi bl-imnut mobbli li joriġinaw fi Stat Membru miżjur, bħalma hu d-dħul għat-traffiku li jaqbeż il-volumi skont xi politika tal-użu ġust jew minn servizzi regolati tar-roaming alternattivi, kif ukoll kull ħlas ieħor għal kull unità jew ħlas ieħor li jġib miegħu l-użu tas-servizzi bl-imnut mobbli fi Stat Membru miżjur.

(31) Peress li s-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut jingħataw skont il-kundizzjonijiet domestiċi applikabbli, dawn għandhom jitqiesu li jiġġeneraw parti mid-dħul minn ħlasijiet perjodiċi fissi għall-forniment tas-servizzi bl-imnut mobbli domestiċi. Għalhekk dawn għandhom jitqiesu meta tkun qed tiġi vvalutata l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c-(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu skont il-metodoloġija stabbilita f'dan ir-Regolament. Għal dak il-fini, id-dħul minn kull servizz bl-imnut mobbli għandu jkun allokat abbażi ta' kjavi li tirrifletti l-proporzjon bejn it-traffiku ta' bosta servizzi mobbli, ponderat skont il-proporzjon bejn il-ħlasijiet tar-roaming bl-ingrossa medji għal kull unità.

(32) Biex jitqies li għandu l-effett li jdgħajjef is-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tal-operatur, kull marġini nett tar-roaming bl-imnut li jirriżulta mit-tnaqqis tal-ispejjeż biex jingħataw is-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mid-dħul korrispondenti għandu jkun negattiv għallinqas b'ammont li jiġġenera riskju ta' effett apprezzabbli fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet domestiċi. B'mod partikolari, biex jitqies li jagħti lok għal riskju bħal dan, il-marġni nett negattiv tar-roaming bl-imnut għallinqas għandu jirrappreżenta proporzjon apprezzabbli ta' qligħ ġenerali, qabel id-deprezzament tat-taxxa tal-interess u l-amortizzament, mill-forniment ta' servizzi mobbli oħra.

(33) Anki meta l-marġni nett tar-roaming bl-imnut ikun jirrappreżenta proporzjon apprezzabbli tal-marġni ġenerali għall-forniment ta' servizzi mobbli oħra, ċerti ċirkustanzi speċifiċi, bħal-livell tal-kompetizzjoni fis-suq domestiku, jew il-karatteristiċi speċifiċi tal-applikant xorta jistgħu jeskludu r-riskju ta' effett apprezzabbli fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet domestiċi.

(34) Fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex japplika ħlas supplimentari tar-roaming li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, il-fornitur tar-roaming għandu jagħti stima tat-telf minħabba l-forniment ta' "uża r-roaming qisek qiegħed f'pajjiżek" u l-arranġamenti korrispondenti għall-applikazzjoni tal-ħlas supplimentari meħtieġ biex dawn jiġu rkuprati, filwaqt li jitqiesu l-ħlasijiet bl-ingrossa massimi applikabbli.

(35) Għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jagħtu awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming mill-ewwel jum tal-applikazzjoni tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012. Għal dak l-għan, l-iskambji bejn il-fornitur tar-roaming li jivvaluta tali applikazzjoni u l-awtorità regolatorja nazzjonali, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward, jistgħu jiġu previsti qabel dik id-data.

(36) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, l-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming għandha tingħata minn awtorità regolatorja nazzjonali għal perjodu ta' 12-il xahar. Sabiex iġġedded l-awtorizzazzjoni, il-fornitur tar-roaming għandu jaġġorna l-informazzjoni u jippreżentaha lill-awtorità regolatorja nazzjonali kull 12-il xahar f'konformità mal-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

(37) Minħabba l-obbligi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jissorveljaw strettament l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u l-miżuri dwar is-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut, kif ukoll li jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, dan ir-Regolament għandu jispeċifika l-informazzjoni minima li għandha tingħabar u tintbagħat lill-Kummissjoni biex din tkun tista' tagħmel monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħha.

(38) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, perjodikament il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' dan l-att ta' implimentazzjoni fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq.

(39) Il-Kumitat għall-Komunikazzjoni ma tax opinjoni.

(40) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat u applikat b'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà li jsir negozju. Kull ipproċessar tad-dejta personali skont dan ir-Regolament għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt tar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u għandu jkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], mad-Direttiva 2002/58/KE, kif emendata bid-Direttivi 2006/24/KE [2] u 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]. B'mod partikolari, il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li kwalunkwe pproċessar tad-dejta personali skont dan ir-Regolament għandu jkun meħtieġ u proporzjonat sabiex jikseb l-għan rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA I

## ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati biex tkun żgurata l-implimentazzjoni konsistenti ta' politika tal-użu ġust li l-fornituri tar-roaming jaf japplikaw għall-konsum tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mogħtija bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut b'konformità mal-Artikolu 6b tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

[1] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

[2] Id- Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temendi d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54).

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

2. Dan jistabbilixxi wkoll regoli dettaljati dwar:

(a) l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri tar-roaming biex japplikaw ħlas supplimentari tar-roaming li jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom;

(b) il-metodoloġija li għandhom japplikaw l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jivvalutaw jekk il-fornitur tar-roaming ikunx stabbilixxa li ma jistax ikopri l-ispejjeż għall-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming, bil-konsegwenza li tiddgħajjef is-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu.

*Artikolu 2*

**Id-definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 531/2012.

2. Għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "rabtiet stabbli" ma' Stat Membru li tfisser il-preżenza fit-territorju tal-Istat Membru li tirriżulta minn relazzjoni ta' impjieg sostenibbli u full-time, inkluż dik tal-ħaddiema transfruntiera; minn relazzjonijiet kuntrattwali fit-tul li jinvolvu grad simili ta' preżenza fiżika ta' persuna li taħdem għal rasha; mill-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' studju full-time rikorrenti; jew minn sitwazzjonijiet oħra, bħal dawk ta' ħaddiema ssekondati jew ta' persuni rtirati, kull meta dawn jinvolvu l-istess livell ta' preżenza territorjali;

(b) "servizzi bl-imnut mobbli" tfisser servizzi mobbli pubbliċi tal-komunikazzjoni pprovduti lill-utenti finali, li jinkludu s-servizzi bil-vuċi, bl-SMS u bid-dejta;

(c) "pakkett ta' dejta miftuħa" tfisser pjan tariffarju għall-provvista ta' servizz(i) bl-imnut mobbli li ma jillimitax il-volum ta' servizzi bl-imnut ta' dejta mobbli inklużi mal-ħlas ta' spiża perjodika fissa jew li għalihom il-prezz domestiku għal kull unità tas-servizzi bl-imnut ta' dejta mobbli, li jinkiseb billi l-prezz bl-imnut domestiku ġenerali, eskluż il-VAT, għal servizzi mobbli li jikkorrispondu għall-perjodu ta' fatturazzjoni kollu jiġi diviż bil-volum totali tas-servizzi bl-imnut ta' dejta mobbli disponibbli domestikament, ikun inqas mill-ħlas tar-roaming bl-ingrossa regolat massimu msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012;

(d) "pjan tariffarju mħallas minn qabel" tfisser pjan tariffarju li permezz tiegħu jiġu pprovduti s-servizzi bl-imnut mobbli fuq tnaqqis ta' kreditu disponibbli mill-klijent lill-fornitur abbażi ta' kull unità, qabel il-konsum, u li minnu l-konsumatur ikun jista' jirtira mingħajr penali f'każ ta' eżawriment jew ta' skadenza ta' kreditu;

(e) "Stat Membru miżjur" tfisser Stat Membru li mhux dak tal-fornitur domestiku tal-klijent tar-roaming;

(f) "marġni tas-servizzi mobbli" tfisser il-qligħ, qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament, mill-bejgħ tas-servizzi mobbli minbarra s-servizzi tar-roaming bl-imnut provduti fl-Unjoni, li għalhekk jeskludi l-ispejjeż u d-dħul mis-servizzi tar-roaming bl-imnut;

(g) "grupp" tfisser impriża prinċipali u kull impriża sussidjarja tagħha soġġetta għall-kontroll tal-impriża prinċipali skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

TAQSIMA II

**IL-POLITIKA TAL-UŻU ĠUST**

*Artikolu 3*

**Il-prinċipju bażiku**

1. Il-fornitur tar-roaming għandu jipprovdi servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku lill-klijenti tar-roaming tiegħu li normalment huma residenti fl-Istat Membru tiegħu jew li jkollhom rabtiet stabbli bi preżenza frekwenti u sostanzjali fl-Istat Membru tiegħu, meta dawn ikunu qed jivvjaġġaw perjodikament fl-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

2. Kwalunkwe politika tal-użu ġust li japplikaw il-fornituri tar-roaming biex jipprevjenu l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 u għandha tiżgura li l-klijenti kollha jkollhom aċċess għas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut bil-prezz domestiku waqt li jkunu qed jivvjaġġaw perjodikament fl-Unjoni bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku dawn is-servizzi ġew ikkonsmati f'pajjiżhom.

*Artikolu 4*

**L-użu ġust**

1. Għall-finijiet ta' kwalunkwe politika tal-użu ġust, il-fornitur tar-roaming jista' jitlob lill-klijenti tar-roaming tiegħu biex jipprovdu prova ta' residenza normali fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming jew ta' rabtiet stabbli ma' dak l-Istat Membru bi preżenza frekwenti u sostanzjali fit-territorju tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitu domestiku tal-volum, fil-każ ta' pakkett ta' dejta miftuħa, il-klijent tar-roaming għandu jkun jista' jikkonsma, waqt li jivvjaġġa perjodikament fl-Unjoni, volum ta' servizzi ta' roaming tad-dejta bl-imnut bil-prezz domestiku bl-imnut ekwivalenti għal mill-inqas id-doppju tal-volum miksub billi l-prezz bl-imnut domestiku ġenerali ta' dak il-pakkett ta' dejta miftuħa jiġi diviż, eskluż il-VAT, korrispondenti għall-perjodu kollu tal-kont, bil-ħlas tar-roaming bl-ingrossa regolat massimu msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

Fil-każ tal-bejgħ ta' servizzi bl-imnut mobbli miġbura f'pakkett ma' servizzi jew terminali oħra, il-prezz bl-imnut domestiku ġenerali ta' dak il-pakkett ta' dejta għandu jiġi determinat, għall-finijiet tal-Artikolu 2(2)(c) u ta' dan il-paragrafu, billi jitqies il-prezz applikat għall-bejgħ separat tal-komponent tas-servizzi bl-imnut mobbli tal-pakkett, eskluż il-VAT, jekk disponibbli, jew il-prezz tal-bejgħ ta' dawn is-servizzi bl-istess karatteristiċi fuq bażi awtonoma.

3. Fil-każ ta' pjanijiet ta' tariffi mħallsa minn qabel, bħala alternattiva għar-rekwiżit tal-politika tal-użu ġust imsemmi fil-paragrafu 1, il-fornitur tar-roaming jista' jillimita l-konsum ta' servizzi ta' roaming tad-dejta bl-imnut fl-Unjoni bil-prezz bl-imnut domestiku għal volumi ekwivalenti għal mill-inqas il-volum miksub billi l-ammont globali, eskluż il-VAT, ta' kreditu disponibbli li jifdal u diġà mħallsa mill-konsumatur lill-fornitur jiġi diviż, fil-waqt tal-bidu tar-roaming, bil-ħlas tar-roaming bl-ingrossa regolat massimu msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

4. Fil-kuntest tal-ipproċessar tad-dejta dwar it-traffiku skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/58/KE, biex jipprevjenu l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mogħtija bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, il-fornitur tar-roaming jista' japplika mekkaniżmi ta' kontroll ġusti, raġonevoli u proporzjonati bbażati fuq indikaturi oġġettivi marbuta mar-riskju ta' użu abbużiv jew anomalu lil hinn mill-ivvjaġġar perjodiku fl-Unjoni.

L-indikaturi oġġettivi jistgħu jinkludu miżuri biex jiġi stabbilit jekk il-klijenti jkollhomx il-konsum domestiku prevalenti fuq il-konsum tar-roaming jew jekk il-preżenza domestika tagħhom hijiex prevalenti fuq dik fi Stati Membri oħra tal-Unjoni.

Biex jiġi żgurat li l-klijenti tar-roaming impenjati fi vjaġġar perjodiku ma jiġux soġġetti għal twissijiet bla bżonn jew eċċessivi skont l-Artikolu 5(4), il-fornituri tar-roaming li japplikaw dawn il-miżuri biex jistabbilixxu xi riskju ta' użu abbużiv jew anomalu ta' servizzi roaming għandhom josservaw dawn l-indikaturi ta' preżenza u ta' konsum b'mod kumulattiv u għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas erba' xhur.

Il-fornitur tar-roaming għandu jispeċifika, fil-kuntratti mal-klijenti tar-roaming, is-servizz(i) bl-imnut mobbli li l-indikatur tal-konsum jirreferi għalih(om) u d-durata minima tal-perjodu ta' osservazzjoni.

Il-konsum domestiku prevalenti jew il-preżenza domestika prevalenti tal-klijent tar-roaming waqt il-perjodu ta' osservazzjoni definit għandhom jitqiesu bħala prova ta' użu mhux abbużiv u mhux anomalu ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut.

Għall-iskop tat-tieni, it-tielet u l-ħames subparagrafu, kull jum li fih klijent tar-roaming ikun illoggja fuq in-netwerk domestiku għandu jingħadd bħala jum ta' preżenza fiżika ta' dak il-klijent.

Indikaturi oġġettivi oħra marbuta mar-riskju ta' użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mogħtija bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jinkludu biss:

(a) inattività fit-tul ta' SIMcard partikolari li tkun assoċjata li tintuża l-aktar, jekk mhux biss, għar-roaming;

(b) l-abbonament u l-użu sekwenzjali ta' diversi SIMcards mill-istess klijent waqt ir-roaming.

5. Meta l-fornitur tar-roaming jistabbilixxi, b'evidenza oġġettiva u sostanzjata, li xi SIMcards reġgħu nbigħu b'mod organizzat lil persuni li effettivament mhumiex residenti fl-Istat Membru ta' dak il-fornitur tar-roaming bl-imnut jew lil persuni li ma għandhomx rabtiet stabbli bi preżenza frekwenti u sostanzjali mal-Istat Membru ta' dak il-fornitur tar-roaming bl-imnut biex ikun jista' jsir konsum tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mogħtija bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut minbarra għall-iskop tal-ivvjaġġar perjodiku, il-fornitur tar-roaming jista' jieħu miżuri proporzjonati minnufih biex jiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt sottostanti.

6. Meta jaġixxi skont din it-taqsima, il-fornitur tar-roaming għandu jikkonforma mad-Direttivi 2002/58/KE u 95/46/KE u mal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom, u mar-Regolament (UE) 2016/679.

7. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-politiki tal-użu ġust definiti fit-termini kuntrattwali ta' tariffi tar-roaming alternattivi previsti skont l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

*Artikolu 5*

**It-trasparenza u s-superviżjoni tal-politiki tal-użu ġust**

1. Meta fornitur tar-roaming japplika politika tal-użu ġust, fil-kuntratti mal-klijenti tar-roaming, dan għandu jinkludi t-termini u l-kundizzjonijiet kollha relatati ma' din il-politika, inkluż kull mekkaniżmu ta' kontroll applikat skont l-Artikolu 4(4). Bħala parti mill-politika tal-użu ġust, il-fornitur tar-roaming għandu jistabbilixxi proċeduri trasparenti, sempliċi u effiċjenti biex jindirizza l-ilmenti tal-klijenti dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust. Dan hu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-klijenti tar-roaming, b'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, li jirrikorru għall-proċeduri sempliċi, trasparenti, ġusti u pronti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti stabbiliti fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming b'konformità mal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2002/22/KE. Tali mekkaniżmu għall-ilmenti u proċeduri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim għandhom jippermettu lill-klijent tar-roaming jipprovdi evidenza li mhux juża s-servizzi regolati ta' roaming bl-imnut għal finijiet oħra minbarra l-ivvjaġġar perjodiku, b'rispons għal twissija skont il-paragrafu (3), l-ewwel subparagrafu.

2. Il-politiki tal-użu ġust b'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu notifikati mill-fornitur tar-roaming lill-awtorità regolatorja nazzjonali.

3. Meta jkun hemm evidenza oġġettiva u sostanzjata, ibbażata fuq l-indikaturi oġġettivi msemmija fl-Artikolu 4(4), li tindika riskju ta' użu abbużiv jew anomalu ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut fl-Unjoni bil-prezz bl-imnut domestiku minn klijent partikolari, il-fornitur tar-roaming għandu jwissi l-konsumatur dwar skoperti ta' mġieba li jindikaw riskju bħal dan qabel ma japplikaxi ħlas supplimentari skont l-Artikolu 6e tar-Regolament (UE) Nru 531/2012.

Fil-każijiet meta tali riskju jirriżulta min-nuqqas ta' rispett tal-kriterji tal-prevalenza ta' konsum domestiku u tal-prevalenza ta' preżenza domestika matul il-perjodu ta' osservazzjoni definit, imsemmi fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(4), l-indikazzjonijiet addizzjonali ta' riskju li jirriżultaw mill-preżenza jew użu mhux domestiċi ġenerali tal-klijent tar-roaming għandhom jitqiesu għall-finijiet tar-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe lment sussegwenti kif previst fil-paragrafu (1) jew tal-proċedura għar-riżoluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, rigward l-applikabbiltà ta' ħlas supplimentari.

Dan il-paragrafu għandu japplika irrispettivament mill-preżentazzjoni, min-naħa tal-klijent tar-roaming, ta' evidenza dokumentarja ta' residenza jew ta' rabtiet stabbli oħra bi preżenza frekwenti u sostanzjali fl-Istat Membru tal-fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 4(1).

4. Meta l-fornitur tar-roaming jagħti twissija lill-klijent tar-roaming skont il-paragrafu 3, il-fornitur għandu jinforma lill-klijent li, fin-nuqqas ta' bidla fix-xejra tal-użu f'perjodu li ma jistax ikun iqsar minn ġimagħtejn, li turi konsum jew preżenza domestiċi reali, jista' jiġi applikat ħlas supplimentari skont l-Artikolu 6e tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 għal kwalunkwe użu ulterjuri ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut bis-SIMcard inkwistjoni wara d-data ta' tali twissija.

5. Il-fornitur tar-roaming għandu jieqaf japplika l-ħlas supplimentari malli l-użu tal-klijent ma jibqax jindika riskju ta' użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi regolati ta' roaming bl-imnut abbażi tal-indikaturi oġġettivi msemmija fl-Artikolu 4(4).

6. Meta fornitur tar-roaming jistabbilixxi li xi SIM cards reġgħu nbigħu b'mod organizzat lil persuni li normalment mhumiex residenti fl-Istat Membru ta' dak il-fornitur tar-roaming bl-imnut jew lil persuni li ma għandhomx rabtiet stabbli bi preżenza frekwenti u sostanzjali mal-Istat Membru ta' dak il-fornitur tar-roaming bl-imnut biex ikun jista' jsir konsum tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut minbarra għall-iskop tal-ivvjaġġar perjodiku 'l barra minn dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 4(3), l-operatur għandu jgħarraf lill-awtorità regolatorja nazzjonali bl-evidenza li toħroġ mill-abbuż sistematiku inkwistjoni u bil-miżura meħuda biex jiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt sottostanti għallinqas fl-istess ħin meta tittieħed miżura bħal din.

## TAQSIMA III

## L-APPLIKAZZJONI U L-METODOLOĠIJA GĦALL-VALUTAZZJONI TAS-SOSTENIBBILTÀ TAT-TNEĦĦIJA TAL-ĦLASIJIET TAR-ROAMING BL-IMNUT

### *Artikolu 6*

### **Id-dejta li tappoġġa l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu**

1. L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiku tagħhom ("l-applikazzjoni"), għandhom jiġu vvalutati abbażi tad-dejta dwar il-volumi ġenerali tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut mogħtija, mill-fornitur tar-roaming li qed japplika, projettati fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda mhux qabel il-15 ta' Ġunju 2017. Għall-ewwel applikazzjoni, dawn il-projezzjonijiet ta' volum għandhom jiġu stmati bl-użu ta' waħda minn dawn l-alternattivi jew ta' kombinazzjoni tagħhom:

(a) il-volumi attwali ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut mogħtija mill-applikant bil-prezzijiet regolati tar-roaming bl-imnut applikabbli qabel il-15 ta' Ġunju 2017;

(b) il-volumi projettati ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut wara l-15 ta' Ġunju 2017, fejn il-volumi pprojettati ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut matul il-perjodu inkwistjoni jkunu stmati abbażi tal-konsum domestiku bl-imnut attwali tas-servizzi mobbli u l-ħin li l-klijenti tar-roaming tal-applikant jgħaddu fl-Unjoni, barra minn pajjiżhom;

(c) il-volumi projettati ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut wara l-15 ta' Ġunju 2017, fejn volumi ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut jiġu stmati abbażi tal-bidla proporzjonali fil-volumi ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut esperjenzati fil-pjanijiet tariffarji tal-applikant li jirrappreżentaw parti sostanzjali tal-bażi tal-klijenti li fuqhom l-applikant stabbilixxa l-prezzijiet ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut fil-livell domestiku għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum, skont il-metodoloġija stipulata fl-Anness I.

Jekk tiġi aġġornata l-applikazzjoni mressqa skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-volumi ġenerali projettati tas-servizzi tar-roaming regolati għandhom jiġu aġġornati abbażi tax-xejra medja attwali tal-konsum tas-servizzi mobbli domestiċi mmultiplikati bl-għadd osservat ta' klijenti tar-roaming u l-ħin li jkunu għaddew fl-Istati Membri miżjura fit-12-il xahar ta' qabel.

2. Kwalunkwe dejta dwar l-ispejjeż u d-dħul tal-applikant għandha tkun ibbażata fuq il-kontijiet finanzjarji, li għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità regolatorja nazzjonali, u jistgħu jiġu aġġustati skont l-istimi tal-volumi b'konformità mal-paragrafu 1. Meta jiġu projettati l-ispejjeż, id-devjazzjoni miċ-ċifri li joħorġu mill-kontijiet finanzjarji passati għandhom jitqiesu biss jekk ikollhom l-appoġġ ta' evidenza ta' impenji finanzjarji għall-perjodu kopert mill-projezzjonijiet.

3. L-applikant għandu jipprovdi d-dejta kollha meħtieġa li tintuża għall-kalkolu tal-marġni tas-servizzi mobbli u tal-ispejjeż u d-dħul attwali u projettati ġenerali tal-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming matul il-perjodu rilevanti.

*Artikolu 7*

**Id-determinazzjoni ta' spejjeż speċifiċi għar-roaming għall-forniment ta' servizzi regolati tar-roaming bl-imnut**

1. Sabiex jiġi stabbilit li l-applikant ma jistax jirkupra l-ispejjeż tiegħu, bil-konsegwenza li tiddgħajjef is-sostenibbiltà tas-sistema tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, għandhom jitqiesu biss dawn l-ispejjeż speċifiċi għar-roaming, jekk jiġu ssostanzjati fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming:

(a) l-ispejjeż biex jinxtara l-aċċess tar-roaming bl-ingrossa;

(b) l-ispejjeż bl-imnut speċifiċi għar-roaming.

2. Fir-rigward tal-ispejjeż imġarrba biex jinxtraw is-servizzi regolati tar-roaming bl-ingrossa, għandu jitqies biss l-ammont b'kemm il-ħlasijiet ġenerali tal-applikant lil kumpaniji oħra li jipprovdu servizzi bħal dawn fl-Unjoni jaqbżu s-somom totali ġenerali dovuti lilu għall-forniment tal-istess servizzi lil fornituri oħra tar-roaming fl-Unjoni. Fir-rigward tas-somom dovuti lill-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' servizzi regolati tar-roaming bl-ingrossa, il-fornitur tar-roaming għandu jassumi volumi projettati ta' dawn is-servizzi tar-roaming bl-ingrossa li jkunu konsistenti mas-suppożizzjoni li fuqha huma bbażati l-volumi projettati tiegħu fl-Artikolu 6(1).

3. Fir-rigward tal-ispejjeż bl-imnut speċifiċi għar-roaming, għandhom jitqiesu dawn l-ispejjeż li ġejjin, jekk jiġu ssostanzjati fl-applikazzjoni:

(a) l-ispejjeż tal-operat u l-ġestjoni tal-attivitajiet tar-roaming, inkluż is-sistemi u s-softwer għall-informazzjoni tan-negozju maħsuba apposta għall-operat u l-ġestjoni tar-roaming;

(b) l-ispejjeż għall-ikklirjar tad-dejta u tal-pagamenti, inkluż l-ikklirjar tad-dejta u l-ispejjeż tal-ikklirjar finanzjarju;

(c) l-ispejjeż tan-negozjati u tal-ftehim, inkluż l-ispejjeż ta' tariffi esterni u l-użu ta' riżorsi interni;

(d) l-ispejjeż imġarrba għall-konformità mar-rekwiżiti għall-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut stabbiliti bl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, filwaqt li titqies il-politika tal-użu ġust applikabbli li jadotta l-fornitur tar-roaming.

4. L-ispejjeż imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3 għandhom jitqiesu biss b'mod proporzjonat mal-proporzjon tal-volum tat-traffiku ġenerali tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut tal-applikant mat-traffiku ġenerali bl-imnut 'il barra u bl-ingrossa 'l ġewwa tas-servizzi tar-roaming tiegħu, b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II, il-punti (1) u (2), u b'mod proporzjonat mal-proporzjon tal-ammont ġenerali tat-traffiku tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tiegħu fl-Unjoni mat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tiegħu fl-Unjoni u 'l barra mill-Unjoni, b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II, il-punti (1) u (3).

5. L-ispejjeż imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3 għandhom jitqiesu biss b'mod proporzjonat mal-proporzjon tal-volum tat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tal-applikant fl-Unjoni mat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tiegħu fl-Unjoni u 'l barra mill-Unjoni, b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II, il-punti (1) u (3).

*Artikolu 8*

**L-allokazzjoni ta' spejjeż komuni u konġunti tal-imnut għall-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut**

1. Minbarra l-ispejjeż determinati skont l-Artikolu 7, fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming jista' jiddaħħal proporzjon tal-ispejjeż konġunti u komuni mġarrba għall-forniment tas-servizzi bl-imnut mobbli b'mod ġenerali. Jekk jiġu ssostanzjati fl-applikazzjoni, għandhom jitqiesu biss dawn l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-fatturazzjoni u l-ġbir, inkluż kull spiża marbuta mal-ipproċessar, il-kalkolu, il-produzzjoni u n-notifika tal-kont attwali tal-klijent;

(b) l-ispejjeż għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, inkluż l-ispejjeż għall-operat tal-ħwienet u mezzi oħra tad-distribuzzjoni għall-bejgħ tas-servizzi bl-imnut mobbli;

(c) l-ispejjeż għall-assistenza tal-klijenti, inkluż l-ispiża għat-tħaddim ta' kull servizz ta' assistenza tal-klijenti disponibbli għall-utent finali;

(d) l-ispejjeż għall-ġestjoni tad-dejn mitluf, inkluż l-ispejjeż imġarrba bit-tħassir tad-dejn li ma jistax jinġabar u għall-ġbir tad-dejn mitluf;

(e) l-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluż l-ispejjeż kollha għar-reklamar tas-servizzi mobbli.

2. Jekk jiġu ssostanzjati fl-applikazzjoni, l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu biss b'mod proporzjonat mal-proporzjon tat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tal-applikant fl-Unjoni mat-traffiku bl-imnut ġenerali tas-servizzi bl-imnut mobbli kollha, miksub bħala medja ponderata ta' dak il-proporzjon għal kull servizz mobbli, b'piżijiet li jirriflettu l-medja tal-prezzijiet rispettivi tar-roaming bl-ingrossa mħallsa mill-applikant b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II, il-punti (1) u (4).

*Artikolu 9*

**Id-determinazzjoni tad-dħul mill-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut**

1. Għall-finijiet biex jiġi stabbilit li l-applikant ma jistax jirkupra l-ispejjeż tiegħu, bil-konsegwenza li tiddgħajjef is-sostenibbiltà tas-sistema tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, għandu jitqies biss dan id-dħul u jiddaħħal fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming:

(a) id-dħul li joħroġ direttament mit-traffiku tas-servizzi bl-imnut mobbli li joriġinaw fi Stat Membru miżjur;

(b) proporzjon tad-dħul ġenerali mill-bejgħ tas-servizzi bl-imnut mobbli bbażat fuq ħlasijiet perjodiċi fissi.

2. Id-dħul imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jinkludi:

(a) kwalunkwe ħlas bl-imnut impost skont l-Artikolu 6e tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 għat-traffiku li jaqbeż kull politika tal-użu ġust li japplika l-fornitur tar-roaming;

(b) kwalunkwe dħul minn servizzi regolati tar-roaming alternattivi skont l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012;

(c) kwalunkwe prezz bl-imnut domestiku fatturat abbażi ta' kull unità jew b'eċċess ta' ħlasijiet perjodiċi fissi għall-forniment tas-servizzi bl-imnut mobbli u kkawżat bl-użu tas-servizzi bl-imnut mobbli fi Stat Membru miżjur.

3. Sabiex jiġi stabbilit id-dħul imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, fil-każ tal-bejgħ ta' servizzi bl-imnut mobbli miġbura f'pakkett ma' servizzi jew terminali oħra, għandu jitqies biss id-dħul marbut mal-bejgħ tas-servizzi bl-imnut mobbli. Dak id-dħul għandu jiġi determinat b'referenza għall-prezzijiet applikati għall-bejgħ b'mod separat ta' kull komponent tal-pakkett, jekk ikunu disponibbli, jew għall-bejgħ ta' dawn is-servizzi bl-istess karatteristiċi fuq bażi awtonoma.

4. Sabiex jiġi ddeterminat il-proporzjon tad-dħul ġenerali mill-bejgħ ta' servizzi bl-imnut mobbli marbuta mal-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut, għandha tiġi applikata l-metodoloġija stabbilita fl-Anness II, il-punti (1) u (5).

*Artikolu 10*

**Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari għar-roaming li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li jippreżenta fornitur tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tikkonkludi li l-applikant ma jistax ikopri l-ispejjeż għall-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut, bil-konsegwenza li tiddgħajjef is-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tiegħu, biss meta l-marġni nett negattiv tar-roaming bl-imnut tal-applikant ikun ekwivalenti għal 3 % tal-marġni tas-servizzi mobbli jew iżjed.

Il-marġni nett tar-roaming bl-imnut għandu jkun l-ammont li jifdal meta l-ispejjeż għall-forniment tas-servizzi regolati tar-roaming bl-imnut jitnaqqsu mid-dħul mill-forniment ta' dawn is-servizzi, kif stabbilit b'konformità ma' dan ir-Regolament. Biex tistabbilixxi dan, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tagħmel rieżami tad-dejta mogħtija fl-applikazzjoni biex tiżgura l-konformità mal-metodoloġija għad-determinazzjoni tad-dħul u tal-ispejjeż, kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8 u 9.

2. Meta l-valur assolut tal-marġni nett tar-roaming bl-imnut tal-applikant ikun ekwivalenti għal 3 % tal-marġni tas-servizzi mobbli jew iżjed, l-awtorità regolatorja nazzjonali xorta għandha tirrifjuta l-ħlas supplimentari meta tkun tista' tistabbilixxi li aktarx, minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi, se tiddgħajjef is-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi. Dawn iċ-ċirkustanzi jinkludu sitwazzjonijiet meta:

(a) l-applikant huwa parti minn grupp u jkun hemm evidenza ta' trasferiment intern tal-prezzijiet favur il-kumpaniji sussidjarji l-oħra tal-grupp fl-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl ta' żbilanċ sostanzjali fil-ħlasijiet tar-roaming bl-ingrossa applikati fi ħdan il-grupp;

(b) il-grad tal-kompetizzjoni fis-swieq domestiċi juri li hemm kapaċità biex jiġu assorbiti l-marġnijiet imnaqqsa;

(c) l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust aktar restrittiva, mill-ġdid b'konformità mal-Artikoli 3 u 4, tnaqqas il-marġni nett tar-roaming bl-imnut għal proporzjon inqas minn 3 %.

3. Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn operatur ikollu marġni negattiv tas-servizzi mobbli u marġini nett negattiv tar-roaming bl-imnut, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tawtorizza l-applikazzjoni ta' ħlas supplimentari fuq is-servizzi regolati tar-roaming.

4. Meta tawtorizza l-ħlas supplimentari għas-servizzi regolati tar-roaming, id-deċiżjoni finali tal-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tidentifika l-ammont tal-marġni negattiv determinat tar-roaming bl-imnut li jista' jiġi rkuprat bl-applikazzjoni ta' ħlas supplimentari bl-imnut fuq is-servizzi tar-roaming mogħtija fl-Unjoni. Il-ħlas supplimentari għandu jkun konsistenti mas-suppożizzjonijiet tat-traffiku tar-roaming li fuqhom tissejjes il-valutazzjoni tal-applikazzjoni u jiġi stabbilit b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

TAQSIMA IV

## ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 11*

### Il-monitoraġġ tal-politika tal-użu ġust u l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari li jippreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom

Biex isir monitoraġġ tal-applikazzjoni konsistenti tal-Artikoli 6b u 6c tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u ta' dan ir-Regolament, u bil-għan li l-Kummissjoni tkun infurmata kull sena bl-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 6d(5) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, b'mod regolari l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar:

(a) kwalunkwe azzjoni li jieħdu biex jissorveljaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 6b tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u r-regoli dettaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li jiġu ppreżentati, awtorizzati u mġedda matul is-sena skont l-Artikolu 6c(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012;

(c) kemm huma l-marġnijiet netti negattivi tar-roaming bl-imnut rikonoxxuti fid-deċiżjonijiet tagħhom biex jawtorizzaw ħlas supplimentari għar-roaming u l-arranġamenti li jikkonċernaw ħlas supplimentari li ġie ddikjarat fl-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġi applikat ħlas supplimentari tar-roaming li ppreżentaw il-fornituri tar-roaming skont l-Artikolu 6c(2) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell tal-ħlasijiet domestiċi tagħhom.

---

[1] Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33)

*Artikolu 12*

**Ir-rieżami**

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li twettaq rieżami aktar kmieni fid-dawl ta' esperjenza ta' implimentazzjoni inizjali u ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fil-fatturi msemmija fl-Artikolu 6d(2) tar-Regolament Nru 531/2012, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' dan l-att ta' implimentazzjoni sa mhux aktar tard minn Ġunju 2019, wara li tikkonsulta lill-BEREC.

*Artikolu 13*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

Bidla proporzjonali fil-volumi attwali tas-servizzi regolati tar-roaming skont "uża r-roaming qisek qiegħed f'pajjiżek" meta mqabblin mal-istess perjodu fis-sena ta' qabel:

$$\left( \frac{\sum_{1}^{n} volum_k\,(t)}{\sum_{1}^{n} volum_k\,(t-1)} - 1 \right) \times 100$$

Fejn:

$k$ = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta);

$n$ hija l-għadd ta' jiem tal-applikazzjoni ta' "uża r-roaming qisek qiegħed f'pajjiżek" ($n \geq 30$); u

$t$ hija s-sena tal-ewwel applikazzjoni ta' "uża r-roaming qisek qiegħed f'pajjiżek".

Dan il-persentaġġ għandu jintuża biex tiġi stmata l-bidla fil-volumi matul il-perjodu projettat ta' 12-il xahar billi jiġi mmultiplikat bil-volumi tas-sena ta' qabel.

*ANNESS II*

(1) Il-piżijiet $w_i$ tas-servizzi bl-imnut mobbli:

$$w_k = \frac{\textit{prezz medju tar-roaming bl-ingrossa li jħallas l-operatur}_{ki}}{\sum_{k=1}^{3} \textit{prezz medju tar-roaming bl-ingrossa li jħallas l-operatur}_{k}}$$

Fejn:

*k* = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta);

il-"prezz medju tar-roaming bl-ingrossa li jħallas l-operatur" tirreferi għall-prezz medju ta' kull unità għat-traffiku żbilanċjat imħallas mill-operatur għal kull servizz, fejn l-unità għal kull servizz hija ċenteżmi tal-euro kull (i) minuta, għal servizz bil-vuċi, (ii) SMS, għal SMS u (iii) MB, għal servizz tad-dejta).

(2) Il-proporzjon tal-volum tat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tal-applikant mat-traffiku ġenerali bl-imnut 'il barra u bl-ingrossa 'l ġewwa tas-servizzi tar-roaming tiegħu:

$$\frac{\textit{traffiku ġenerali tar-roaming bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku tar-roaming (bl-imnut 'il barra + bl-ingrossa 'l ġewwa)}} = \sum_{k=1}^{3} w_k \times \frac{\textit{traffiku}_k \textit{ ġenerali tar-roaming bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming (bl-imnut 'il barra + bl-ingrossa 'l ġewwa)}_k}$$

Fejn:

*k* = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta)

(3) Il-proporzjon tal-volum tat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tal-applikant fl-Unjoni mat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tiegħu fl-Unjoni u 'l barra mill-Unjoni:

$$\frac{\textit{traffiku tar-roaming fl-UE bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku tar-roaming (fl-UE u mhux fl-UE) bl-imnut 'il barra}} = \sum_{k=1}^{3} w_k \times \frac{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming fl-UE bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming (fl-UE u mhux fl-UE) bl-imnut 'il barra}}$$

Fejn:

*k* = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta).

(4) Il-proporzjon tat-traffiku ġenerali tas-servizzi tar-roaming bl-imnut tal-applikant fl-Unjoni mat-traffiku bl-imnut ġenerali tas-servizzi bl-imnut mobbli kollha:

$$\frac{\textit{traffiku tar-roaming fl-UE bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku tar-roaming (fl-UE u mhux fl-UE) bl-imnut 'il barra} + \textit{traffiku domestiku bl-imnut}} = \sum_{k=1}^{3} w_k \times \frac{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming fl-UE bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming (fl-UE u mhux fl-UE) bl-imnut 'il barra} + \textit{traffiku}_k \textit{ domestiku bl-imnut}}$$

fejn

*k* = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta)

(5) Id-dħul bl-imnut tar-roaming fl-UE:

$$\textit{Dħul bl-imnut tar-roaming fl-UE} = \textit{dħul domestiku bl-imnut}$$

$$\times \left( \sum_{k=1}^{3} w_k \times \frac{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming fl-UE bl-imnut 'il barra}}{\textit{traffiku}_k \textit{ tar-roaming (fl-UE u mhux fl-UE)} + \textit{traffiku}_k \textit{ domestiku bl-imnut}} \right)$$

Fejn:

*k* = servizz (1 = bil-vuċi, 2 = SMS, 3 = tad-dejta).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2287

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 431/2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ffriżata u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 ([2]) jipprovdi għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 ([3]) jipprovdi għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat.

(3) Bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-UE kabbret l-unjoni doganali tagħha. Konsegwentement, l-UE kienet obbligata skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tidħol f'negozjati mal-membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjati mal-Istat Membru aderenti sabiex ikun hemm ftehim dwar aġġustament kumpensatorju eventwali.

(4) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1884 ([4]), fih previst l-estensjoni taż-żewġ kwoti tar-rata tariffarja eżistenti tal-Unjoni għaċ-ċanga. Il-kwota eżistenti għal-laħam mingħajr għadam tal-annimali bovini jenħtieġ li tiġi estiża b'76 tunnellata u l-kwota eżistenti għal-laħam iffriżat tal-annimali bovini jenħtieġ li tiġi estiża b'1 875 tunnellata.

(5) Peress li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017, huwa għalhekk xieraq li dan ir-Regolament japplika minn dik id-data.

(6) Għall-finijiet tal-amministrazzjoni xierqa tal-kwota tariffarja pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 431/2008 il-kwantità addizzjonali ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini jenħtieġ li tkun disponibbli mill-perjodu tal-kwota 2017/2018.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 431/2008 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 tad-19 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91 (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 3).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat (ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1884 tat-18 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 291, 26.10.2016, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 431/2008 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel subparagrafu, il-kliem "53 000 tunnellata" jinbidlu bil-kliem "54 875 tunnellata";

2. Jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:

   "Madankollu, għall-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni 2016/2017 l-ammont totali għandu jkun ta' 53 000 tunnellata."

*Artikolu 2*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

   "(a) 66 826 tunnellata għal laħam ta' annimali bovini frisk ta' kwalità għolja, imkessaħ jew iffriżat koperti mill-kodiċijiet NM 0201 u 0202 u għal prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 10 95 u 0206 29 91."

2. Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(c), il-kliem "6 300 tunnellata" jinbidlu bil-kliem "6 376 tunnellata";

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2288

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li japprova l-butossidu tal-piperonil bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([2]) jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li għandhom jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi l-butossidu tal-piperonil.

(2) Il-butossidu tal-piperonil ġie evalwat għall-użu fil-prodotti tat-tip 18, insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Il-Greċja ntgħażlet bħala l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni u fid-29 ta' Mejju 2015 bagħtet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

(4) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, il-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ta l-opinjonijiet tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2016, filwaqt li qies il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(5) Skont dawk l-opinjonijiet, il-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 li fihom il-butossidu tal-piperonil jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, sakemm ikunu konformi ma' ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tiegħu.

(6) Għalhekk, jixraq li l-butossidu tal-piperonil jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(7) Minħabba li l-butossidu tal-piperonil jissodisfa l-kriterji għax huwa persistenti ħafna (vP) skont l-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-artikoli ttrattati bil-butossidu tal-piperonil jew li jinkorporawh għandhom jiġu ttikkettati b'mod adegwat meta jitqiegħdu fis-suq.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel sustanza attiva tiġi approvata, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preparatorji meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-butossidu tal-piperonil huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Isem Komuni | Isem tal-IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni | Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva (1) | Data tal-approvazzjoni | Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni | Tip ta' prodott | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Butossidu tal-piperonil | Isem tal-IUPAC:<br>5-{[2-(2-butossietossi) etossi]metil}-6-propil-1,3-benżodiossol<br>Nru tal-KE: 200-076-7<br>Nru CAS: 51-03-6 | 94 % w/w | fl-1 ta' Lulju 2018. | fit-30 ta' Ġunju 2028. | 18 | L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lilll-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhuwiex indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.<br>2. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lil:<br>(a) l-ilma tal-wiċċ u l-kompartimenti tas-sediment għall-prodotti użati fuq ġewwa għall-ħolqien taċ-ċpar;<br>(b) l-ilma tal-wiċċ, is-sediment u l-ħamrija għall-prodotti użati fuq barra għall-ħolqien taċ-ċpar.<br>3. Għall-prodotti li jistgħu jwasslu għal residwi fl-ikel jew fl-għalf, għandha tiġi vverifikata l-ħtieġa li jiġu ddefiniti livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġodda jew li jiġu emendati l-livelli massimi ta' dawk eżistenti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2) jew ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3), u għandha tittieħed kull miżura xierqa ta' mitigazzjoni biex ikun żgurat li l-MRLs applikabbli ma jinqabżux.<br>L-introduzzjoni fis-suq ta' oġġetti ttrattati hija soġġetta għal din il-kundizzjoni:<br>Il-persuna responsabbli mill-introduzzjoni fis-suq ta' oġġett ittrattat bil-butossidu tal-piperonil, jew li jkun jinkorporah, għandha tiżgura li t-tikketta ta' dak l-oġġett ittrattat ikun fiha l-informazzjoni mniżżla fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. |

(1) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata skont l-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott introdott fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun ġie ppruvat teknikament li din hija ekwivalenti għas-sustanza attiva vvalutata.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2289**

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li japprova l-*epsilon*-Momfluworotrin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Mejju 2013, ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għall-inklużjoni tas-sustanza attiva *epsilon*-Momfluworotrin, fl-Anness I tagħha, għall-użu fi prodotti tat-tip 18, insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra kif dekritti fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jikkorrispondu għall-prodotti tat-tip 18 kif deskritti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Fis-6 ta' Ottubru 2015, f'konformità mal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Renju Unit ressaq rapport ta' valutazzjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

(3) L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ġiet ifformulata fis-16 ta' Ġunju 2016 mill-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-valutazzjoni.

(4) Skont dawk l-opinjonijiet, il-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 li fihom l-*epsilon*-Momfluworotrin jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, sakemm ikunu konformi ma' ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tiegħu.

(5) Għalhekk, jixraq li l-*epsilon*-Momfluworotrin jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(6) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel sustanza attiva tiġi approvata, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preparatorji meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-*epsilon*-Momfluworotrin huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Isem Komuni | Isem tal-IUPAC<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva ([1]) | Data tal-approvazzjoni | Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni | Tip ta' prodott | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *epsilon*-Momfluworotrin | Isem tal-IUPAC:<br>L-isomeri kollha: 2,3,5,6-tetrafluworo-4-(metossimetil)benżil (EZ)-(1RS,3RS;1SR,3SR)-3-(2-ċjanoprop-1-enil)-2,2-dimetil-ċiklopropankarboksilat<br>Isomeru RTZ: 2,3,5,6-Tetrafluworo-4-(metossimetil)benżil (Z)-(1R,3R)-3-(2-ċjanoprop-1-enil)-2,2-dimetilċiklopropankarboksilat<br>Nru tal-KE: xejn<br>Nru CAS:<br>L-isomeri kollha: 609346-29-4<br>Isomeru RTZ: 1065124-65-3 | L-isomeri kollha: 93 % w/w<br>L-isomeri RTZ: 82,5 % w/w | L-1 ta' Lulju 2017 | It-30 ta' Ġunju 2027 | 18 | L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lilll-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhuwiex indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.<br>2. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-ilma tal-wiċċ, lis-sediment u lill-ħamrija għall-prodotti użati (i) fuq ġewwa bħal sprej fl-arja; u (ii) fuq barra bħala sprej għal fuq l-uċuħ.<br>3. Għall-prodotti li jistgħu jwasslu għal residwi fl-ikel jew fl-għalf, għandha tiġi vverifikata l-ħtieġa li jiġu ddefiniti livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġodda jew li jiġu emendati l-livelli massimi ta' dawk eżistenti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u għandha tittieħed kull miżura xierqa ta' mitigazzjoni biex ikun żgurat li l-MRLs applikabbli ma jinqabżux. |

([1]) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott introdott fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun ġie ppruvat teknikament li din hija ekwivalenti għas-sustanza attiva vvalutata.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2290**

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li japprova l-aċidu peraċetiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 11 u 12**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([2]) jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li għandhom jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi l-aċidu peraċetiku.

(2) L-aċidu peraċetiku ġie evalwat għall-użu fil-prodotti tat-tipi 11, preservattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi, u prodotti tat-tip 12, slimiċidi, kif deskritti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Il-Finlandja ntgħażlet bħala l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni u fit-3 ta' Lulju 2015 bagħtet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

(4) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, il-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ta l-opinjonijiet tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2016, filwaqt li qies il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(5) Skont dawk l-opinjonijiet, il-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 11 u 12 li fihom l-aċidu peraċetiku jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, sakemm ikunu konformi ma' ċertu kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom.

(6) Għalhekk, jixraq li l-aċidu peraċetiku jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 11 u 12 soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(7) L-aċidu peraċetiku huwa soluzzjoni milwiema li fiha l-aċidu aċetiku u l-perossidu tal-idroġenu. Minħabba l-preżenza tal-perossidu tal-idroġenu, li jista' jintuża fil-produzzjoni ta' prekursuri tal-isplussivi, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti bijoċidali li fihom l-aċidu peraċetiku għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel sustanza attiva tiġi approvata, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preparatorji meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-aċidu peraċetiku huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 11 u 12, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Isem Komuni | Isem tal-IUPAC<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva [1] | Data tal-approvazzjoni | Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni | Tip ta' prodott | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aċidu peraċetiku | Isem tal-IUPAC:<br>Aċidu perossietanojku<br>Nru tal-KE: 201-186-8<br>Nru CAS: 79-21-0 | L-ispeċifikazzjoni hija bbażata fuq il-materjali tal-bidu, il-perossidu tal-idroġenu u l-aċidu aċetiku li jintużaw għall-manifattura tal-aċidu peraċetiku.<br>L-aċidu peraċetiku f'soluzzjoni mil-wiema li fiha l-aċidu aċetiku u l-perossidu tal-idroġenu. | l-1 ta' Lulju 2018 | it-30 ta' Ġunju 2028 | 11 | L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lilll-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhuwiex indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.<br>2. Minħabba l-preżenza tal-perossidu tal-idroġenu, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 98/2013.<br>3. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari:<br>(a) lill-utenti professjonali u lill-utenti industrijali;<br>(b) lill-ilma baħar għall-prodotti użati f'sistemi ta' tkessiħ ta' darba biss;<br>(c) lill-ilma tal-ħamrija u tal-wiċċ għall-prodotti li jintużaw f'sistemi tat-tkessiħ li jiċċirkolaw mill-ġdid kbar u miftuħin. |
| | | | | | 12 | L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lilll-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhuwiex indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.<br>2. Minħabba l-preżenza tal-perossidu tal-idroġenu, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 98/2013.<br>3. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-utenti professjonali u lill-utenti industrijali. |

[1] Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata skont l-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott introdott fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun ġie ppruvat teknikament li din hija ekwivalenti għas-sustanza attiva vvalutata.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2291

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li japprova l-L(+) Aċidu lattiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari tal-Artikolu 90(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Awwissu 2013, il-Ġermanja rċeviet applikazzjoni, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għall-inklużjoni tas-sustanza attiva L(+) Aċidu lattiku fl-Anness I tagħha, għall-użu fi prodotti tat-tip 1, il-prodotti bijoċidali tal-iġjene tal-bniedem, kif deskritti fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jikkorrispondu għall-prodotti tat-tip 1 kif deskritti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Fil-5 ta' Frar 2015, f'konformità mal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Ġermanja ressqet rapport ta' valutazzjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

(3) L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ġiet ifformulata fl-10 ta' Diċembru 2015 mill-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(4) Skont dawk l-opinjonijiet, il-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1 li fihom l-L(+) Aċidu lattiku jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, sakemm ikunu konformi ma' ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom.

(5) Għalhekk, jixraq li l-L(+) Aċidu lattiku jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1 soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(6) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel sustanza attiva tiġi approvata, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preparatorji meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-L(+) aċidu lattiku huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Isem Komuni | Isem tal-IUPAC<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva ([1]) | Data tal-approvazzjoni | Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni | Tip ta' prodott | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L(+) Aċidu lattiku | Isem tal-IUPAC:<br>Aċidu (S)-2-Idrossipropanojku<br>Nru tal-KE: 201-196-2<br>Nru CAS: 79-33-4 | 95,5 % w/w | L-1 ta' Lulju 2017 | It-30 ta' Ġunju 2027 | 1 | L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lilll-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li mhuwiex indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni tas-sustanza attiva.<br>2. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-utenti mhux professjonali. |

([1]) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata skont l-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Is-sustanza attiva fil-prodott introdott fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun ġie ppruvat teknikament li din hija ekwivalenti għas-sustanza attiva vvalutata.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2292**

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li jistipula l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/2352**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6e(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-fornituri domestiċi ma għandhom jimponu ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku fuq il-klijenti tar-roaming fi kwalunkwe Stat Membru għal kwalunkwe telefonata roaming regolata rċevuta, fil-limiti permessi minn politika ta' użu ġust. Din id-dispożizzjoni tapplika mill-15 ta' Ġunju 2017, sakemm l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat flimkien mal-proposta dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa msemmija fl-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament, ikun beda japplika minn dik id-data.

(2) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-fornituri domestiċi jistgħu japplikaw ħlas supplimentari flimkien mal-prezz domestiku bl-imnut, għall-konsum ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut, matul perjodu transitorju mit-30 ta' April 2016 sad-data meta jiġi applikabbli l-att leġislattiv previst fl-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jippermetti lill-fornituri domestiċi li japplikaw, wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, ħlas supplimentari flimkien mal-prezz domestiku bl-imnut, għall-konsum ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut li jaqbeż kwalunkwe limitu stipulat taħt politika ta' użu ġust.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jillimita kwalunkwe ħlas supplimentari applikat għal telefonati tar-roaming regolati rċevuti għall-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2352 ([2]) jistabbilixxi l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile madwar l-Unjoni li għandu jiġu applikat mit-30 ta' April 2016 fuq il-bażi tal-valuri tad-data kif kienu fl-1 ta' Lulju 2015.

(6) Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi pprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni aġġornata miġbura mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri dwar: (i) il-livell massimu tal-ogħla rati għat-terminazzjoni tas-sejħiet bil-mobile li jkunu imponew, skont l-Artikoli 7 u 16 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (id-"Direttiva ta' Qafas") u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (id-"Direttiva tal-Aċċess"), f'kull suq nazzjonali għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-vuċi bl-ingrossa fuq networks individwali tal-mobile, u ii) l-għadd totali ta' abbonati fl-Istati Membri.

(7) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-Kummissjoni kkalkulat il-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile madwar l-Unjoni billi: (i) immultiplikat ir-rata massima għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile permessa fi Stat Membru partikolari mill-għadd totali ta' abbonati f'dak l-Istat Membru, (ii) għaddiet dan il-prodott għall-Istati Membri kollha u (iii) iddividiet it-total miksub bin-numru totali ta' abbonati fl-Istati Membri kollha, fuq il-bażi tal-valuri tad-dejta kif kienu fl-1 ta' Lulju 2016. Għal pajjiżi mhux fiż-żona tal-Euro, ir-rata tal-kambju rilevanti hija l-medja tat-tieni kwart tal-2016 miksuba mill-bażi ta' dejta tal-Bank Ċentrali Ewropew.

([1]) ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2352 tas-16 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile madwar l-Unjoni (ĠU L 331, 17.12.2015, p. 7)

([3]) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108; 24.4.2002, p. 33)

([4]) Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Id-Direttiva tal-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7).

(8) Għalhekk hemm bżonn li jkun aġġornat il-valur tal-medja pponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2015/2352.

(9) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2352 għandu jitħassar.

(10) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni kull sena.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Komunikazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile madwar l-Unjoni hija stabbilita għal EUR 0,0108 kull minuta.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2352 jitħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2293

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(d),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "in-NM"), biex fl-istess waqt jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni u politiki oħrajn tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1885 ([2]), il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim"). Il-Ftehim jipprovdi għal tnaqqis fid-dazji doganali għal żewġ kategoriji ta' prodotti. L-Unjoni u ċ-Ċina nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017.

(3) Jeħtieġ li jiġu implimentati l-miżuri previsti fid-Deċiżjoni (UE) 2016/1885 fit-Tariffa Doganali Komuni. Għalhekk, l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Il-bidliet fir-rata tad-dazji doganali għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1885 tat-18 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 291, 26.10.2016, p. 7).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

It-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hija emendata kif ġej:

(1) fit-Taqsima XII, fil-Kapitolu 64, ir-ringiela dwar il-kodiċi NM 6404 19 90 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "6404 19 90 | – – – Oħra | 16,9 | pa"; |

(2) fit-Taqsima XVI, fil-Kapitolu 84, ir-ringiela dwar il-kodiċi NM 8415 10 90 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "8415 10 90 | – – Sistemi maqsumin (*Split-system*) | 2,5 | —". |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2294

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 99,7 |
| | SN | 241,4 |
| | TN | 269,5 |
| | TR | 111,3 |
| | ZZ | 180,5 |
| 0707 00 05 | MA | 79,2 |
| | TR | 154,2 |
| | ZZ | 116,7 |
| 0709 93 10 | MA | 150,3 |
| | TR | 167,9 |
| | ZZ | 159,1 |
| 0805 10 20 | IL | 126,4 |
| | TR | 73,7 |
| | ZZ | 100,1 |
| 0805 20 10 | MA | 70,4 |
| | ZZ | 70,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 113,5 |
| | JM | 125,0 |
| | MA | 74,5 |
| | TR | 76,2 |
| | ZZ | 97,3 |
| 0805 50 10 | AR | 76,7 |
| | TR | 88,5 |
| | ZZ | 82,6 |
| 0808 10 80 | US | 132,4 |
| | ZZ | 132,4 |
| 0808 30 90 | CN | 94,8 |
| | ZZ | 94,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2295

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/518/KE, 2002/2/KE, 2003/490/KE, 2003/821/KE, 2004/411/KE, 2008/393/KE, 2010/146/UE, 2010/625/UE, 2011/61/UE u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/484/UE, 2013/65/UE dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali minn ċerti pajjiżi, skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 8353)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża C-362/14 *Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner* [2], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet li, meta adottat l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/520/KE, [3] il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza mogħtija lilha fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, moqri fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u ddikjarat li l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni bħala invalida.

(2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2000/520/KE stabbilixxa kundizzjonijiet restrittivi li taħthom l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jissospendu l-flussi ta' dejta lejn kumpanija awtoċċertifikata tal-Istati Uniti, minkejja l-konstatazzjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni.

(3) Fis-sentenza tagħha *Schrems*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jibqgħu kompetenti biex jissorveljaw it-trasferiment ta' dejta personali lejn pajjiż terz li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni u li l-Kummissjoni m'għandhiex il-kompetenza li tirrestrinġi s-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE. Skont dan l-Artikolu, dawk l-awtoritajiet għandhom, b'mod partikolari, setgħat ta' investigazzjoni, bħas-setgħa li jiġbru l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tagħhom, u setgħat effettivi ta' intervent, bħal dik li tiġi imposta projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar ta' dejta, u s-setgħa li jibdew proċedimenti legali [4].

(4) Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset fis-sentenza *Schrems* li, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri u l-korpi tagħhom iridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi mal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li dawn tal-aħħar fil-prinċipju huma preżunti li huma legali u li għalhekk jipproduċu effetti legali sakemm ma jiġux irtirati, annullati fil-kuntest ta' rikors għal annullament jew iddikjarati invalidi wara rinviju għal deċiżjoni preliminari jew eċċezzjoni ta' illegalità.

---

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([2]) ECLI:UE:C:2015:650.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Prinċipji ta' Privatezza ta' Port Salv u li tirrigwarda Mistoqsijiet li Jsiru ta' Spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU L 215, 25.8.2000, p. 7).

([4]) *Schrems*, paragrafi 40 *et seq.*, minn 101 sa 103.

(5) Konsegwentement, deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE hija vinkolanti fuq il-korpi kollha tal-Istati Membri destinatarji, inkluż l-awtoritajiet superviżorji indipendenti tagħhom, sa fejn din għandha l-effett li tirrikonoxxi it-trasferimenti ta' dejta personali mill-Istati Membri rispettivi lejn il-pajjiż terz kopert minnha ([1]). Minn dan isegwi li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ma jkunux jistgħu jadottaw miżuri li jmorru kontra deċiżjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni, bħal atti li jiddikjaraw dik id-deċiżjoni invalida jew li huma intiżi sabiex jiġi ddeterminat b'effett vinkolanti li l-pajjiż terz kopert minnha ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni. Kif iċċarat mis-sentenza *Schrems*, dan ma jipprekludix awtorità superviżorja nazzjonali milli teżamina t-talba ta' individwu dwar il-livell ta' protezzjoni tad-dejta personali li huwa żgurat f'pajjiż terz suġġett għal deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni u, fejn tqis li huwa fondat, li tibda proċeduri legali quddiem il-qrati nazzjonali, sabiex jekk ikollhom dubji dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jagħmlu rinviju ta' deċiżjoni preliminari għall-finijiet tal-eżami tal-validità tad-deċiżjoni ([2]).

(6) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2000/518/KE ([3]), 2002/2/KE ([4]), 2003/490/KE ([5]), 2003/821/KE ([6]), 2004/411/KE ([7]), 2008/393/KE ([8]), 2010/146/UE ([9]), 2010/625/UE ([10]), 2011/61/UE ([11]) u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/484/UE ([12]) u 2013/65/UE ([13]), li huma deċiżjonijiet ta' adegwatezza, fihom limitazzjoni fuq is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li huma komparabbli mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2000/520/KE, li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset bħala invalida.

(7) Fid-dawl tas-sentenza *Schrems* u skont l-Artikolu 266 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet f'dawn id-Deċiżjonijiet li jillimitaw is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom għalhekk jiġu sostitwiti.

(8) Fis-sentenza *Schrems*, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ulterjorment li, billi l-livell ta' protezzjoni żgurat minn pajjiż terz jista' ikun suġġett għal bidla, il-Kummissjoni għandha, wara li tkun adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, tivverifika perjodikament jekk il-konstatazzjoni dwar l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni żgurat mill-pajjiż terz inkwistjoni għadux iġġustifikat fil-fatt u legalment ([14]). Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet f'din is-sentenza f'dak li jirrigwarda l-aċċess għad-dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, ir-regoli u l-prassi li jirregolaw it-tali aċċess għandhom jiġu mmonitorjati wkoll.

(9) Għalhekk, għal dawk il-pajjiżi li għalihom tkun adottat deċiżjoni ta' adegwatezza, il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tissorvelja l-iżviluppi, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika, li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tat-tali deċiżjonijiet, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi.

(10) Sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza attwalment fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tiġi informata mill-Istati Membri dwar azzjoni rilevanti meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

---

([1]) *Schrems*, paragrafi 51, 52 u 62.
([2]) *Schrems*, paragrafi 52, 62 u 65.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali previst fl-Iżvizzera (ĠU L 215, 25.8.2000, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/2/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali previst mill-Att Kanadiż dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni Personali u d-Dokumenti Elettroniċi (ĠU L 2, 4.1.2002, p. 13).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/490/KE tat-30 ta' Ġunju 2003 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali fl-Arġentina (ĠU L 168, 5.7.2003, p. 19).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/821/KE tal-21 ta' Novembru 2003 dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali fil-Guernsey (ĠU L 308, 25.11.2003, p. 27).
([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/411/KE tat-28 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali fl-Isle of Man (ĠU L 151, 30.4.2004, p. 48).
([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/393/KE tat-8 ta' Mejju 2008 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali f'Jersey (ĠU L 138, 28.5.2008, p. 21).
([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/146/UE tal-5 ta' Marzu 2010 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata prevista mill-Att tal-Gżejjer Faroe dwar l-ipproċessar tad-dejta personali (ĠU L 58, 9.3.2010, p. 17).
([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/625/UE tad-19 ta' Ottubru 2010 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali f'Andorra (ĠU L 277, 21.10.2010, p. 27).
([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/61/UE tal-31 ta' Jannar 2011 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali mill-Istat ta' Iżrael fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta personali (ĠU L 27, 1.2.2011, p. 39).
([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/484/UE tal-21 ta' Awwissu 2012 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta personali (ĠU L 227, 23.8.2012, p. 11).
([13]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/65/UE tad-19 ta' Diċembru 2012 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-dejta personali min-New Zealand (ĠU L 28, 30.1.2013, p. 12).
([14]) *Schrems*, paragrafu 76. It-tali verifika hija meħtieġa, fi kwalunkwe każ, meta l-Kummissjoni teħtieġ kwalunkwe informazzjoni li twassal għal dubju ġġustifikat f'dak ir-rigward.

(11) Il-Partit Ħaddiem dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar tad-Dejta Personali stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE ta opinjoni, li ġiet ikkunsidrata fit-tħejjija ta' din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 95/46/KE.

(13) Id-Deċiżjonijiet 2000/518/KE, 2002/2/KE, 2003/490/KE, 2003/821/KE, 2004/411/KE, 2008/393/KE, 2010/146/UE, 2010/625/UE, 2011/61/UE u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/484/UE u 2013/65/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2000/518/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE b'mod li jwasslu għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Iżvizzera sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

(2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3*a* li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku Żvizzeru li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk l-Iżvizzera tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli milli jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni fl-Iżvizzera tonqos milli tiżgura t-tali konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi Żvizzeri responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra t-tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità Żvizzera kompetenti u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi llimitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2002/2/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li jwasslu għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lil riċevitur fil-Kanada li l-attivitajiet tiegħu jaqgħu taħt l-ambitu tal-Att Kanadiż dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni Personali u d-Dokumenti Elettroniċi sabiex jiġu protetti l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

(2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3*a* li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku Kanadiżi li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk il-Kanada tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli milli jiżguraw il-konformità mal-istandards ta' protezzjoni fil-Kanada tonqos milli tiżgura t-tali konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi Kanadiżi responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, u/jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Fejn l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadhiex żgurata, inkluż f'sitwazzjonijiet koperti mill-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti Kanadiża u, jekk meħtieġ, tipproponi abbozzi ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE, bl-għan li tirrevoka jew tissospendi din id-Deċiżjoni jew tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha."

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 2003/490/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Arġentina sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

(2) jiddaħħal l-Artikolu 3*a* li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku Arġentin li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk l-Arġentina tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli li jiżguraw il-konformità mal-istandards ta' protezzjoni tal-Arġentina tonqos milli tiżgura t-tali konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi Arġentini responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità Arġentina kompetenti u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi llimitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 4*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/821/KE jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Bailiwick of Guernsey sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku ta' Guernsey li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk il-Guernsey ikompli jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'każijiet fejn l-azzjonijiet tal-awtoritajiet li jassiguraw il-konfomità mal-istandard tal-protezzjoni fil-Guernsey ma jżommux il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Guernsey responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra t-tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' Guernsey u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 5*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2004/411/KE jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Isle of Man sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku tal-Isle of Man li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk Isle of Man ikompli jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli li jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni fl-Isle of Man tonqos milli tiżgura din il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Isle of Man responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra t-tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Isle of Man u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 6*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2008/393/KE jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn il-Jersey sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku ta' Jersey li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk il-Jersey ikompli jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli milli jiżguraw il-konformità mal-istandards ta' protezzjoni f'Jersey tonqos milli tiżgura t-tali konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi ta' Jersey responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra t-tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' Jersey u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 7*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2010/146/UE jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li jwasslu għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lil riċevitur fil-Gżejjer Faroe li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu taħt l-ambitu tal-Att tal-Gżejjer Faroe dwar l-Ipproċessar tad-Dejta Personali sabiex jiġu protetti l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku tal-Gżejjer Faroe li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk il-Gżejjer Faroe ikomplu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli li jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni tal-Gżejjer Faroe tonqos milli tiżgura din il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Gżejjer Faroe responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Faroe u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 8*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2010/625/UE jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Andorra sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku ta' Andorra li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk l-Andorra tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli milli jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni f'Andorra tonqos milli tiżgura t-tali konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi ta' Andorra responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' Andorra u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 9*

L-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2011/61/UE jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn l-Iżrael sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku ta' Iżrael li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk l-Istat ta' Iżrael ikompli jiżgura' livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli li jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni tal-Istat tal-Iżrael tonqos milli tiżgura din il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi ta' Iżrael responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' Iżrael u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 10*

L-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/484/UE hija emendata kif ġej:

*"Artikolu 2*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tissorvelja l-iżviluppi fis-sistema legali tar-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, sabiex jiġi evalwat jekk ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli biex jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni fir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tonqos milli tiżgura din il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi Urugwajani responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti Urugwajana u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 11*

L-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/65/UE jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li twassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn in-New Zealand sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja żviluppi fl-ordni ġuridiku ta' New Zealand li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-iżviluppi dwar l-aċċess għal dejta personali minn awtoritajiet pubbliċi, bl-għan li jiġi evalwat jekk in-New Zealand tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli li jiżguraw il-konformità mal-istandard ta' protezzjoni fin-New Zealand tonqos milli tiżgura din il-konformità.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi ta' New Zealand responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi jew interessi pubbliċi oħra mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom imorru lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju, jew li ma hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Jekk l-evidenza turi li livell adegwat ta' protezzjoni m'għadux żgurat, inkluż f'sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' New Zealand u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi abbozz ta' miżuri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata jew sospiża jew li jiġi limitat l-iskop tagħha."

*Artikolu 12*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Věra JOUROVÁ
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2296

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li twaqqaf il-grupp indipendenti ta' esperti maħtura bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ħidma tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew tikkontribwixxi b'mod pożittiv lejn it-titjib tan-netwerk Ewropew għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM), b'mod partikolari billi tipprovdi lill-Kummissjoni b'rakkomandazzjonijiet imparzjali, ibbażati fuq l-evidenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fuq livell ta' Unjoni u fuq dak lokali kif ukoll tal-funzjonijiet tan-netwerk. L-assistenza pprovduta mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni hija indispensabbli sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ajru Uniku Ewropew, li għalihom l-iskema ta' prestazzjoni, stabbilita skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 ([2]), li tinkludi żviluppi ulterjuri meħtieġa fid-dawl tal-esperjenzi miksuba matul l-applikazzjoni tagħha s'issa, kif ukoll l-iskema ta' imposti marbuta sfiq u stabbilita skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 ([3]), huma fatturi ewlenin, u b'mod aktar ġenerali fid-dawl tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-Kummissjoni ([4]).

(2) Il-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni attwali se tiġi fi tmiemha fil-31 ta' Diċembru 2016, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/672/UE ([5]). Il-Kummissjoni għandha taħtar Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ġdid li jkompli jassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza wara dik id-*data*. Din il-ħatra għandha tkun għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2017 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 biż-żewġ ġranet inklużi, sabiex tipprovdi għal perjodu twil biżżejjed, u b'hekk jiġu żgurati l-kontinwità u l-istabbiltà, filwaqt li tipprovdi wkoll għal terminu fiss li jkun konsistenti mal-perjodi ta' referenza, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013.

(3) Peress li dak il-perjodu jestendi mit-tieni għat-tielet perjodu ta' referenza, kull tiġdid tas-sħubija fil-korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jkun tali li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel u kontinwità tal-esperjenza u tal-għarfien disponibbli.

(4) Sabiex tissaħħaħ l-imparzjalità tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, grupp indipendenti ta' esperti għandu jiġi stabbilit biex jassisti fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni u dak il-grupp ta' esperti għandu jkun maħtur bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni.

(5) L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 jispeċifika b'mod ġenerali x'inhu r-rwol tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni fil-kuntest tal-iskema ta' prestazzjoni. L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 jipprovdi aktar dettalji, b'mod mhux eżawrjenti, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompiti u l-attivitajiet tiegħu (tal-Korp). L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jattribwixxi wkoll ċerti kompiti. Għal raġunijiet ta' ċarezza u kompletezza, skont dawk id-dispożizzjonijiet, il-kompiti kollha tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jiġi elenkat. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 31).

([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa COM(2015) 598 final.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/672/UE tal-24 ta' Settembru 2014 dwar l-estensjoni tal-ħatra tal-Korp ta' Evalwazzjoni ta' Analiżi tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 281, 25.9.2014, p. 5).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 65).

għandu jgħin lill-Kummissjoni billi jipprovdilha parir, għarfien espert u servizzi oħra. Għal dan l-għan, dan għandu jikkoordina mal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza. Għandu wkoll jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza fuq talba tagħhom.

(6) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jkun appoġġat minn Segretarjat ipprovdut mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effettiv tiegħu.

(7) Il-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandhom ikunu speċjalisti bi kwalifiki għolja, b'kompetenza xierqa fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin. Il-membri kollha minbarra l-President, għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet u proċedura ta' għażla, sabiex ikunu rrispettati l-prinċipji tal-oġġettività, l-opportunitajiet indaqs u t-trasparenza u jkun possibbli li jiġu skoperti kunflitti ta' interess reali jew potenzjali, u dawn għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom. Fid-dawl tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha, il-President għandu jinħatar mill-Kummissjoni, skont l-arranġamenti amministrattivi tagħha, filwaqt li jiġu rrispettati dawk il-prinċipji u jkun possibbli li jiġu skoperti l-kunflitti ta' interess.

(8) Fid-dawl tal-kwalifiki tagħhom, l-għarfien espert u r-rekwiżiti f'termini ta' imparzjalità u ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess, il-fatt li jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom u skont l-importanza tax-xogħol tagħhom, dawk il-membri, minbarra l-president, għandhom jirċievu rimunerazzjoni lil hinn mir-rimborż tal-ispejjeż, u din għandha tkun proporzjonata mal-kompiti attribwiti lilhom. Il-President għandu jiġi remunerat u jingħata rimborż skont l-arranġamenti amministrattivi interni tal-Kummissjoni.

(9) Għalhekk huwa wkoll xieraq li l-attivitajiet tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż ta' appoġġ amministrattiv u tekniku tiegħu jkunu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

(10) Ix-xogħol tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jeħtieġ aċċess għad-dejta relatata mal-prestazzjoni msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, disponibbli fi ħdan il-Eurocontrol. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi arranġamenti xierqa mal-Eurocontrol biex tiżgura aċċess, li jinkludi l-ġbir, il-validazzjoni, l-analiżi preliminari u l-forniment ta' din id-dejta. Dawk l-arranġamenti iridu jirrikonoxxu d-dimensjoni pan-Ewropea tal-analiżi tal-prestazzjoni, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2394 ([1]).

(11) Għandhom jiġu stabbiliti regoli xierqa dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u dwar ir-rappurtar tiegħu lill-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tiegħu. Ir-regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni għandhom jiġu stabbiliti wkoll.

(12) Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(13) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tibqa' tapplika ladarba l-perjodu tal-ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni, jintemm.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku stabbilit bl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-Ħatra tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni**

1. Il-grupp ta' esperti indipendenti dwar il-prestazzjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-funzjonijiet tan-netwerks fl-ajru uniku Ewropew, huwa b'dan stabbilit għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2024.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2394 tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tad-deċiżjonijiet li trid tadotta l-Kummissjoni Permanenti tal-Eurocontrol, rigward ir-rwoli u l-kompiti tal-Eurocontrol u dwar is-servizzi ċentralizzati (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 136).
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

2. Il-grupp ta' esperti msemmi fil-paragrafu 1 huwa b'dan innominat bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2024.

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Il-kompiti tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jkunu:

(a) li jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, b'mod partikolari f'dak li hu attivitajiet elenkati fl-Artikolu 3(3) u (6) (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013;

(b) li jipprovdi informazzjoni jew rapporti ad hoc dwar kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni fuq talba tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013;

(c) li jgħin lill-Kummissjoni, meta tintalab, fid-definizzjoni tal-modalitajiet ta' aċċess għal dejta relatata mal-prestazzjoni msemmija fl-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013;

(d) li jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, meta jintalab, fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni billi jipprovdi opinjoni indipendenti tal-kwistjonijiet marbuta mal-prestazzjoni u billi jiddetermina firxiet ta' valuri indikattivi għall-iffissar tal-miri, skont l-Artikoli 3(6)(b) u (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013;

(e) li jappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti meta jintalab, biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tal-istorbju fl-ajruporti li għalihom huma responsabbli, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 598/2014.

*Artikolu 3*

**Rwol Konsultattiv**

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta mal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-prestazzjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-funzjonijiet tan-netwerks fl-ajru uniku Ewropew.

2. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jirrapporta u jirrakkomanda lill-Kummissjoni għat-titjib tal-iskema ta' prestazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013.

*Artikolu 4*

**Il-kompożizzjoni u l-ħatra tal-membri u l-president**

1. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jkun magħmul minn disa' membri, inkluż il-President tiegħu.

2. Il-membri, minbarra l-President, għandhom ikunu individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom wara l-għażla tagħhom abbażi ta' sejħa għall-applikazzjonijiet.

3. Il-membri, minbarra l-President, se jinħatru mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni, f'isem il-Kummissjoni, minn fost speċjalisti b'kompetenza xierqa li jkunu wieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri dwar ħatriet potenzjali. L-għażla u l-kriterji ta' eliġibbiltà se jinkludu l-kriterji stabbiliti fl-Anness.

4. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni, f'isem il-Kummissjoni, se jaħtar speċjalist bil-kompetenzi xierqa bħala l-President tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, skont l-arranġamenti amministrattivi tagħha u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri. Il-President jaġixxi bħala r-rappreżentant tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u se jippresjedi fuq il-laqgħat tiegħu.

5. Il-mandat tal-President u l-membri l-oħra se jkun ta' sentejn, u jista' jiġġedded darbtejn. Mhux aktar minn żewġ terzi tal-membri se jiġġeddilhom il-mandat fl-istess żmien.

6. Membru li ma jkunx għadu kapaċi jikkontribwixxi b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, li jirriżenja jew li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5 u s-6 ta' Mejju jista' jiġi ssostitwit, skont il-paragrafi 2, 3 u 4, kif ikun xieraq, għall-bqija tal-mandat ta' dak il-membru.

7. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni, f'isem il-Kummissjoni, jista' jistabbilixxi lista ta' riżerva ta' kandidati xierqa li tista' tintuża biex jinħatru sostituti tal-membri kollha minbarra l-President. Il-Kummissjoni se tistaqsi lill-applikanti għall-kunsens tagħhom qabel ma tinkludihom fuq il-lista.

8. L-ismijiet tal-individwi maħtura bħala membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

9. Id-dejta personali se tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

**Prinċipji ta' sħubija**

1. Meta jkun qed iwettaq il-kompiti skont din id-Deċiżjoni, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-membri tiegħu għandhom ikunu imparzjali u jaġixxu b'mod indipendenti minn kull influwenza esterna u dan fl-interess pubbliku. Il-membri għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni għal dan l-għan, li permezz tagħha jimpenjaw ruħhom sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fi ħdan il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għal dan l-għan.

2. Dawn ma għandhomx jiddelegaw ir-responsabbiltajiet tagħhom lil xi persuna oħra.

3. L-individwi li japplikaw biex jinħatru bħala membri għandhom jiżvelaw kull ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess billi jissottomettu dikjarazzjoni ta' interessi, kif stabbilit fis-sejħa għall-applikazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 4(2). L-individwu li jinħatar bħala l-President għandu wkoll jiżvela kull tali ċirkostanza fil-ħin qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha. F'dik id-dikjarazzjoni, dawn l-individwi għandhom jiżvelaw tal-anqas kwalunkwe interess professjonali u finanzjarju u kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-interessi tagħhom jistgħu jikkompromettu jew jistgħu raġonevolment jitqiesu li jikkompromettu l-kapaċità tagħhom, bħala membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, li jaġixxu b'mod imparzjali u fl-interess pubbliku.

4. Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk jistax ikun hemm kunflitt ta' interess, għandhom jiġu kkunsidrati għadd ta' fatturi, inkluż in-natura, it-tip u l-importanza tal-interess tal-individwu, kif ukoll il-punt sa fejn l-interess jista', b'mod raġonevoli, jinfluwenza l-parir tal-individwu kif ukoll il-proċess globali tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni. L-interess għandu jitqies bħala insinifikanti jew minimu fejn x'aktarx ma jikkompromettix jew fejn ikun perċepit b'mod raġonevoli li jikkompprometti l-kapaċità tal-individwu li jaġixxi b'mod imparzjali u fl-interess pubbliku meta dan jagħti parir lill-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-formola tad-dikjarazzjoni tal-interessi għall-membri maħtura pubblikament permezz ta' websajt apposta. Għandhom jittieħdu l-miżuri tekniċi biex jiġi indikat lill-magni tat-tiftix li l-formola tad-dikjarazzjoni tal-interessi m'għandhiex tidher fir-riżultati tat-tiftix.

6. Il-membri huma suġġetti għall-obbligu ta' segretezza professjonali, kif ukoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 [1] u (UE, Euratom) 2015/444 [2].

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

7. Il-membri se jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub ta' kunfidenzjalità fil-bidu ta' kull mandat.

*Artikolu 6*

**Metodu ta' ħidma**

1. Filwaqt li jkun suġġett għall-approvazzjoni minn qabel mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni, f'isem il-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-finanzjament tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, dan se jadotta d-dokumenti li ġejjin:

(a) fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu u r-rapport annwali;

(b) ir-regoli ta' proċedura tiegħu;

(c) il-modalitajiet tal-kooperazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali;

(d) l-arranġamenti ta' ħidma flimkien mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-arju, mal-operaturi tal-ajruporti, mal-koordinaturi tal-ajruporti u mat-trasportaturi tal-ajru msemmija fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013;

(e) pjan ta' ġestjoni tad-dejta.

2. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jadotta r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 b'votazzjoni ta' maġġoranza sempliċi.

3. Sabiex ikunu eżaminati kwistjonijiet speċifiċi rilevanti għax-xogħol tiegħu, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jista' jistabbilixxi sottogruppi minn fost il-membri tiegħu, abbażi ta' termini ta' referenza definiti mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u bi ftehim mad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport tal-Kummissjoni, f'isem il-Kummissjoni. Dawn is-sottogruppi għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.

4. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, kif ukoll is-sottogruppi tiegħu għandhom jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, il-laqgħat jistgħu jsiru xi mkien ieħor.

5. L-attendenza tal-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni f'laqgħat tiegħu, kif ukoll tas-sottogruppi tiegħu, hija obbligatorja. F'każ ta' assenza, il-ġustifikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-President u lis-Segretarjat.

6. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jiżgura, bl-appoġġ tas-Segretarjat, li l-metodoloġija tiegħu tirrifletti l-aħħar standards xjentifiċi.

*Artikolu 7*

**Appoġġ amministrattiv u tekniku**

1. Il-Kummissjoni se tipprovdi appoġġ tekniku u amministrattiv meħtieġ għall-funzjonament tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, inkluż is-Segretarjat tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u s-sottogruppi tiegħu, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effikaċi tiegħu. Is-Segretarjat għandu jsejjaħ il-laqgħat plenarji tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u jassistihom, u għandu wkoll isejjaħ il-laqgħat tas-sottogruppi.

L-appoġġ amministrattiv u tekniku se jiġi pprovdut b'mod kostteffiċjenti li jiżgura l-indipendenza funzjonali u teknika tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

2. Fejn il-Eurocontrol tiġi identifikata bħala l-fornitur xieraq tad-dejta, il-Kummissjoni se tistabbilixxi arranġamenti approprjati magħha għall-ġbir, il-validazzjoni, il-preanaliżi u d-dispożizzjoni ta' din id-dejta, sabiex jiġi żgurat aċċess kontinwu tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għad-dejta relatata mal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, disponibbli fi ħdan l-Eurocontrol.

*Artikolu 8*

**Ir-rapportar u t-trasparenza**

1. Biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu fl-Artikolu 2, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se joħroġ rapporti u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se joffri lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali l-possibbiltà li tiġi vverifikata d-dejta fattwali relatati mal-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' prestazzjoni qabel ma joħroġ ir-rapporti tiegħu.

3. Il-Kummissjoni se tippubblika r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni permezz ta' websajt apposta.

4. Kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), tali pubblikazzjoni m'għandhiex tintervjeni meta l-iżvelar tar-rapport jew rakkomandazzjoni, jew parti minn dawn, iddgħajjef il-protezzjoni tal-interess pubbliku jew dak privat.

5. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jadotta rapport annwali dwar il-ħidma tiegħu, inkluż dwar il-kooperazzjoni tiegħu mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u dwar l-arranġamenti ta' ħidma flimkien mal-forrnituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-arju, mal-operaturi tal-ajruporti, mal-koordinaturi tal-ajruporti u mat-trasportaturi tal-ajru, kif imsemmi fl-Artikolu 3(7) u (8) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, rispettivament, kif ukoll il-ftehim mal-Eurocontrol fir-rigward tal-aċċess għad-dejta relatata mal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2).

6. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-funzjonament tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar il-progress tal-ħidma tiegħu.

*Artikolu 9*

**Allokazzjonijiet, spejjeż u remunerazzjoni**

1. Il-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, minbarra l-President, se jkunu intitolati għal kumpens speċjali sa massimu ta' EUR 600 fil-forma ta' unità ta' spiża ta' kuljum għal kull jum sħiħ ta' xogħol. Il-kumpens totali se jiġi kkalkulat u aġġustat 'il fuq favur l-ammont li jikkorrispondi mal-eqreb nofs jum ta' xogħol. Il-ħlasijiet kollha se jsiru f'ewro.

2. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-għajxien li jġarrbu l-membri, minbarra l-President, jitħallsu lura mill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)5858 ([2]). Dawk l-ispejjeż se jitħallsu lura fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli, allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

3. Il-President tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jiġi remunerat u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-għajxien tiegħu jew tagħha se jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont l-arranġamenti amministrattivi tagħha.

*Artikolu 10*

**Finanzjament**

L-ispejjeż tal-attivitajiet bil-għan li jitwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 2, inklużi l-ispejjeż marbuta mal-kumpensi u rimborsi tal-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 9, kif ukoll l-ispejjeż ta' appoġġ amministrattiv u tekniku msemmi fl-Artikolu 7, se jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni. L-ispejjeż li jikkorrispondu

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5858 tal-5 ta' Diċembru 2007 "Regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba min-nies barra mill-Kummissjoni mistiedna jattendu laqgħat fil-kapaċità tagħhom ta' esperti".

mal-allokazzjonijiet u mar-rimborżi msemmija fl-Artikoli 9(1) u (2) se jiġu ffinanzjati skont l-Artikolu 204 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-Artikolu 287 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([2]).

*Artikolu 11*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/672/UE hija revokata.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din tapplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298 26.10.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

*ANNESS*

**Kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà għall-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni**

Il-kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà għall-membri tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni se jinkludu dan li ġej:

(a) għarfien espert rilevanti u ppruvat, kompetenza u esperjenza professjonali ta' livell għoli tal-applikant, f'oqsma rilevanti għall- oqsma ta' prestazzjoni ewlenin;

(b) rappreżentazzjoni bilanċjata ta' kompetenza u ta' għarfien espert għall-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin kollha, kif ukoll tal-ġeneru u tal-oriġini ġeografika

(c) rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' għarfien f'oqsma relatati ma', iżda mhux limitati għal:

— il-politika tal-UE dwar l-avjazzjoni u l-leġiżlazzjoni applikabbli;

— il-ġestjoni tal-ajru u/jew tal-ajruporti;

— ir-rekwiżiti għall-missjonijiet militari u l-immaniġġjar tal-operazzjonijiet militari;

— il-kwistjonijiet ekonomiċi marbuta mal-avjazzjoni, l-immaniġġjar tat-tnedija tas-SESAR u l-mekkaniżmi relatati mal-finanzjament tal-unjoni;

— it-tekniki tal-valutazzjoni komparattiva, u tal-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, u l-ippjanar finanzjarju;

— ir-relazzjoni dipendenti bejn l-ispejjeż u oqsma oħra ta' prestazzjoni kif ukoll bejn ir-rekwiżiti ċivili u militari;

— l-identifikazzjoni ta' riskji għas-sikurezza u l-kejl tar-rendiment tas-sikurezza;

— l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) u l-kejl tal-prestazzjoni ambjentali (li tindirizza, fost l-oħrajn, l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, l-effiċjenza tal-fjuwil, u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-istorbju);

— l-impatt minn interazzjonijiet mal-erja tal-SES li tkun tmiss ma' spazju tal-ajru inklużi inħawi perikolużi u l-ġestjoni tal-fluss;

(d) il-kapaċità biex jiġu analizzati u vvalutati r-relazzjonijiet dipendenti u l-interazzjonijiet bejn oqsma ta' prestazzjoni u biex jiġu ddefiniti miri ta' prestazzjoni fil-ġejjieni bbażati fuq titjib operazzjonali u teknoloġiku ppjanat;

(e) ħiliet lingwistiċi xierqa, li jippermettu lill-applikant li jieħu sehem bis-sħiħ u b'mod effettiv fix-xogħol tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni;

(f) indipendenza u assenza ta' kunflitti ta' interess.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2297

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/497/KE u 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiżi terzi u lil proċessuri stabbiliti fit-tali pajjiżi, skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2016) 8471)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża C-362/14 *Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner* ([2]), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet li, meta adottat l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/520/KE ([3]), il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza mogħtija lilha fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, moqri fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u ddikjarat li l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni bħala invalidu.

(2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2000/520/KE stabbilixxa kundizzjonijiet restrittivi li taħthom l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jissospendu l-flussi ta' dejta lejn kumpanija awtoċċertifikata tal-Istati Uniti, minkejja l-konstatazzjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni.

(3) Fis-sentenza tagħha *Schrems*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jibqgħu kompetenti biex jissorveljaw it-trasferiment ta' dejta personali lejn pajjiż terz li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni u li l-Kummissjoni m'għandhiex il-kompetenza li tirrestrinġi s-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE. Skont dan l-Artikolu, dawk l-awtoritajiet għandhom, b'mod partikolari, setgħat ta' investigazzjoni, bħas-setgħa li jiġbru l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tagħhom, u setgħat effettivi ta' intervent, bħal dik li tiġi imposta projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar ta' dejta, u s-setgħa li jibdew proċedimenti legali ([4]).

(4) Fl-istess sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri u l-korpi tagħhom iridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi mal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li dawn tal-aħħar fil-prinċipju huma preżunti li huma legali u li għalhekk jipproduċu effetti legali sakemm ma jiġux irtirati, annullati fil-kuntest ta' rikors għal annullament jew iddikjarati invalidi wara rinviju għal deċiżjoni preliminari jew eċċezzjoni ta' illegalità.

(5) *Mutatis mutandis*, deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 95/46/KE torbot lill-korpi kollha tal-Istati Membri destinatarji, inkluż l-awtoritajiet superviżorji indipendenti tagħhom, sa fejn din għandha l-effett li tirrikonoxxi li trasferimenti li jsiru fuq bażi ta' klawżoli kuntrattwali standard stabbiliti f'dan ir-rigward joffru protezzjoni biżżejjed kif mitluba skont l-Artikolu 26(2) ta' dik id-Direttiva. Dan ma jwaqqafx lil awtorità nazzjonali superviżorja milli teżerċita s-setgħat tagħha li tissorvelja l-flussi tad-dejta, inkluż is-setgħa li tissospendi jew tipprojbixxi t-trasferiment ta' dejta personali meta tiddetermina li t-trasferiment ikun sar bi ksur tal-liġi tal-UE jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, bħal, pereżempju, meta l-importatur tad-dejta ma jirrispettax il-klawżoli kuntrattwali standard.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ECLI:UE:C:2015:650.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Prinċipji ta' Privatezza ta' Port Salv u li tirrigwarda Mistoqsijiet li Jsiru ta' Spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU L 215, 25.8.2000, p. 7).
([4]) *Schrems*, paragrafi 40 *et seq.*,u l-paragrafi minn 101 sa 103.

(6) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/497/KE ([1]) u 2010/87/UE ([2]) jinkludu limitazzjoni fuq is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li tkun komparabbli mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2000/520/KE, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala invalida.

(7) Fid-dawl tas-sentenza *Schrems* u skont l-Artikolu 266 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet f'dawk id-Deċiżjonijiet li jillimitaw is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom għalhekk jiġu sostitwiti.

(8) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ effettiv tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet dwar il-klawżoli kuntrattwali standard li attwalment jinsabu fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tkun informata mill-Istati Membri dwar l-azzjoni rilevanti meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

(9) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar tad-Dejta Personali stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE ta opinjoni, li ġiet ikkunsidrata fit-tħejjija ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 95/46/KE.

(11) Id-Deċiżjonijiet 2001/497/KE u 2010/87/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2001/497/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li jwassal għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn pajjiżi terzi sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-Kummissjoni, li għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2010/87/UE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li jwasslu għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn pajjiżi terzi sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Věra JOUROVÁ

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/497/KE tal-15 ta' Ġunju 2001 dwar klawżoli standard kuntrattwali għat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi, skont id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 19).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5).

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2016/2298 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### tat-2 ta' Novembru 2016

### li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal- Eurosistema (BĊE/2016/31)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Centrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3, 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija tinvolvi d-definizzjoni tal-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema, li tikkonsisti fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi"), sabiex dik il-politika tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Għall-finijiet tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal- Eurosistema tista' tagħmel proċeduri għal sejħiet għal offerti b'rata fissa jew rata varjabbli. Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([1]) għandha tiġi emendata biex tinkorpora ċerti raffinamenti tekniċi u editorjali neċessarji dwar il-passi operattivi tal-proċeduri ta' sejħa għall-offerti.

(3) L-Eurosistema tikkunsidra li huwa meħtieġ illi jiġu emendati l-kriterji ta' eliġibbiltà u biex jiġu aġġustati l-miżuri ta' kontroll tar-risku applikabbli għal strumenti ta' dejn mhux garantiti ta' grad ogħla maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti ta' investiment jew l-entitajiet marbuta mill-qrib magħhom fil-qafas tal-kollateral tagħha biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fl-Istati Membri.

(4) L- Eurosistema żviluppat qafas waħdieni għal assi eliġibbli bħala kollateral sabiex l-operazzjonijiet ta' kreditu kollha tal-Eurosistema jitwettqu b'mod armonizzat permezz tal-implimentazzjoni tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-Kunsill Governattiv jikkunsidra li huwa meħtieġ li jiddaħħal xi tibdil fil-qafas kollaterali tal-Eurosistema biex titħalla l-inklużjoni ta' strutturi ta' kupun bi flussi ta' kontanti potenzjalment negattivi għall-assi negozjabbli.

(5) L-Eurosistema teħtieġ li jkollha dejta ta' livell ta' self komprensiva u standardizzata fuq l-assi li jiġġeneraw l-aggregazzjoni ta' fluss ta' kontanti li jiggarantixxu t-titoli ggaranti permezz tal-assi. Id-dejta ta' livell ta' self għandha tiġi sottomessa mill-partijiet rilevanti lil repożitorju indikat mill-Eurosistema. Ir-rekwiżiti tal-Eurosistema għall-indikazzjoni ta' repożitorji ta' dejta tal-livell ta' self, kif ukoll il-proċess ta' indikazzjoni attwali, għandhom jiġu kkjarifikati iktar fl-interess tat-trasparenza.

(6) Bil-għan li tiġi ssalvagwardata l-adegwatezza tal-kollateral tal-Eurosistema, il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-talbiet ta' kreditu, u, b'mod partikolari, il-kriterju fuq restrizzjonijiet għar-realizzazzjoni għandhom jiġu emendati. Il-BĊNi għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jeskludu jew jimmitigaw b'mod sinifikanti r-riskju ta' tpaċija meta jaċċettaw talbiet ta' kreditu bħala kollateral. Talbiet ta' kreditu oriġinati qabel l-1 ta' Jannar 2018 li ma kinux suġġetti għal dawk il-miżuri jistgħu jkunu mobilizzati bħala kollateral sal-31 ta' Diċembru 2019, iżda l-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà għandhom jiġu ssodisfatti.

---

([1]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

([2]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(7) Sabiex l-Eurosistema tiġi mħarsa kontra r-riskju ta' telf finanzjarju f'każ ta' inadempjenza ta' kontroparti, assi eliġibbli mmobilizzati bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandhom ikunu suġġetti għall-miżuri ta' kontroll tar-riskju stipulati fit-Titolu VI tal-Parti Erbgħa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60). Bħala riżultat tar-reviżjoni regolari tal-qafas għall-kontroll tar-riskji tal-Eurosistema, il-Kunsill Governattiv jikkunsidra li għandhom isiru diversi aġġustamenti.

(8) Assi eliġibbli huma meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità ta' kreditu tal-Eurosistema speċifikati fil-qafas tal- valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF), li jippreskrivi l-proċeduri, ir-regoli u t-tekniki sabiex jiġi żgurat li jinżamm ir-rekwiżit tal-Eurosistema għal standards ta' kreditu għoljin għall-assi eliġibbli. Wara reviżjoni tar-regoli ECAF, għandu jsir tibdil speċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali ta' istituzzjonijiet ta' evalwazzjoni ta' kreditu estern (ECAIs) u rekwiżiti operattivi addizzjonali għal EACIs fir-rigward ta' bonds koperti.

(9) Hemm bżonn li jsiru emendi tekniċi żgħar fl-interessi taċ-ċarezza, pereżempju fir-rigward tat-terminoloġija tal-bonds koperti.

(10) Għalhekk, il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) hija emendata skont kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 12 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(12) 'bond kopert' tfisser strument ta' dejn li għandu rikors doppju: (a) direttament jew indirettament lil istituzzjoni ta' kreditu; u (b) lil aggregazzjoni ta' kopertura dinamika ta' assi sottostanti, u li għalihom ma jkun hemm ebda segmentazzjoni tar-riskju;";

(b) jigi mdaħħal il-punt (46a) li gej:

"(46a) 'ditta ta' investiment' tfisser ditta ta' investiment kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(c) il-punt 48 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(48) 'bond kopert jumbo' tfisser bond kopert maħruġ b'volum ta' ħruġ ta' mill-inqas EUR 1 biljun, li għalihom ta' mill-inqas tliet market-makers jipprovdu kwotazzjonijiet regolari ta' offerta u talba;";

(d) il-punt 71 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(71) 'bonds koperti oħrajn' tfisser bonds koperti strutturali jew multi cédulas;";

(e) il-punt 74 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(74) 'klassifikazzjoni ta' kreditu pubbliku' tfisser klassifikazzjoni ta' kreditu li tkun: (a) maħruġa jew approvata minn aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati fl-Unjoni u aċċettati bħala istituzzjoni ta' valutazzjoni tal-kreditu esterna mill-Eurosistema; u (b) żvelati pubblikament jew iddistribwiti b'abbonament;"

(f) il-punt (88) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(88) 'bond kopert strutturat' ifisser bond kopert, bl-eċċezzjoni ta' *multi cédulas*, li mhux maħruġ skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).";

(g) il-punt (94) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(94) 'bond kopert li jikkonforma mal-UCITS' ifisser bond kopert li jinħareġ skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;"

2. L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Paragrafu 1, it-Tabella 4 hija mibdula b'dan li ġej:

*"Tabella 4*

**Passi operattivi għall-proċeduri ta' sejħiet għal offerti**

| | |
|---|---|
| Pass 1 | Tħabbira ta' sejħa għal offerti<br>(a) Tħabbira pubblika tal-BĊE<br>(b) Tħabbira pubblika tal-BĊNi u tħabbira diretta lill-kontropartijiet individwali (jekk titqies meħtieġa) |
| Pass 2 | Preparazzjoni tal-kontropartijiet u sottomissjoni ta' offerti |
| Pass 3 | Ġbir tal-offerti mill-Eurosistema |
| Pass 4 | Allokazzjoni tal-offerti u t-tħabbira tar-riżultati tal-offerti<br>(a) Deċiżjoni tal-BĊE dwar l-allokazzjoni tal-offerta<br>(b) Tħabbira pubblika tal-BĊE tar-riżultati tal-allokazzjoni |
| Pass 5 | Ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-allokazzjoni individwali |
| Pass 6 | Saldu tat-tranżazzjonijiet"; |

(b) fil-paragrafu 2, it-Tabelli 5 u 6 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

*"Tabella 5*

**Skeda ta' żmien indikattiva għall-passi operattivi fi proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti (il-ħinijiet huma indikati skont il-Ħin Ċentrali Ewropew ([1]))**




([1]) Il-Ħin Ċentrali Ewropew (Central European Time — CET) iqis il-bidla għall-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali (Central European Summer Time).

*Tabella 6*

**Skeda ta' żmien indikattiva għall-passi operattivi fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għal offerti (il-ħinijiet huma indikati skont is-CET)**




3. fl-Artikolu 30, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Proċeduri ta' sejħiet għal offerti standard għandhom jitħabbru pubblikament mill-BĊE bil-quddiem. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru proċeduri standard ta' sejħiet għall-offerti pubblikament u direttament lill-kontropartijiet, jekk dan jitqies li huwa neċessarju.

2. Proċeduri ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla jistgħu jitħabbru pubblikament mill-BĊE bil-quddiem. Fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti li jitħabbru pubblikament bil-quddiem, il-BĊN jista' jikkuntattja lill-kontropartijiet magħżula direttament jekk dan jitqies li huwa neċessarju. Fi proċeduri mgħaġġla ta' sejħiet għall-offerti li ma jitħabbrux pubblikament bil-quddiem, il-kontropartijiet magħżula għandhom jiġu kkuntattjati direttament mill-BĊNi.";

4. fl-Artikolu 43, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Il-BĊE għandu jħabbar pubblikament id-deċiżjoni tal-allokazzjoni tas-sejħa għal offerti fir-rigward tar-riżultati tal-offerta. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru d-deċiżjoni tal-allokazzjoni tas-sejħa għal offerti pubblikament u direttament lill-kontropartijiet, jekk jidhrilhom li dan huwa neċessarju.";

5. fl-Artikolu 55a, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'li ġej:

"3. Fil-każ ta' friegħi, l-informazzjoni rapportata taħt il-paragrafu 1 għandha tirrigwarda l-istituzzjoni li lilha tappartjeni il-fergħa.";

6. fl-Artikolu 61, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Il-BĊE għandu jippubblika lista aġġornata ta' assi negozjabbli eliġibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu, skont il-metodoloġiji indikati fis-sit elettroniku tiegħu, u għandu jaġġornah kull jum meta t-TARGET2 huwa operattiv. Assi negozjabbli inklużi fil-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli jsiru eliġibbli għall-użu fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema meta jiġu ppubblikati fil-lista. Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, fil-każ speċifiku ta' strument ta' dejn għal żmien qasir bil-valur ta' saldu tal-istess jum, l-Eurosistema tista' tagħti l-eliġibbiltà mid-data ta' ħruġ. Assi vvalutati skont l-Artikolu 87(3) m'għandhomx jiġu ppubblikati f'din il-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli.";

7. fl-Artikolu 63, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Sabiex ikunu eliġibbli, strumenti ta' dejn għandu jkollhom xi waħda minn dawn l-istrutturi ta' kupun li ġejjin sal-fidi finali:

(a) kupuni fissi, żero, jew multi-step bi skeda ta' kupun predefinita u valuri tal-kupun predefiniti; jew

(b) kupuni varjabbli li għandhom din l-istruttura: rata tal-kupun = (rata ta' referenza * l) ± x, b' f ≤ rata tal-kupun ≤ c, fejn:

(i) ir-rata ta' referenza hija biss waħda milli ġejjin f'mument partikolari:

— rata tas-suq tal-flus tal-euro eż. Euribor, LIBOR jew indiċijiet simili,

— rata kostanti ta' swaġ ta' maturità eż. CMS, EIISDA, EUSA,

— ir-rendiment ta' bond wieħed tal-gvern taż-żona tal-euro, jew indiċi ta' bosta minnhom, li għandhom maturità ta' sena jew inqas,

— indiċi ta inflazzjoni taż-żona tal-euro;

(ii) f (minimu), c (massimu), l (fattur ta' ingranaġġ/diżingranaġġ) u x (marġni) huma, jekk preżenti, numri li huma jew predefiniti fil-ħin tal-ħruġ, jew inkella jistgħu jinbidlu maż-żmien biss skont rotta predefinita fil-ħin tal-ħruġ, fejn l huwa aktar minn żero matul il-ħajja sħiħa tal-assi. Għall-kupuni varjabbli b'rata ta' referenza ta' indiċi ta' inflazzjoni, l għandu jkun ugwali għal wieħed.";

8. l-Artikolu 77a li ġej huwa mdaħħal:

"*Artikolu 77a*

**Restrizzjonijiet fuq investimenti għal titoli ggarantiti b'assi**

Kull investiment ta' flejjes li huma ta' kreditu għal min jagħmel il-ħruġ jew ta' kull kont ta' bank SPV intermedjarju taħt id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni m'għandux jikkonsisti, għal kollox jew parzjalment, attwalment jew potenzjalment, minn segmenti ta' noti ta' ABSs, marbuta mal-kreditu, swaps jew strumenti derivati oħra, titoli sintetiċi jew talbiet simili.";

9. Fl-Artikolu 73, il-paragrafu 7 huwa mħassar.

10. fl-Artikolu 78, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Dejta komprensiva u standardizzata fil-livell ta' self dwar l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu ABSs għandhom ikunu disponibbli skont il-proċeduri stipulati fl-Anness VIII, li jinkludi informazzjoni dwar il-punteġġ tal-kwalità tad-dejta meħtieġ u r-rekwiżiti għall-indikazzjoni tal-Eurosistema tar-repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self. Fil-valutazzjoni tagħha tal-eliġibbiltà, l-Eurosistema tqis: (a) kull nuqqas fil-konsenja tad-dejta, u (b) il-frekwenza li fiha jinstab li l-oqsma ta' dejta individwali dwar il-livell ta' self ma fihom ebda dejta sinifikanti.";

11. fit-Taqsima 2, Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Parti Erbgħa, is-Subtaqsima 4 li ġejja hija miżjuda:

"Subtaqsima 4

**Kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi għal ċerti strumenti ta' dejn mhux garantiti**

*Artikolu 81a*

**Kriterji ta' eliġibbiltà għal ċerti strumenti ta' dejn mhux garantiti**

1. Biex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti ta' investiment, jew minn entitajiet marbuta mill-qrib tagħhom kif iddefinit fl-Artikolu 138(2), għandhom jikkonformaw mal-kriterji ġenerali relatati dwar it-tipi kollha ta' assi negozjabbli stabbiliti fit-Taqsima 1, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 64 sa fejn dak l-istrument ta' dejn mhux iggarantit ikun suġġett għas-subordinazzjoni statutorja.

2. Għall-finijiet ta' din is-subtaqsima, subordinazzjoni statutorja tfisser subordinazzjoni, ibbażata fuq qafas statutorju applikabbli għal-emittent, ta' strument ta' dejn mhux iggarantit li ma huwiex suġġett għal subordinazzjoni bis-saħħa tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-istrument ta' dejn, jiġifieri subordinazzjoni kuntrattwali.";

12. fl-Artikolu 83, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) Klassifikazzjoni ta' ħruġ ECAI: din il-klassifikazzjoni tirreferi għal valutazzjoni tal-kreditu ECAI assenjata jew lil ħruġ jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ mill-istess ECAI, is-serje tal-programm jew il-ħruġ li taħtu jinħareġ l-assi. Valutazzjoni ECAI għall-programm jew serje ta' ħruġ tkun relevanti biss jekk tapplika għall-assi partikolari kkonċernat u hija espliċitament u mingħajr ambigwità mqabbla mal-kodiċi tal-assi ISIN mill-ECAI, u ma teżisti l-ebda klassifikazzjoni tal-ħruġ differenti mill-istess ECAI. Għal klassifikazzjonijiet tal-ħruġ ECAI, l-Eurosistema ma għandha tagħmel ebda distinzjoni fir-rigward tal-maturità oriġinali tal-assi.";

13. fl-Artikolu 104, għandu jiddaħħal il-paragrafu (3a) li ġej:

"3a. Mill-1 ta' Jannar 2018, il-BĊNi għandhom jużaw mekkaniżmu sabiex jisguraw li r-riskju ta' tpaċija ikun ġie eskluż jew immitigat b'mod sinifikanti meta jaċċettaw bħala kollateral talbiet ta' kreditu li joriġinaw wara dik id-data. Talbiet ta' kreditu oriġinati qabel l-1 ta' Jannar 2018 li ma kinux suġġetti għal dak il-mekkaniżmu jistgħu jkunu mobilizzati bħala kollateral sal-31 ta' Diċembru 2019, iżda l-kriterji l-oħra kollha ta' eliġibbiltà għandhom jiġu ssodisfatti.";

14. L-Artikolu 120 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma mibdulin b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-ECAF, il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali għall-ECAIs għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) L-ECAIs għandhom ikunu reġistrati mill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq, skont ir-[Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(b) L-ECAIs għandhom jissodisfaw kriterji operattivi u jipprovdu kopertura relevanti sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF. B'mod partikolari, l-użu tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI huwa suġġett għad-disponibbiltà lill-Eurosistema ta' informazzjoni fuq dawn il-valutazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni għall-paragun u l-assenjazzjoni, jiġifieri l-immappjar tal-valutazzjonijiet għall-passi tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema u għall-finijiet tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, skont l-Artikolu 126.

2. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk tibdiex proċedura ta' aċċettazzjoni ECAF wara applikazzjoni minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA). Meta tagħmel id-deċiżjoni tagħha, l-Eurosistema għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, jekk is-CRA tipprovdix kopertura rilevanti għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IXa.";

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Wara l-bidu ta' proċedura ta' aċċettazzjoni ta' ECAF, l-Eurosistema għandha tinvestiga l-informazzjoni addizzjonali kollha kkunsidrata rilevanti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF, inkluża l-kapaċità tal-ECAI li tissodisfa l-kriterji u r-regoli tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IX u l-kriterji speċifiċi fl-Anness IXb (jekk ikun rilevanti). L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk taċċettax ECAI għall-finijiet tal-ECAF fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta u l-valutazzjoni tad-diliġenza tagħha stess.";

15. fl-Artikolu 122(3), il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) valutazzjoni aġġornata mill-awtorità kompetenti li tirrifletti l-informazzjoni disponibbli kurrenti fuq il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw l-użu tas-sistema IRB għall-finijiet kollaterali u l-kwistjonijiet kollha dwar id-dejta użata għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ECAF";

16. fl-Artikolu 137, il-paragrafu 2 huwa mibdul b'li ġej:

"2. Il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà għall-assi negozjabbli stabbiliti fit-Titolu II tal-Parti Erbgħa għandhom japplikaw, ħlief li l-assi negozjabbli:

(a) jistgħu jinħarġu, jinzammu u jiġu regolati barra ż-ŻEE; u

(b) jistgħu jiġu ddenominati f'valuti minbarra l-euro; u

(c) m'għandux ikollhom valur tal-kupun li jirriżulta fluss ta' flus kontanti negattiv.";

17. fl-Artikolu 138(3), il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) rabtiet mill-qrib bejn il-kontroparti u entità fis-settur pubbliku taż-ZEE li għandha d-dritt timponi taxxi, jew każijiet fejn strument ta' dejn ggarantit minn wieħed jew iktar mill-entitajiet fis-settur pubbliku taż-ŻEE li għandhom id-dritt jimponu taxxi u l-garanzija relevanti tikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikolu 114, bla ħsara fil-każijiet kollha għall-Artikolu 139 (113);";

18. fl-Artikolu 139, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn kontroparti jew entità oħra marbuta mill-qrib ma' dak il-kontroparti, kif iddefiniti fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 138, u ggarantiti għal kollox minn entità tas-settur pubbliku taż-ŻEE waħda jew iżjed li għandhom id-dritt li jimponu t-taxxi m'għandhomx ikunu mobilizzati bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema minn dik il-kontroparti jew:

(a) direttament; jew

(b) indirettament, fejn huma inklużi fil-ġabra tal-bonds koperti.";

19. fl-Artikolu 141, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Kontroparti m'għandhiex tissottometti jew tuża bħala kollateral strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu, jew minn entità oħra li magħha l-istituzzjoni ta' kreditu għandha rabtiet mill-qrib sal-punt li l-valur ta' tali kollateral maħruġ minn dik l-istituzzjoni ta' kreditu jew entità oħra li magħha għandha rabtiet mill-qrib meħudin flimkien jaqbeż l-2.5 % tal-valur totali tal-assi użati bħala kollateral minn dik il-kontroparti wara l-haircut applikabbli. Dan il-limitu ta' 2.5 % m'għandux japplika fl-ebda minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-valur ta' dawn l-assi ma jaqbiżx EUR 50 miljun wara kull haircut applikabbli; jew

(b) jekk dawn l-assi huma ggarantiti minn entità fis-settur pubbliku li jkollha d-dritt tiġbor it-taxxa bħala mezz ta' garanzija li tikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikoli 114.";

20. L-Artikolu 143 huwa mħassar;

21. l-Artikolu 144a li ġej huwa mdaħħal:

*"Artikolu 144a*

**Assi eliġibbli bi flussi ta' flus kontanti negattivi**

1. Il-BĊNi għandhom jipprovdu li kontroparti għandha tibqa' responsabbli għal ħlas fil-ħin ta' kull ammont ta' fluss ta' flus kontanti negattiv relatat ma' assi eliġibbli mibgħuta jew użati minnha bħala kollateral.

2. Jekk kontroparti tonqos milli tagħmel ħlas fil-ħin bis-saħħa tal-paragrafu 1, l-Eurosistema tista', imma ma hijiex obbligata tagħmel il-ħlas rilevanti. Il- BĊNi għandhom jipprovdu li kontroparti għandha tirrimborsa lill-Eurosistema, immedjatament ma' talba mill-Eurosistema, bi kwalunkwe ammont ta' flussi ta' flus kontanti negattivi mħallsin mill-Eurosistema bħala riżultat tan-nuqqas tal-kontraparti. Jekk kontroparti tonqos milli tagħmel ħlas fil-ħin bis-saħħa tal-paragrafu 1, l-Eurosistma għandu jkollha d-dritt li tiddebita minnufih u mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel ammont daqs l-ammont li l-Eurosistema għandha tħallas f'isem tali kontroparti jew minn:

(a) il-kont tal-modulu ta' ħlas tal-kontroparti rilevanti (PM) fit-TARGET2, kif ipprovdut fl-Artikolu 36(6) tal-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2012/27; jew

(b) bl-awtorizzazzjoni minn qabel ta' bank ta' saldu, il-kont PM tat-TARGET2 ta' bank ta' saldu, użat għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema tal-kontroparti; jew

(c) kull kont ieħor li jista' jintuża għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema u li l-kontroparti rilevanti għandha mal-BĊN,

3. Kull ammont imħallas mill-Eurosistema taħt il-paragrafu 2 li ma jiġix irrimborsat minn kontroparti minnufih wara talba u li ma jistax jiġi ddebitat mill-Eurosistema minn kwalunkwe kont rilevanti kif ipprovdut skont il-paragrafu 2, għandu jiġi kkunsidrat bħala kreditu mill-Eurosistema, li għalih hija applikabbli sanzjoni skont l-Artikolu 154.";

22. fl-Artikolu 154(1), il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bil-maqlub u swaps ta' kambju barrani għall-finijiet ta' politika monetarja, l-obbligi, kif preskritt fl-Artikolu 15 sabiex jikkollateralizzaw u jirregolaw b'mod adegwat l-ammont li l-kontroparti tkun ġiet allokata matul it-terminu sħiħ ta' operazzjoni partikolari inkluż l-ammont dovut ta' operazzjoni partikolari fil-każ ta' terminazzjoni bikrija eżegwita minn BĊN matul it-terminu li jifdal minn operazzjoni";

23. fl-Artikolu 154(1) qed jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) kwalunkwe obbligu ta' ħlas bis-saħħa tal-Artikolu 144a(3).";

24. fl-Artikolu 156(1), il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) kienet imposta penalità finanzjarja;";

25. fl-Artikolu 156(4), il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) kienet imposta penalità finanzjarja;";

26. fl-Artikolu 166, huwa miżjud il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Kull BĊN għandu japplika arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji li jiżguraw li, fi kull żmien, il-BĊN domestiku jkun f'pożizzjoni legali li jimponi penali finanzjarja għal nuqqas ta' kontroparti li tirrimborsa jew tħallas, bis-sħiħ jew parzjalment, kwalunkwe ammont tal-kreditu jew tal-prezz tax-xiri mill-ġdid, jew li l-assi mixtrija jiġu kkonsenjati, fil-maturità jew meta jkunu altrimenti dovuti, fil-każ li ma jkun disponibbli l-ebda rimedju għalih bis-saħħa tal-Artikolu 166(2). Il-penalità finanzjarja għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII, Taqsima I, paragrafu 1(a) ta' din il-Linja Gwida u l-Anness VII, Taqsima I, paragrafi 2 u 4 ta' din il-Linja Gwida, wara li jittieħed inkunsiderazzjoni l-ammont ta' flus kontanti li l-kontroparti ma setgħetx tħallas jew tirrimbors, u n-numru ta' jiem kalendarji li matulhom il-kontroparti ma ħallsitx, ma rrimborsatx jew ma kkonsenjatx.";

27. L-Annessi VII, VIII u XII huma emendati, u Anness IXa u Anness IXb ġodda huma mdaħħla, skont l-Anness ta' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2017. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

L-Annessi VII, VIII u XII tal-Linja Gwida (UE) 2015/510(BĊE/2014/60) huma emendati, u l-Annessi IXa u IXb ġodda huma mdaħħla kif ġej:

1. fl-Anness VII, il-paragrafu 1(b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "(b) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(d), jew (e) penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 5 punti perċentwali. Għal ksur ripetut tal-obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(d) jew tal-obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(e) f'perijodu ta' 12-il xahar, li jibda mill-jum tal-ewwel ksur, ir-rata tal-penalità tiżdied bi 2,5 punti perċentwali għal kull ksur."

2. fl-Anness II, il-paragrafu 5(a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "(a) Japplika perijodu ta' konċessjoni ta' sebat ijiem kalendarji jekk il-ksur rriżulta minn bidla fil-valutazzjoni, mingħajr sottomissjoni ta' tali strumenti ta' dejn mhux assigurati, u mingħajr it-tneħħija ta' assi mill-aggregat ta' kollateral totali fuq il-bażi ta' dan li ġej:

   (i) żdied il-valur ta' dawk l-istrumenti ta' dejn mhux assigurati mibgħuta diġà; jew

   (ii) il-valur totali tal-aggregat kollaterali totali naqas.

   F'dawn il-każijiet il-kontroparti hija meħtieġa li taġġusta l-valur tal-aggregat tal-kollateral totali tagħha u/jew il-valur ta' dawn l-istrumenti ta' dejn mhux assigurati fil-perijodu ta' konċessjoni, biex tiġi żgurata l-konformità mal-limitu applikabbli.";

3. fl-Anness VII, il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'li ġej:

   "6. Jekk il-kontroparti tkun ipprovdiet informazzjoni li taffettwa l-valur tal-kollateral tagħha b'mod negattiv mill-perspettiva tal-Eurosistema fir-rigward tal-Artikolu 145(4), eż. informazzjoni skorretta fuq l-ammont pendenti ta' talba ta' kreditu użata li hija jew kienet falza jew skaduta, jew jekk il-kontroparti tonqos milli tipprovdi informazzjoni fiż-żmien kif meħtieġ skont l-Artikolu 101(1)(a)(iv), l-ammont (valur) tal-kollateral li ġie affettwat b'mod negattiv jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-penalità finanzjarja skont il-paragrafu 3 u l-ebda perijodu ta' konċessjoni ma jkun applikabbli. Jekk l-informazzjoni skorretta tiġi kkoreġuta fil-perijodu ta' notifika, pereżempju għal talbiet ta' kreditu matul il-jum tan-negozju li jmiss bis-saħħa tal-Artikolu 109(2) m'għandha tiġi imposta l-ebda penali.";

4. fl-Anness VII, il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'li ġej:

   "7. Għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 154(1)(d) jew (e), tiġi kkalkulata penali finanzjarja bl-applikazzjoni tar-rata tal-penalità, skont il-paragrafu 1(b), sal-ammont tal-aċċess mhux awtorizzat tal-kontroparti għall- faċilità tas-self marġinali, jew kreditu mhux imħallas mill-Eurosistema.";

5. L-Anness VIII huwa emendat kif gej:

   (a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   **"REKWIŻITI TA' RAPPURTAR TA' DEJTA TAL-LIVELL TA' SELF GĦAL TITOLI GGARANTITI MINN ASSI U L-PROĊEDURA GĦALL-INDIKAZZJONI TA' REPOŻITORJI TAD-DEJTA TAL-LIVELL TA' SELF TAL-EUROSISTEMA";**

   (b) Il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'li ġej:

   "Dan l-Anness japplika għall-għoti ta' dejta komprensiva u standardizzata tal-livell ta' self fuq l-aggregat ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarnatixxu t-titoli ggarantiti b'assi (ABSs) kif speċifikat fl-Artikolu 78, u jistabbilixxi l-proċedura tal-indikazzjoni tal-Eurosistema ta' repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self.";

   (c) It-Taqsima I.1 hija mibdula b'li ġej:

   "1. Id-dejta tal-livell ta' self għandha tiġi sottomessa mill-partijiet rilevanti lil repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self indikat mill-Eurosistema. Ir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self jippubblika din id-dejta elettronikament.";

(d) It-Taqsima IV ġdida hija mdaħħla:

"IV. INDIKAZZJONI TA' REPOŻITORJI TAD-DEJTA TAL-LIVELL TA' SELF

I. **Rekwiżiti għal indikazzjoni**

1. Biex jiġu indikati, repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Eurosistema applikabbli, inkluż aċċess miftuħ, nondiskriminazzjoni, kopertura, struttura ta' governanza xierqa u trasparenza.

2. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċess miftuħ u nondiskriminazzjoni, repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self:

(a) m'għandux jiddiskrimina inġustament bejn utenti tad-dejta meta jiġi pprovdut aċċess għal dejta tal-livell ta' self;

(b) għandu japplika kriterji għall-aċċess għal dejta tal-livell ta' self li hija oġġettiva, mhux diskriminatorja u disponibbli pubblikament;

(c) jista' jirrestrinġi biss aċċess bl-inqas mod possibbli sabiex jitħares ir-rekwiżit ta' proporzjonalità;

(d) għandu jistabbilixxi proċeduri ġusti għal drabi meta jiċħad l-aċċess għall-utenti ta' dejta jew fornituri tad-dejta;

(e) għandu jkollu l-kapaċitajiet tekniċi neċessarji biex jipprovdi l-aċċess kemm għall-utenti tad-dejta kif ukoll il-fornituri tad-dejta fiċ-ċirkustanzi raġonevoli kollha inklużi proċeduri ta' backup ta' dejta, salvagwardji ta' sigurtà tad-dejta, u arranġamenti għall-irkupru minn disastri;

(f) ma jistax jimponi spejjeż għall-utenti tad-dejta għall-forniment jew l-estrazzjoni ta' dejta fil-livell ta' self li huma diskriminatorji sabiex jingħata lok indebitament għal restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dejta tal-livell ta' self.

3. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kopertura, repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self:

(a) għandu jistabbilixxi u jżomm sistemi ta' teknoloġija robusti u kontrolli operattivi sabiex ikun jista' jipproċessa dejta tal-livell ta' self b'mod li jsostni r-rekwiżiti tal-Eurosistema għas-sottomissjoni ta' dejta tal-livell ta' self fir-rigward ta' assi eliġibbli suġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar ta' dejta tal-livell ta' self, kif speċifikat kemm fl-Artikolu 78 kif ukoll f'dan l-Anness;

(b) għandu juri b'mod kredibbli lill-Eurosistema li l-kapaċità teknika u operattiva tiegħu tippermettilu jikseb kopertura sostanzjali jekk jikseb status ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self.

4. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' struttura ta' governanza u trasparenza xierqa, repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self:

(a) għandu jistabbilixxi arranġament ta' governanza li jservu l-interessi tal-partijiet interessati fis-suq ABS biex titkattar it-trasparenza;

(b) għandu jistabbilixxi arranġamenti ta' governanza dokumentata b'mod ċar, jirrispetta standards ta' governanza xierqa u jiżgura ż-żamma u l-operazzjoni ta' struttura organizzattiva adegwata biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-funzjonament ordnat; u

(c) għandu jagħti lill-Eurosistema aċċess suffiċjenti għad-dokumenti u informazzjoni ta' appoġġ sabiex jimmonitorja, fuq bażi kontinwa, l-idonjetà kontinwa tal-istruttura ta' governanza tar-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self.

II. **Proċeduri għall-indikazzjoni u l-irtirar tal-indikazzjoni**

1. Applikazzjoni għal indikazzjoni mill-Eurosistema bħala repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self għandha tintbagħat lid-Direttorat tal-Ġestjoni tar-Riskju tal-BĊE. L-applikazzjoni għandha tipprovdi motivazzjoni xierqa u dokumentazzjoni ta' appoġġ kompleta li turi l-konformità tal-applikant mar-rekwiżiti għal repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self stabbiliti f'din il-Linja Gwida. L-applikazzjoni, il-motivazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ għandhom jingħataw bil-miktub u, kull meta jkun possibbli, f'format elettroniku.

2. Fi żmien 25 jum tax-xogħol minn meta tiġi rċevuta l-applikazzjoni, il-BĊE għandu jivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompleta. Jekk l-applikazzjoni mhijiex kompleta, il-BĊE jiffissa skadenza li sa dakinhar ir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

3. Wara li jikkunsidra li applikazzjoni hija kompleta, il-BĊE għandu jinnotifika b'dan lir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self.

4. L-Eurosistema għandha, fi żmien raġonevoli stabbiliti fil-paragrafu 6, teżamina applikazzjoni għall-indikazzjoni magħmula minn repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self skont il-konformità ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linja Gwida. Bħala parti mill-eżami tagħha, l-Eurosistema tista' teħtieġ li r-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self jagħmel wirja waħda jew iżjed interattiva live mal-persunal tal-Eurosistema, sabiex juri l-kapaċitajiet tekniċi tar-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima IV.I, paragrafi 2 u 3. Jekk tkun meħtieġa wirja bħal dik, għandu jiġi kkunsidrat bħala rekwiżit obbligatorju tal-proċess tal-applikazzjoni.

5. L-Eurosistema tista' testendi l-perijodu ta' eżami b'20 jum tax-xogħol, f'każijiet fejn kjarifikazzjoni addizzjonali hija kkunsidrata neċessarja mill-Eurosistema jew fejn kien hemm ħtieġa ta' wirja skont il-paragrafu 4.

6. L- Eurosistema għandha l-għan li tadotta deċiżjoni mmotivata biex tindika jew tirrifjuta li tindika fi żmien 60 jum tax-xogħol min-notifika msemmija fil-paragrafu 3, jew fi żmien 80 jum tax-xogħol minnha meta jkun japplika l-paragrafu 5.

7. Fi żmien ħamest ijiem mill-adozzjoni ta' deċiżjoni taħt il-paragrafu 6, l-Eurosistema għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lir-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self kkonċernat. Meta l-Eurosistema tirrifjuta li tindika r-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self jew tirtira l-indikazzjoni tar-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self, hija tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fin-notifika.

8. Id-deċiżjoni adottata mill-Eurosistema bis-saħħa tal-paragrafu 6 tidħol fis-seħħ fil-ħames jum tax-xogħol li jsegwi n-notifika tagħha bis-saħħa tal-paragrafu 7.

9. Repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self indikat għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifika lill-Eurosistema b'kull bidla materjali tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti għal indikazzjoni.

10. L-Eurosistema għandha tirtira l-indikazzjoni ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self meta r-repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self:

    (a) ikun kiseb l-indikazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor; jew

    (b) ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet li bihom ikun ġie indikat.

11. Deċiżjoni għall-irtirar tal-indikazzjoni ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self tidħol fis-seħħ minnufih. ABSs li fir-rigward tagħhom dejta tal-livell ta' self kienet saret disponibbli permezz ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self li l-indikazzjoni tiegħu tkun ġiet irtirata skont il-paragrafu 10 jistgħu jibqgħu eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' keditu tal-Eurosistema, iżda r-rekwiżiti l-oħra kollha għandhom jiġu ssodisfatti għal perijodu

    (a) sad-data tar-rapportar tad-dejta tal-livell ta' self meħtieġ li jmiss speċifikata fit-Taqsima I.3; jew

    (b) jekk il-perijodu permess taħt (a) teknikament mhuwiex fattibbli għall-parti li tissottometti dejta tal-livell ta' self u spjegazzjoni bil-miktub ġiet ipprovduta lill-BĊN li tivvaluta l-eliġibbiltà sad-data tar-rapportar tad-dejta tal-livell ta' self meħtieġ li jmiss speċifikata fit-Taqsima I.3, tliet xhur wara d-deċiżjoni taħt il-paragrafu 10.

    Wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu d-dejta tal-livell ta' self għal tali ABSs għandha tkun disponibbli permezz ta' repożitorju tad-dejta tal-livell ta' self skont ir-rekwiżiti kollha tal-Eurosistema applikabbli.

12. L-Eurosistema se tippubblika fil-websajt tal-BĊE lista ta' repożitorji tad-dejta tal-livell ta' self indikati skont din il-Linja Gwida. Dik il-lista tiġi aġġoranata fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 6 jew il-paragrafu 10.";

6. L-Anness IXa li ġej huwa mdaħħal:

*"ANNESS IXs*

**Rekwiżiti ta' kopertura minima għall-istituzzjonijiet ta' valutazzjoni ta' kreditu estern fil-qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema**

Dan l-Anness japplika għall-aċċettazzjoni ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) bħala istituzzjoni ta' valutazzjoni tal-kreditu estern (ECAI) fil-qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF), kif speċifikat tal-Artikolu 120(2).

1. REKWIŻITI TA' KOPERTURA

1. Fir-rigward ta' kopertura kurrenti, f'kull waħda ta' mill-inqas tlieta mill-erba' klassijiet ta' assi (a) bonds tal-bank skoperti, (b) bonds korporattivi (c) bonds koperti u (d) ABS, is-CRA għandha tipprovdi kopertura minima ta':

(i) 10 % fl-univers eliġibbli ta' assi taż-żona tal-euro, maħdumin f'termini ta' assi kklassifikati u emittenti kklassifikati, ħlief għall-klassi tal-assi ABS, li għalihom tapplika biss kopertura f'termini ta' assi kklassifikati;

(ii) 20 % fl-univers eliġibbli ta' assi taż-żona tal-euro, ikkomputati f'termini ta' ammonti nominali pendenti;

(iii) f'mill-inqas 2/3 tal-pajjiżi taż-żona tal-euro b'assi eliġibbli fil-klassijiet ta' assi rispettivi, is-CRA għandha tipprovdi l-kopertura meħtieġa ta' assi kklassifikati, emittenti kklassifikati jew ammonti nominali kklassifikati kif imsemmi fil-punti (i) u (ii).

2. Is-CRA għandha tipprovdi klassifikazzjonijiet sovrani għal, bħala minimu, pajjiżi tar-residenza tal-emittent taż-żona tal- euro fejn l-assi f'waħda mill-erba' klassijiet msemmija fil-paragrafu 1 huma kklassifikati minn din is-CRA, bl-eċċezzjoni ta' assi li l-Eurosistema tikkunsidra li l-valutazzjoni tar-riskju tal-pajjiż rispettiv bħala irrilevanti għall-klassifikazzjoni ta' kreditu pprovduta mis-CRA għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti.

3. Dwar il-kopertura storika, is-CRA għandha tissodisfa mill-inqas 80 % tar-rekwiżiti ta' kopertura minimi previsti fil-paragrafi 1 u 2 f'kull waħda mit-tliet snin qabel l-applikazzjoni għall-aċċettazzjoni ECAF, u għandha tissodisfa 100 % ta' dawk ir-rekwiżiti fiż-żmien tal-applikazzjoni u matul il-perijodu kollu tal-aċċetazzjoni ECAF.

2. KALKOLU TAL-KOPERTURA

1. Il-kopertura hija kkalkulata fuq il-bażi ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu maħruġa jew approvati mis-CRA skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u li tissodisfa r-rekwiżiti kollha l-oħra għall-finijiet ECAF.

2. Il-kopertura ta' CRA partikolari hija bbażata fuq klassifikazzjonijiet ta' kreditu ta' assi eliġibbli għall-operazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u hija kkomputata skont ir-regoli ta' prijorità taħt l-Artikolu 84 billi jiġu kkunsidrati biss il-klassifikazzjonijiet ta' dik is-CRA.

3. Fil-kalkolu tal-kopertura minima ta' CRA li mhix aċċettata għall-finijiet ECAF, l-Eurosistema tinkludi wkoll il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu rilevanti pprovduti għall-assi li mhumiex eliġibbli minħabba nuqqas ta' klassifikazzjoni minn (ECAI) aċċettati ECAF.

3. REVIŻJONI TAL-KONFORMITÀ

1. Il-konformità ta' ECAIs aċċettati b'dawn ir-rekwiżiti ta' kopertura jiġu rriveduti kull sena.

2. Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-kopertura jistgħu jiġu ssanzjonati skont ir-regoli u l-proċeduri ECAF.";

7. L-Anness IXb li ġej huwa mdaħħal:

*"ANNESS IXb*

**Rekwiżiti minimi fil-qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema għal ħruġ ġdid u rapporti ta' sorveljanza fuq programmi ta' bonds koperti**

1. INTRODUZZJONI

Għall-finijiet tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema (ECAF), l-istituzzjonijiet għall-valutazzjoni tal-kreditu estern (ECAIs), fir-rigward tal-Artikolu 120(2a), għandhom jikkonformaw mal-kriterji operattivi speċifiċi fir-rigward tal-bonds koperti, b'effett minn 1 ta' Lulju 2017. B'mod partikolari, ECAIs għandhom:

(a) jispjegaw programmi ta' bonds koperti kklassifikati ġodda f'rapport ta' klassifikazzjoni ta' kreditu pubblikament disponibbli; u

(b) jagħmlu rapporti ta' sorveljanza fuq programmi ta' bonds koperti disponibbli trimestralment.

Dan l-Anness jistabbilixxi dawn ir-rekwiżiti minimi fid-dettall.

Il-konformità ECAIs ma' dawn ir-rekwiżiti jiġu rriveduti regolarment. Jekk ma jiġux ssodisfatti l-kriterji għall-programm ta' bonds koperti partikolari, l-Eurosistema tista' tqis il-klassifikazzjoni(jiet) ta' kreditu pubbliku relatat(i) mal-programm ta' bonds koperti li ma jilħaqx(jilħqux) l-istandards ta' kreditu għoljin tal-ECAF. Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' kreditu pubbliku tal-ECAI jista' ma jintużax biex jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' kwalità tal-kreditu għal ass negozjabbli taħt il-programm ta' bonds koperti speċifiku.

2. REKWIŻITI MINIMI

(a) Ir-rapporti ta' klassifikazzjoni ta' kreditu pubblikament disponibbli (rapport ta' ħarġa ġdida) msemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jinkludu analiżi komprensiva tal-aspetti strutturali u legali tal-programm, valutazzjoni tal-aggregazzjoni tal-kollateral iddettaljata, analiżi tar-rifinanzjament u r-riskju tas-suq, analiżi tal-parteċipanti tat-tranżazzjoni, assunzjonijiet u metriċi proprjetarji ECAI, u analiżi ta' kull dettal rilevanti ieħor tat-tranżazzjoni.

(b) Ir-rapporti ta' sorveljanza li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1(b) għandhom jiġu ppubblikati mill-ECAI mhux iktar tard minn tmien ġimgħat wara t-tmiem ta' kull trimestru. Ir-rapporti ta' sorveljanza għandu jkollhom l-informazzjoni li ġejja.

(i) Kull metrika proprjetarja ECAI, inklużi l-aħħar metriċi proprjetari dinamiċi disponibbli użati fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni. Jekk id-data li għaliha jirriferu l-metriċi proprjetarji hija differenti mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport, id-data li għaliha jirriferu l-metriċi proprjetarji għandha tiġi speċifikata.

(ii) Ħarsa ġenerali tal-programm, li tinkludi, tal-inqas, l-assi u l-obbligazzjonijiet pendenti, l-emittent u partijiet tat-tranżazzjoni ewlenin oħrajn, it-tip ta' assi kollaterali, il-qafas legali li għalih huwa suġġett il-programm, u l-klassifikazzjoni tal-programm u l-emittent.

(iii) Livelli ta' kollateralizzazzjoni żejda, inklużi kollateralizzazzjonijiet kurrenti u kommessi.

(iv) Il-profil tal-obbligu tal-assi, inkluż it-tip ta' maturità tal-bonds koperti, eż. hard bullet, soft bullet, jew pass through, il-ħajja medja peżata tal-bonds koperti u tal-aggregazzjoni ta' kopertura u informazzjoni fuq ir-rata tal-imgħax u diskrepanzi fil-muniti.

(v) Arrangamenti ta' rata ta' imgħax u swap ta' munita eżistenti meta ssir il-pubblikazzjoni tar-rapport, inklużi ismijiet tal-kontroparti tal-iswap u, meta jkunu disponibbli, l-identifikaturi tal-entità legali tagħhom.

(vi) Id-distribuzzjoni tal-muniti, inkluż tqassim f'termini ta' valur fil-livell kemm tal-aggregazzjoni koperta u tal-bonds individwali.

(vii) Assi tal-aggregazzjoni koperta, inklużi bilanċ tal-assi, tipi ta' assi, numru u daqs medju ta' self, staġonatura, maturità, proprozjonijiet self għal valutazzjoni, distribuzzjoni reġjunali u distribuzzjoni ta' arretrati.

(viii) Assi sostituti tal-aggregazzjoni koperta, inkluż il-bilanċ tal-assi.

(ix) Il-lista tat-titoli kklassifikati kollha fil-programm, identifikati min-numru ta' identifikazzjoni ta' titoli internazzjonali tagħhom (ISIN). Dan l-iżvelar jista' jsir ukoll permezz ta' fajl separat li jista' jitniżżel mill-websajt tal-ECAI.

(x) Lista ta' definizzjonijiet u sorsi tad-dejta użati fil-produzzjoni tar-rapport ta' sorveljanza. Dan l-iżvelar jista' jsir ukoll permezz ta' fajl separat ippubblikat fuq il-websajt tal-ECAI."

8. L-Anness XII, Taqsima VI huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tabella 1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 1*

**Assi negozjabbli mobilizzati fit-tranżazzjonijiet**

Karatteristiċi

| Isem | Klassi tal-assi | Data tal-maturità | Definizzjoni tal-kupun | Frekwenza tal-kupun | Maturità residwa | Haircut |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Assi A | Bond kopert jumbo li jikkonforma tal-UCITS | 30.8.2018 | Rata fissa | 6 xhur | 4 snin | 2,50 % |
| Assi B | Bond tal-Gvern ċentrali | 19.11.2018 | Rata varjabbli | 12-il xahar | 4 snin | 0,50 % |
| Assi C | Bond ta' kumpannija | 12.5.2025 | Rata kupun żero | | > 10 snin | 13,00 % |

Prezzijiet f'persentaġġi (inkluż imgħax akkumulat) (*)

| 30.7.2014 | 31.7.2014 | 1.8.2014 | 4.8.2014 | 5.8.2014 | 6.8.2014 | 7.8.2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 101,61 | 101,21 | 99,50 | 99,97 | 99,73 | 100,01 | 100,12 |
| | 98,12 | 97,95 | 98,15 | 98,56 | 98,59 | 98,57 |
| | | | | | 53,71 | 53,62 |

(*) Il-prezzijiet murija għal data ta' valutazzjoni speċifika jikkorrespondu mal-prezz l-aktar rappreżentattiv fil-jum tan-negozju ta' qabel din id-data ta' valutazzjoni.";

(b) il-paragrafu 1 taħt "SISTEMA TA' ASSENJAZZJONI" huwa mibdul b'li ġej:

"1. Fit-30 ta' Lulju 2014, il-kontroparti tidħol fi tranżazzjoni ta' xiri mill-ġdid ma' BĊN, li jixtri EUR 50.6 miljun ta' Assi A. Assi A huwa bond tal-bank kopert jumbo b'kupun fiss li jimmatura fit-30 ta' Awwissu 2018 u allokat lill-pass ta' kwalità ta' kreditu 1-2. Għalhekk għandu maturità reżidwa ta' erba' snin biex b'hekk ikun meħtieġ haircut ta' valutazzjoni ta' 2,5 %. Il-prezz tas-suq ta' Assi A fis-suq ta' referenza tiegħu f'dak il-jum huwa 101,61 %. li jinkludi l-imgħax akkumulat fuq il-kupun. Il-kontroparti hija meħtieġa tipprovdi ammont ta' Assi A, li wara t-tnaqqis tal-haircut ta' valutazzjoni tat-2,5 %, jaqbeż l-ammont allokat ta' EUR 50 miljun. Il-kontroparti għalhekk tikkonsenja Assi A għal ammont nominali ta' EUR 50,6 miljun, li l-valur tas-suq aġġustat huwa ta' EUR 50 129 294 f'dak il-jum.".

# LINJA GWIDA (UE) 2016/2299 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-2 ta' Novembru 2016

## li temenda l-Linja Gwida (UE) 2016/65 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2016/32)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Centrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3, 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) L-assi kollha li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal- Eurosistema huma soġġetti għal miżuri speċifiċi tal-kontroll tar-riskju sabiex l-Eurosistema tkun protetta kontra telf finanzjarju f'ċirkustanzi fejn il-kollateral tagħha jkollu jiġi rrealizzat minħabba avveniment ta' inadempjenza ta' kontroparti. Bħala riżultat ta' reviżjoni regolari tal-qafas għall-kontroll tar-riskju, hemm bżonn li jsiru diversi aġġustamenti sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata.

(2) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/35) [1] għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) hija emendata skont kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli**

1. Skont it-Titolu VI tal-Parti Erbgħa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), assi negozjabbli għandhom ikunu soġġetti għal haircuts fil-valutazzjoni, kif iddefiniti fil-punt 97 tal-Artikolu 2 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), fil-livelli stipulati fit-Tabella 2 u 2a fl-Anness għal din il-Linja Gwida.

2. Il-haircut fil-valutazzjoni għal assi speċifiku tiddependi fuq il-fatturi li ġejjin:

(a) il-kategorija tal-haircut li għaliha jiġi allokat l-assi, kif iddefinit fl-Artikolu 2;

(b) il-maturità residwa jew il-ħajja medja ppeżata tal-assi kif iddefinit fl-Artikolu 3;

(c) l-istruttura tal-kupun tal-assi; u

(d) il-pass ta' kwalità ta' kreditu li għalih huwa allokat l-assi";

2. fl-Artikolu 2, il-punti (b) u (c) huma mibdula b'dan li ġej:

"(b) Strumenti ta' dejn maħruġin mill-gvern lokali u reġjonali, entitajiet ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema, banek ta' żvilupp multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll bonds koperti jumbo li jikkonformaw mal-(UCITS), huma inklużi fil-kategorija ta' haircut II;

(c) bonds koperti li jikkonformaw mal-UCITS li mhumiex bonds koperti jumbo li jikkonformaw mal-UCITS oħra u strumenti ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma inklużi fil-kategorija ta' haircut III;";

[1] Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-18 ta' Novembru 2015 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35) (ĠU L 14, 21.1.2016, p. 30).

3. L-Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Haircuts fil-valutazzjoni għall-assi negozjabbli**

1. Il-haircuts fil-valutazzjoni għal assi negozjabbli allokati għall-kategoriji ta' haircut I sa IV għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta':

(a) l-allokazzjoni tal-assi speċifiku għall-pass ta' kwalità ta' kreditu 1, 2 jew 3;

(b) il-maturità residwa tal-assi kif iddettaljata fil-paragrafu 2;

(c) l-istruttura tal-kupun tal-assi kif iddettaljata fil-paragrafu 2.

2. Għal assi negozjabbli allokati għall-kategoriji ta' haircut 1 sa IV, il-haircut fil-valutazzjoni applikabbli għandhom jiddependu fuq il-maturità residwa u l-istruttura tal-kupun kif ġej:

(a) Għal assi negozjabbli b'kupuni b'rata fissa jew żero, il-haircuts ta' valutazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont it-Tabella 2 tal-Anness ta' din il-Linja Gwida. Il-maturità rilevanti għad-determinazzjoni tal-haircut fil-valutazzjoni għandha tkun il-maturità residwa tal-assi.

(b) Għal assi negozjabbli b'kupuni varjabbli, il-haircuts fil-valutazzjoni għandhom ikunu ugwali għall-haircut fil-valutazzjoni applikata għal assi negozjabbli b'kupun fiss b'maturità residwa żero għal sena, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(i) Kupuni varjabbli b'perijodi ta' risettjar ta' aktar minn sena għandhom jiġu ttrattati bħala kupuni b'rata fissa u l-maturità relevanti sabiex jiġi applikat il-haircut fil-valutazzjoni għandha tkun il-maturità residwa tal-assi;

(ii) kupuni varjabbli li għandhom indiċi ta' inflazzjoni fiż-żona tal-euro bħala rata ta' referenza għandhom jiġu ttrattati bħala kupuni b'rata fissa u l-maturità relevanti sabiex jiġi applikat il-haircut fil-valutazzjoni għandha tkun il-maturità residwa tal-assi;

(iii) kupuni varjabbli b'minimu li ma huwiex daqs żero u/jew kupuni variabbli b'limitu massimu għandhom jitqiesu bħala kupuni ta' rata fissa.

(c) Il-haircut fil-valutazzjoni applikata għal assi li jkollhom aktar minn tip wieħed ta' struttura ta' kupun għandhom jiddependu biss fuq l-istruttura tal-kupun fis-seħħ matul il-ħajja li jkun fadal tal-assi u għandha tkun ugwali għall-ogħla haircut applikabbli għal assi negozjabbli bl-istess maturità residwa u l-istess pass ta' kwalità tal-kreditu. Kull tip ta' struttura ta' kupun fis-seħħ matul il-ħajja li jkun fadal tal-assi jista' jiġi kkunsidrat għal dan l-iskop.

3. Għal assi negozjabbli allokati għall kategorija ta' haircut V, irrispettivament mill-istruttura tal-kupun tagħhom, il-haircuts fil-valutazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont il-ħajja medja ppeżata tal-assi kif dettaljat fil-paragrafi 4 u 5. Il-haircuts il-valutazzjoni applikabbli għall-assi negozjabbli fil-kategorija V huma stabbiliti fit-Tabella 2a fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

4. Il-ħajja medja ppeżata tas-segment prijoritarju ta' titolu ggarantit b'assi għandha tiġi stmata bħala ż-żmien medju ppeżat li jifdal mistenni sakemm ikun sar ħlas lura għal dak is-segment. Għal titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma, il-kalkolu tal-ħajja medja ppeżata għandu jassumi li l-opzjonijiet tas-sejħa tal-emittent ma jiġux eżerċitati.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, "titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma" għandu jfisser titoli ggarantiti b'assi użati f'perċentwali ikbar minn 75 % tal-ammont nominali pendenti minn kontroparti li oriġinat t-titolu ggarantit b'assi jew minn entitajiet marbuta mill-qrib mal-oriġinatur. Dawn ir-rabtiet mill-qrib għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

4. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 5 huwa mibdul b'li ġej:

"5. Strumenti ta' dejn iggarantiti b'ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni ta' 36,5 %.";

5. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 7 huwa mibdul b'li ġej:

"7. Kull pretensjoni ta' kreditu sottostanti inkluża fl-aggregazzjoni ta' kopertura ta' strument ta' dejn mhux negozjabbli ggarantiti bi pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli (iktar 'il quddiem "DECC") għandha tkun soġġetta għal haircut fil-valutazzjoni applikata f'livell individwali skont ir-regoli stipulati fil-paragrafi 1 sa 4 iktar 'il fuq. Il-valur aggregat tal-pretensjonijiet ta' kreditu sottostanti inklużi fl-aggregazzjoni ta' kopertura wara l-applikazzjoni ta' haircuts fil-valutazzjoni għandu, f'kull mument, jibqa' ekwivalenti għal jew 'il fuq mill-valur tal-ammont prinċipali tad-DECC li jkun pendenti. Jekk il-valur aggregat jaqa' taħt il-livell minimu msemmi fis-sentenza preċedenti, id-DECC għandu jitqies ineliġibbli.";

6. L-Anness I għal-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) huwa ssostitwit bl-Anness għal din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2017. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

L-Anness tal-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS*

*Tabella 1*

**Kategoriji ta' haircuts għal assi negozjabbli eliġibbli bbażati fuq it-tip ta' emittent u/jew it-tip ta' assi**

| Kategorija I | Kategorija II | Kategorija III | Kategorija IV | Kategorija V |
|---|---|---|---|---|
| strumenti ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali<br>ċertifikati ta' dejn tal-BĊE<br>ċertifikati ta' dejn maħruġa minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv | strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet lokali u reġjonali<br>strumenti ta' dejn maħruġa mill-entitajiet ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema<br>strumenti ta' dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali<br>Bonds kopert jumbo li jikkonformaw tal-UCITS | Bonds koperti li jikkonformaw mal-UCITS li mhumiex bonds koperti jumbo li jikkonformaw mal-UCITS<br>bonds koperti oħra<br>strumenti ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji u korporazzjonijiet fis-settur tal-gvern | strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu<br>strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġin minn korporazzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu | Titoli ggarantiti b'assi |

*Tabella 2*

**Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategoriji ta' haircut I sa IV**

| | | Kategoriji ta' telf impost | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Kategorija I | | Kategorija II | | Kategorija III | | Kategorija IV | |
| | | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero |
| Passi 1 u 2 | [0-1) | 0,5 | 0,5 | 1,0 | 1,0 | 1,0 | 1,0 | 7,5 | 7,5 |
| | [1-3) | 1,0 | 2,0 | 1,5 | 2,5 | 2,0 | 3,0 | 10,0 | 10,5 |
| | [3-5) | 1,5 | 2,5 | 2,5 | 3,5 | 3,0 | 4,5 | 13,0 | 13,5 |
| | [5-7) | 2,0 | 3,0 | 3,5 | 4,5 | 4,5 | 6,0 | 14,5 | 15,5 |
| | [7-10) | 3,0 | 4,0 | 4,5 | 6,5 | 6,0 | 8,0 | 16,5 | 18,0 |
| | [10,∞) | 5,0 | 7,0 | 8,0 | 10,5 | 9,0 | 13,0 | 20,0 | 25,5 |

| | | Kategoriji ta' haircut | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Kategorija I | | Kategorija II | | Kategorija III | | Kategorija IV | |
| | | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero |
| Pass 3 | [0-1) | 6,0 | 6,0 | 7,0 | 7,0 | 8,0 | 8,0 | 13,0 | 13,0 |
| | [1-3) | 7,0 | 8,0 | 9,5 | 13,5 | 14,5 | 15,0 | 22,5 | 25,0 |
| | [3-5) | 9,0 | 10,0 | 13,5 | 18,5 | 20,5 | 23,5 | 28,0 | 32,5 |
| | [5-7) | 10,0 | 11,5 | 14,0 | 20,0 | 23,0 | 28,0 | 30,5 | 35,0 |
| | [7-10) | 11,5 | 13,0 | 16,0 | 24,5 | 24,0 | 30,0 | 31,0 | 37,0 |
| | [10,∞) | 13,0 | 16,0 | 19,0 | 29,5 | 24,5 | 32,0 | 31,5 | 38,0 |

(*) i.e. [0-1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1-3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

*Tabella 2a*

**Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategoriji ta' haircut V**

| | | Kategorija V |
|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Ħajja Medja Peżata (WAL) (*) | Haircut ta' valutazzjoni |
| Passi 1 u 2 (AAA sa A–) | [0-1) | 4,0 |
| | [1-3) | 4,5 |
| | [3-5) | 5,0 |
| | [5-7) | 9,0 |
| | [7-10) | 13,0 |
| | [10,∞) | 20,0 |

(*) i.e. [0-1) WAL ta' inqas minn sena, [1-3) WAL ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

*Tabella 3*

**Livelli tal-haircuts fil-valutazzjoni applikati għall-pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli b'pagamenti ta' imgħax fiss**

| | | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata fuq prezz teoretiku assenjat mill-BĊN | Pagament fiss ta' imgħax u valutazzjoni bbażata skont l-ammont pendenti assenjat mill-BĊN |
| Passi 1 u 2 (AAA sa A-) | [0-1) | 10,0 | 12,0 |
| | [1-3) | 12,0 | 16,0 |
| | [3-5) | 14,0 | 21,0 |
| | [5-7) | 17,0 | 27,0 |
| | [7-10) | 22,0 | 35,0 |
| | [10,∞) | 30,0 | 45,0 |
| | | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
| Kwalità tal-kreditu | Maturità residwa (snin) (*) | Pagament ta' imgħax fiss u valutazzjoni bbażata fuq prezz teoretiku assenjat mill-BĊN | Pagament fiss ta' imgħax u valutazzjoni bbażata skont l-ammont pendenti assenjat mill-BĊN |
| Pass 3 (BBB+ sa BBB-) | [0-1) | 17,0 | 19,0 |
| | [1-3) | 28,5 | 33,5 |
| | [3-5) | 36,0 | 45,0 |
| | [5-7) | 37,5 | 50,5 |
| | [7-10) | 38,5 | 56,5 |
| | [10,∞) | 40,0 | 63,0 |

(*) i.e. [0-1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1-3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.".

# LINJA GWIDA (UE) 2016/2300 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-2 ta' Novembru 2016

## li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2016/33)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u 18.2 tiegħu,

Billi:

(1) L-assi kollha li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal- Eurosistema huma soġġetti għal miżuri speċifiċi tal-kontroll tar-riskju sabiex l-Eurosistema tkun protetta kontra telf finanzjarju f'ċirkustanzi fejn il-kollateral tagħha jkollu jiġi rrealizzat minħabba avveniment ta' inadempjenza ta' kontroparti. Bħala riżultat ta' reviżjoni regolari tal-qafas għall-kontroll tar-riskju, hemm bżonn li jsiru diversi aġġustamenti fir-rigward ta' titoli ggarantiti b'assi sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata.

(2) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

### Emendi għal-Linja Gwida BĊE/2014/31

Il-Linja Gwida BĊE/2014/31 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "2. L-ABS msemmija fil-paragrafu 1 li m'għandhomx żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliċi ta' mill-inqas tal-pass 2 tal-kwalità ta' kreditu fl-iskala ta klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema skont l-Artikolu 82(1)(b) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) (*) għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni li jiddependi fuq il-ħajja medja ppeżata tagħhom kif speċifikat fl-Anness IIa.

   (*) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3)".

   (b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

   "2a. Il-ħajja medja ppeżata tas-segment prijoritarju ta' ABS għandha tiġi stmata bħala ż-żmien medju ppeżat li jifdal mistenni sakemm ikun sar il-ħlas lura għal dak is-segment. Għal ABS mobilizzati miżmuma, il-kalkolu tal-ħajja medja ppeżata għandu jassumi li l-opzjonijiet tas-sejħa tal-emittent ma jiġux eżerċitati.";

   (ċ) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

   (d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "5. BĊN jista' jaċċetta bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema ABS li l-assi sottostanti tagħhom jinkludu ipoteki fuq immobbli residenzjali jew self lil SMEs jew it-tnejn u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-kreditu taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Erbgħa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u r-rekwiżiti li għalihom hemm referenza fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 u

([1]) Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28)

l-paragrafu 4, imma li mill-bqija jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà applikabbli għall-ABS skont il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u għandhom żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliku ta' mill-anqas pass 3 tal-kwalità ta' kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu armonizzata tal-Eurosistema. Dawn l-ABS għandhom ikunu limitati għal dawk maħruġa qabel l-20 ta' Ġunju 2012 u għandhom ikunu suġġeti għal haircut fil-valutazzjoni li tiddependi fuq il-ħajja medja ppeżata tagħhom kif speċifikat fl-Anness IIa.";

(e) il-paragrafu 6 huwa mħassar;

(f) Fil-paragrafu 7, il-punt (g) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(g) "dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizz" tfisser dispożizzjonijiet fid-dokumentazzjoni legali ta' titolu ggarantit minn assi li jikkonsistu jew f'dispożizzjonijiet dwar il-servizzjant sostitut jew dispożizzjonijiet dwar il-faċilitatur tal-servizzjant sostitut (jekk ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni dwar il-servizzjant sostitut). F'każ ta' dispożizzjonijiet dwar il-faċilitatur tas-servizzjant sostitut, għandu jiġi nnominat faċilitatur tas-servizzjant sostitut u l-faċilitatur għandu jingħata l-mandat li jsib servizzjant sostitut xieraq fi żmien 60 jum minn meta jseħħ avveniment ta' skatt sabiex jiżgura pagament fil-ħin u s-servizzjar tat-titolu ggarantit minn assi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu l-iskattar tas-sostituzzjoni tas-servizzjant għall-ħatra ta' servizzjant sostitut, li jista' jkun ibbażat fuq klassifikazzjoni u/jew mhux ibbażat fuq klassifikazzjoni, eż. in-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi mis-servizzjant kurrenti. Fil-każ ta' dispożizzjonijiet ta' servizzjant sostitut, is-servizzjant sostitut m'għandux ikollu rabtiet mill-qrib mas-servizzjant. Fil-każ ta' dispożizzjonijet ta' faċilitatur servizzjant sostitut, m'għandux ikun hemm rabtiet mill-qrib bejn kull servizzjant, il-faċilitatur servizzjant sostitut u l-bank tal-kont tal-emittent fl-istess ħin;";

(g) fil-paragrafu 7, jiddaħħlu dawn il-punti (h) u (i):

"(h) "rabtiet mill-qrib" għandhom l-istess tifsira kif iddefiniti fl-Artikolu 138(2) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);

(i) "ABS mobilizzati miżmuma" tfisser ABS użati f'perċentwali ikbar minn 75 % tal-ammont nominali pendenti minn kontroparti li oriġinat l-ABS jew minn entitajiet b'rabtiet mill-qrib mal-oriġinatur.";

2. l-Anness ta' din il-Linja Gwida hija mdaħħla bħala Anness IIa.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2017. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Novembru 2016.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

*"ANNESS IIa*

**Livelli ta' valutazzjoni fil-haircut applikati lil titoli ggarantiti b'assi (ABS) eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) ta' din il-Linja Gwida**

| Ħajja Medja Ppeżata | Haircut fil-valutazzjoni |
|---|---|
| 0-1 | 6,0 |
| 1-3 | 9,0 |
| 3-5 | 13,0 |
| 5-7 | 15,0 |
| 7-10 | 18,0 |
| > 10 | 30,0" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT